# *Direttorju Omeletiku*

*Kongregazzjoni għall-Kult Divin u*

*d-Dixxiplina tas-Sagramenti*

*Għajnuna għas-Saċerdoti fl-Omeliji*

*Preżentat mis-Sala Stampa tal-Vatikan*

*9 ta' Frar 2015*

Ara t-test bit-Taljan ►

Ara t-test bl-Ingliż ►

## ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| KKK | Katekiżmu tal-Knisja Kattolika |
| DV | Dei Verbum |
| EG | Evangelii Gaudium |
| OLM | Ordo Lectionum Missae, Praenotanda (Introduzzjoni għal-Lezzjonarju) |
| SC | Sacrosanctum Concilium |
| VD | Verbum Domini |

**DIGRIET**

Kongregazzjoni għall-Kult Divin u
d-Dixxiplina tas-Sagramenti

Prot N. 531/41

Huwa tassew ta' min jagħti każ tal-fatt li Papa Franġisku xtaq jagħti attenzjoni konsiderevoli lit-tema tal-*omelija* fl-Eżortazzjoni Apostolika tiegħu *Evangelii gaudium*. L-aspett pożittivi kif ukoll dawk negattivi tal-istat tal-predikazzjoni kienu diġa suġġett espress mill-Isqfijiet miġbura fis-Sinodu u gwida għall-predikaturi kienu offruta permezz tal-Eżortazzjonijiet Apostoliċi post-sinodali *Verbum Domini* u *Sacramentum Caritatis* ta' Papa Beneditu XVI.

Minn din il-perspettiva, waqt li wieħed iżomm il-proviżjonijiet tal-Kostituzzjoni dwar is-Sagra Liturġika *Sacrosanctum Concilium* kif ukoll it-tagħlim Maġisterjali li ġie wara, u fid-dawl tal-*Introduzzjoni għall-Quddiesa* u l-*Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman*, dan id-*Direttorju Omeletiku* maqsum fi tnejn issa jinsab f'idejna.

Fl-ewwel parti li jisimha *L-Omelija u l-isfond liturġiku tagħha* insibu deskrizzjoni tan-natura u l-funzjoni u tal-kuntest speċifiku tal-omelija. Aspetti oħra huma wkoll indirizzati speċjalment ir-riferenza għall-Kelma t'Alla u t-tħejjija prossima u remota tal-omelija u dak li jibniha.

Fit-tieni parti msejħa *Ars Praedicandi* insibu t-temi essenzjali tal-metodu u l-kontenut tal-omelija li l-predikatur irid ikun konxju tagħhom, L-intenzjoni hija waħda indikattiva aktar milli li tgħajji lill-predikatur u għalhekk wieħed isib preżentazzjoni ta' proposti għaċ-ċirkli tal-Ħdud u l-Festi. Dan iċ-ċiklu jibda fil-qalba tas-sena liturġika – it-Tridu Mqaddes tal-Għid u Żmien il-Għid, ir-Randan, l-Avvent, Żmien il-Milied u Żmien ta' Matul is-Sena – u anke jikkunsidra l-Quddies ta' matul il-ġimgħa, iż-żwiġijiet u l-funerali. L-aspett prattiku joħroġ ċar fit-tipoloġija li toħroġ bejn iż-żewġ testmenti tal-Iskrittura u l-importanza tal-Vanġelu, l-ordni tal-qari u r-rabta bejn il-Liturġija tal-Kelma u dik tal-Ewkaristija. Joħroġ ċar ukoll l-irbit bejn il-messaġġ bibliku u t-testi liturġiċi, bejn iċ-ċelebrazzjoni u l-ħajja u bejn is-smigħ tal-Kelma u l-assemblea jew kongregazzjoni lesta biex tilqagħha.

Lejn it-tmiem hemm żewġ appendiċi . L-ewwel wieħed għandu l-għan li jorbot l-omelija mad-duttrina tal-Knisja bl-għajnuna tal-Katekiżmu. Fit-tieni appendiċi hemm riferenzi għal diversi dokumenti tal-Maġisteru dwar l-omelija.

Dan it-test kien preżentat lill-Padri tal-Kongregazzjoni tal-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti u kien imġedded u approvat fis-Sessjonijiet Ordinarji tas-7 ta' Frar u l-20 ta' Mejju 2014. Imbagħad kien ippreżentat lill-Papa Franġisku li approva l-pubblikazzjoni tad-*Direttorju Omeletiku*. Il-Kongregazzjoni tixtieq li 'l-omelija tkun tassew intensa u esperjenza ferieħha tal-Ispirtu, laqgħa konsolanti mal-Kelma t'Alla u għajn kontinwa ta' tiġdid u mixja 'l quddiem' (*Evangelii gaudium* 135). Kull predikatur għandu jagħmel tiegħu s-sentimenti ta' San Pawl 'aħna nxandru l-Evanġelju skond ma konna mġarrbin minn Alla qabel ma fdahulna f'idejna; u nfittxu li nogħġbu mhux lill-bnedmin imma lil Alla li jġarrab qlubna' (1 Tess 2: 4).

It-traduzzjonijiet jew qlib għall-ilsna prinċipali hija biċċa xogħol li ħa f'idejn dan id-Dikasteru filwaqt li traduzzjonijiet għal ilsna oħra jibqgħu fir-responsabilta' tal-Konferenzi konċernati tal-Isqfijiet.

Mogħti mill-uffiċji tal-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti nhar id-29 ta' Ġunju 2014, Solennità tal-Appostli San Pietru u San Pawl.

(Antonio Kardinal Canizares Llovera)
Prefett

(Arthur Roche)
Arċisqof Segretarju

**WERREJ**

Introduzzjoni
L-EWWEL PARTI
L-OMELIJA U L-ISFOND LITURĠIKU TAGĦHA
I. L-OMELIJA
II. L-INTERPRETAZZJONI TAL-KELMA T'ALLA FIL-LITURĠIJA
III. PREPARAZZJONI

IT-TIENI PARTI: *ARS PRAEDICANDI*
I. IT-TRIDU PASKWALI U L-ĦAMSIN ĠURNATA
A. Il-Qari tat-Testment il-Qadim f'Ħamis iċ-Ċirka
B. Il-Qari tat-Testment il-Qadim nhar il-Ġimgħa l-Kbira
C. Il-Qari tat-Tesment l-Qadim fil-Vġili tal-Għid
D. Il-Lezzjonarju tal-Għid
II. Il-ĦDUD TAR-RANDAN
A. L-Evanġelju tal-Ewwel Ħadd tar-Randan
B. L-Evanġelju tat-Tieni Ħadd rar-Randan
C. L-Evanġelju tat-Tielet, ir-Raba u l-Ħames Ħadd tar-Randan
D. Ħadd il-Palm
III. IL-ĦDUD TAL-AVVENT
A. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent
B. It-Tieni u t-Tielet Ħadd tal-Avvent
C. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent
IV. ŻMIEN IL-MILIED
A. Il-Liturġiji tal-Milied
B. Il-Festa tal-Familja Mqaddsa (Sagra Familja)
C. Is-Solennità ta' Marija Omm Alla
D. Is-Solennità tal-Epifanija
E. Il-Festa tal-Magħmudija tal-Mulej
V. IL-ĦDUD FI ŻMIEN TA' MATUL IS-SENA
VI. OKKAŻJONIJIET OĦRA
A. Il-Quddies ta' matul il-ġimgħa
B. Żwiġijiet
C. Funerali
APPENDIĊI 1: L-OMELIJA U L-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA
Ċiklu A
Ċiklu B
Ċiklu Ċ
Ġranet oħra qaddisa

# APPENDIĊI II; GĦEJJUN EKKLEŻJALI POST-KONĊILJARI RELEVANTI GĦALL-PREDIKAZZJONI

# INTRODUZZJONI

1. Dan id-Direttorju Omeletiku ġie miġbur bħala riżultat ta' talba magħmula minn parteċipanti tas-Sinodu tal-Isqfijiet li sar fis-sena 2008 dwar il-Kelma t'Alla. Bħala tweġiba għal din it-talba, il-Papa Benedittu XVI talab lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jippreparaw Direttorju dwar l-omelija (cf. VD 60). Hu kien diġa' wera interess f'dak li qalu l-Padri ta' Sinodu li kien sar qabel dwar l-importanza li għandha tingħata l-omelija (cf. *Sacramentum caritatis* 46). Is-suċċessur tiegħu Papa Franġisku wkoll jikkunsidra l-predikazzjoni bħala waħda mill-prijoritajiet tal-ħajja tal-Knisja, kif inhu evidenti mill-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium*.

   Fid-deskrizzjoni tal-omelija, il-Padri tal-Konċilju Vatikan II jenfasizzaw in-natura unika tal-priedka: 'L-omelija...għandha tiġbed il-kontenut tagħha minn għejjun bibliċi u liturġiċi u l-karattru tagħha għandha jkun wieħed ta' proklamazzjoni tal-għeġubijiet kbar ta' Alla fl-istorja tas-salvazzjoni, il-misteru ta' Kristu li huwa dejjem preżenti u attiv fina, speċjalment fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija (SC 35, 2). Għal ħafna sekli, il-priedka kienet tkun istruzzjoni morali u duttrinali fil-Quddiesa ta' nhar ta' Ħadd jew festi oħra imma mhux dejjem kienet tkun integrata maċ-ċelebhrazzjoni nfisha. Hekk kif il-moviment liturġiku Kattoliku li beda fis-seklu dsatax prova jerġa' jintegra l-pjetà personali u l-ispiritwalità liturġika fos til-fidili, hekk ukoll kien hemm tentattivi sabiex tissaħħaħ ir-rabta bejn l-Iskrittura u l-kult. Dawn it-tentattivi kienu nkuraġġuti mill-papiet matul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, u ħallew il-frott tagħhom fil-viżjoni tal-liturġija tal-Knisja mogħtija mill-istess Konċilju. In-natura u l-iskop tal-omelija għandu jinftiehem f'din il-perspettiva.

2. Għal dawn l-aħħar ħamsin sena ħafna uċuh tal-omelija ġew esplorati mill-Konċilju permezz tat-tagħlim maġisterjali tal-Knisja u permezz tal-esperjenza fil-ħajja ta' kuljum ta' dawk li jeżerċitaw dan il-ministeru. L-iskop ta' dan id-*Direttorju* huwa li jippreżenta l-iskop tal-omelija kif deskritt fid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan it-Tieni u anke fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium* u li jofru gwida bbażata fuq dak ir-riżorsi li jgħinu l-predikaturi sabiex iwettqu l-missjoni tagħhom b'mod effettiv. Appendiċi fi tmiem id-*Direttorju* jġib flimkien ir-riferenzi għad-dokumenti rilevanti, u dawn juru kif il-Konċilju ġie mifhum matul dan in-nofs seklu li

għadda. Jindikaw ukoll li hemm bżonn ta' riflessjoni ulterjuri sabiex tkun aċċertata predikazzjoni skont kif iridha l-Konċilju.

Bħala introduzzjoni, irridu nsemmu erba' temi importanti ta' sinifikat dejjiemi li jissemmew fid-dokumenti konċiljari. L-ewwel hemm il-post tal-Kelma t'Alla fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika u t-tifsira ta' din fl-iskop tal-omelija (cf. SC 24, 35, 52, 56). It-tieni, hemm il-prinċipji tal-interpretazzjoni biblika Kattolika kif imfissra fil-Konċilju li għandha l-espressjoni partikulari tagħha fl-omelija liturġika (cf. DV 9-13, 21). It-tielet, hemm il-konsegwenza ta' kif wieħed jifhem il-Bibbja u l-liturġija mill-predikatur innifsu u li tifforma l-ħajja kollha tiegħu spiritwali (cf. DV 25; *Presbyterorum Ordinis* 4, 18). Ir-raba' hemm il-ħtiġijiet ta' dawk li qed isegwu l-omelija li allura għandha tkun predikazzjoni diretta lejn il-kultura u ċ-ċirkustanzi tagħhom u dawn ukoll huma punti li jiddeterminaw il-forma tal-omelija. Hekk is-semmiegħa jkunu jistgħu jikkonvertu lejn l-Evanġelju (cf. *Ad gentes* 6). Dawn id-direttivi qosra imma importanti influwenzaw il-predikazzjoni Kattolika sa mill-Konċilju 'l hawn; il-ħsibijiet tagħhom sabu espressjoni konkreta fil-leġislazzjoni tal-Knisja u ġew żviluppati fit-tagħlim papali kif juru ċ-ċitazzjonijiet f'dan id-*Direttorju* kif jidhru fl-Appendiċi II.

3.Dan id-*Direttorju Omelitiku* jfittex li jassimila l-ħsibijiet tal-aħħar ħamsin sena, li jġedded lil dawn b'mod kritiku u li jgħin il-predikaturi japprezzaw l-iskop tal-omelija u joffri wkoll assistenza lill-predikaturi sabiex iżommu ħajja l-Knisja stess. L-attenzjoni hija primarjament fuq l-omelija tal-Ewkaristija tal-Ħadd, imma dak li jingħad hawn jgħodd ukoll *mutatis mutandis*, jiġifieri għall-predikazzjoni li tiġi inkluża f'kull ċelebrazzjoni oħra sagramentali jew liturġika. Is-suġġerimenti huma ta' natura ġenerali: l-omelija hija dimensjoni waħda tal-ministeru li jvarja kemm minħabba d-differenzi kulturali kif ukoll minħabba d-doni u l-limitazzjonijiet tal-predikatur. Kull predikatur jixtieq li jippriedka aħjar u kultant il-ħafna ħidma tal-kura pastorali twassal għal nuqqas ta' inkuraġġiment. Huwa minnu li xi nies huma aktar effettivi minn oħrajn fil-predikazzjoni tagħhom minħabba t-talenti jew il-formazzjoni li ħadu. Imma s-sens ta' limitazzjoni personali f'dan il-qasam m'għandux jaqtagħlna qalbna meta niftakru li Mosè wkoll kien itemtem (Eż 4: 10), li Ġeremija kien iħossu żgħir wisq għas-sejħa tiegħu (Ġer 1: 6) u li Pawlu kien iħossu jibża' (1 Kor 2: 2-4). M'hemmx għalfejn li wieħed ikun xi oratur kbir sabiex ikun predikatur effettiv. B'mod naturali, l-arti tal-oratorju jew id-diskors fil-pubbliku, jinkludi l-użu tajjeb tal-vuċi u l-ġesti l-oħra u dan huwa ingredjent important għal omelija tajba. Filwaqt li dan is-suġġett imur lil hinn mill-iskop tad-*Direttorju*, din hija parti importanti fl-omelija li wieħed irid jindirizza. Dak li hu essenzjali hu li l-

predikatur jagħmel il-Kelma t'Alla ċentrali għall-ħajja spiritwali tiegħu u li jkun jaf in-nies tiegħu sewwa u li jirrifletti fuq il-ġrajjiet taż-żmien u li fuq kollox li fil-faqar spiritwali tiegħu jistieden fil-fidi lill-Ispirtu s-Santu sabiex ikun hu l-aġent li jmexxi l-qlub u jressaqhom lejn il-misteri qaddisa. Papa Franġisku jeżorta lill-predikaturi: 'Ejjew inġeddu l-kunfidenza tagħha fil-predikazzjoni, ibbażata fuq il-konvinzjoni li huwa Alla li qed ifittex li jilħaq lill-oħrajn permezz tal-predikatur, u li hu juri s-setgħa tiegħu permezz tal-kliem tal-bnedmin' (EG 136).

## L-EWWEL PARTI
## L-OMELIJA U L-ISFOND LITURĠIKU TAGĦHA

### L-OMELIJA

4.In-natura unika tal-omelija tinsab miġbura fir-rakkont ta' Luqa ta' meta Ġesù jippriedka fis-sinagoga ta' Nazaret (cf. Lq 4: 16-30). Wara li jaqra silta minn Iżaija, hu jagħlaq il-ktieb u jgħid: 'Din il-kelma seħħet illum intom u tisimgħu' (Lq 4: 21). Meta naqraw bir-reqqa din is-silta, aħna nħossu s-sens ta' eċitament li nħass fis-sinagoga: il-proklamazzjoni tal-Kelma t'Alla fl-assemblea hija ġrajja fiha nfisha. Kif naraw fil-*Verbum Domini* '...il-liturġija hija l-isfond privileġġjat li fih Alla jitkellem magħna fil-qalba ta' ħajjitna; hu jitkellem illum mal-poplu tiegħu: permezz tal-ġrajjiet fil-ħaja tagħna, permezz tal-istudju personali tal-Iskrittura, fi żmien ta' talb sieket. Imma l-liturġija hija wkoll l-isfond privileġġjat għaliex hu hawnhekk li nisimgħu l-Kelma t'Alla bħala parti minn ċelebrazzjoni li tilħaq il-qofol tagħha fl-offerta sagrifikali ta' Kristu lill-Missier Etern. Il-*Katekiżmu* jistqarr li 'l-Ewkaristija tagħmel il-Knisja' (KKK 1396), imma wkoll li l-Ewkaristija hija inseparabbli mill-Kelma t'Alla (cf. KKK 1346).

Proprju għaliex l-omelija hija parti integrali mil-liturġija, mhijiex biss istruzzjoni imma wkoll azzjoni ta' kult. Meta naqraw l-omeliji tal-Padri, aħna nsibu li ħafnaminnhom ikkonkludew id-diskors tagħhom b'dossoloġija u l-kelma 'Ammen': huma fehmu li l-iskop tal-omelija ma kienx li jqaddsu biss lill-poplu imma li jigglorifikaw lil Alla. L-omelija hija innu ta' gratitudni għall-*magnalia Dei* li mhux biss turi lil dawk miġbura li l-Kelma t'Alla qed isseħħ imma wkoll tfaħħar Alla għal il-għaġeb kbir.

Minħabba n-natura liturġika tagħha, l-omelija tippossedi sinifikat sagramentali: Kristu huwa preżenti fl-assemblea miġbura biex tisma' l-Kelma u fil-predikazzjoni tal-ministru tiegħu li permezz tiegħu l-Mulej li tkellem ħafna snin ilu fis-sinagoga ta' Nazaret jimexxi l-poplu tiegħu. Fi kliem il-*Verbum Domini* 'Is-sagramentalita' tal-Kelma trid tinftiehem permezz ta' analoġija mal-preżenza reali ta' Ġesù taħt ix-xbiehat tal-ħobż u l-inbid kkonsagrat. Meta wieħed jersaq lejn l-altar u jieħu sehem fl-Ewkaristija, in-Nisrani jkunjieħu sehem fil-ġisem u d-demm ta' Krisdtu. Ix-xandir tal-Kelma t'Alla fiċ-ċelebrazzjoni jwassal għall-għarfien ta' Kristu preżenti li jitkellem magħna u jrid li nisimgħuh' (VD 56).

5. Huwa proprju għaliex l-omelija hija parti integrali mill-kult tal-Knisja li għandha tingħata biss mill-isqfijiet, is-saċerdoti u d-djakni. Ir-rabta bejn il-mejda tal-Kelma u l-mejda tal-altar tant hija intima li jixraq li 'l-omelija tingħata mis-saċerdot innifsu' (*Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* 66) jew minn xi persuna ordinata li tkun qed tippresiedi jew tassisti fuq l-altar. Mexxejja mħejjija sewwa jistgħu jagħtu istruzzjoni solida u eżortazzjonijiet tajba u għandu jkun okkażjonijiet bħal dawn f'kuntesti oħra; imma huwa fin-natura intrinsikament liturġika tal-omelija li din tingħata minn persuna ordnata biex tmexxi l-kult divin (cf. *Redemptionis Sacramentum* 161).

6. Il-Papa Franġisku josserva li l-omelija hija 'ġeneru distintiv ladarba l-predikazzjoni ssir fi ħdan inkwadratura ta' ċelebrazzjoni liturġika: mela għandha tkun qasira u tevita li tkun qisha lecture universitarja' (EG 138). In-natura liturġika tal-omelija titfa' dawl fuq l-iskop uniku tagħha. Huwa ta; għajnuna li wieħed jgħid x'mhijiex l-omelija.

Mhijiex priedka fuq suġġett astratt; fi kliem ieħor il-Quddiesa mhijiex okkażjoni għall-predikatur li jindirizza xi suġġett li ma jkollux x'jaqsam maċ-ċelebrazzjoni liturġiku u l-qari tagħha jew li jagħmel vjolenza lit-testi provduti mill-Knisja billi jibdilhom skont xi idea li jkun ħaseb fiha qabel jew biex taqdi lilu. L-omelija lanqas hija eżerċizzju fl-eseġeżi biblika. Il-poplu t'Alla għandha għatx li jesplora l-Iskrittura u r-rgħajja għandhom jipprovdu opportunnitajiet għal dawn ir-riżorsi. L-Omelija tal-Ħadd mhijiex l-okkażjoni biex wieħed jidħol fil-fond ta' xi eseġeżi biblika; lanqas il-ħin ma jippermetti dan. L-omelija għandha tfittex li xxandar il-Kelma t'Alla issa u hawnhekk. L-omelija lanqas hija istruzzjoni kateketika imqar jekk il-katekeżi hija dimensjoni importanti tal-omelija. Bħal fil-każ ta' eseġeżi biblika, dan m'hemmx ħin biex isir lanqas. Diskors bħal dan ma jkunx integrali għall-bqija taċ-ċelebrazzjoni. Il-predikatur lanqas għandu joqgħod jitkellem fuq ix-xhieda personali jew l-esperjenza privata tiegħu. Huwa minnu li n-nies tista' titqanqal minn stejjer personali imma l-omelija għandha tesprimi l-fidi tal-Knisja u mhux l-istorja tal-predikatur. Kif iwissi Papa Franġisku, il-predikazzjoni hija purament moralistika, duttrinali jew sempliċiment lecture fuq eseġeżi biblika u tbiegħed l-attenzjoni mill-komunikazzjoni bejn żewġt iqlub li għandha ssir fl-omelija. L-omelija mela għandha karattru semi-sagramentali għax il-fidi ġejja minn dak li wieħed jisma' (cf. EG 142).

7. Meta ngħidu li l-omelija mhi xejn minn dan kollu, dan ma jfissirx li l-eseġeżi biblika, ix-xhieda personali u l-istruzzjoni duttrinali m'għandhomx post fil-predikazzjoni; dawn jistgħu jkunu għodda effettiva bħala elementi

f'omelija tajba. Importanti għall-predikatur li jorbot it-testi ta' ċelebrazzjoni partikulari mal-ġrajjiet tal-ġurnata u li jaqsam il-frott tal-istudju huwa jispjega silta mill-Iskrittura u juri r-rabta bejn il-Kelma t'Alla u d-duttrina tal-Knisja. Bħan-nar, dawn il-ħwejjeġ jagħmlu qaddejja tajba imma sidien foqra; huma jservu l-għan tal-omelija, huma tajbin; jekk jieħdu post l-omelija, ma jibqgħux tajbin. Il-predikatur jeħtieġ li jitkellem b'tali mod li s-semmiegħa tiegħu iħossu li hu jemmen fil-qawwa ta' Alla. Ma jridx ibaxxi l-istandards tal-messaġġ tiegħu għal-livell tax-xhieda personali tiegħu jew jibża' li ħa jkun akkużat li mhux qed jipprattika dak li qed jippriedka. Ladarba mhux qed jippriedka lilu nnifsu imma lil Kristu, hu jista' mingħajr ipokrisija juri l-għoli tal-qdusija li għalih hu qed jaspira li jilħaq.

8. Jeħtieġ li jkun enfasizzat ukoll li l-omelija trid tkun magħmula skont il-ħtiġijiet tal-komunità partikulari u tiġbed l-ispirazzjoni minnha. Papa Franġisku għandu dan x'jgħid fl-*Evangelium Gaudium :*

> L-Ispirtu, li dawwal il-kitba tal-Vanġeli u li jaħdem fil-Poplu ta' Alla, inebbaħna wkoll dwar kif għandna nisimgħu l-fidi tal-poplu u kif għandna nipprietkaw f'kull Ewkaristija. Il-prietka Nisranija, għalhekk, issib fil-qalb tal-kultura tal-poplu għajn ta' ilma ħaj, kemm biex tkun taf x'għandha tgħid, u kemm biex issib il-mod it-tajjeb kif tgħidu. Kif ilkoll kemm aħna nieħdu pjaċir li xi ħadd ikellimna bi lsien missirijietna, hekk ukoll fil-fidi, nieħdu gost b'min ikellimna bil-"kultura ta' missirijietna", bid-djalett matern tagħna (ara 2 Mak 7:21,27), u l-qalb tkun lesta li tisimgħu wisq aktar. Din il-lingwa hi bħal melodija li tnebbaħ kuraġġ, nifs, qawwa, ħeġġa(139)

9. Wieħed jistaqsi mela x'inhi l-omelija? Żewġ siltiet qosra mill-*Praenotanda* tal-kotba liturġiċi tal-Knisja jwieġbu din il-mistoqsija. L-ewwel waħda, fl-*Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* naqraw

> L-omelija hija parti mil-Liturġija u hija rakkomandata bil-qawwa għax hija maħtieġa għall-għajxien tal-ħajja Nisranija. Għandha tkun espożizzjoni ta' xi aspett tal-qari mill-Iskrittura jew xi test ieħor mill-Proprju tal-Quddiesa tal-ġurnata u għandha tieħu in kunsiderazzjoni kemm il-misteru ċċelebrat kif ukoll il-ħtiġijiet partikulari tas-semmiegħa (65)

**10.** L-*Introduzzjoni* tal-Lezzjonarju tespandi b'xi mod din id-deskrizzjoni:

Matul il-kors tas-sena liturġika, l-omelija tqiegħed il-misteri tal-fidi u l-istandards tal-ħajja Nisranija fuq il-bażi tat-test sagru......L-iskop tal-omleija fil-

Quddiesa hija l-kelma mitkellema ta' Alla u l-liturġija tal-Ewkaristija flimkien li jsiru 'xandira tal-għeġubijiet ta' Alla fl-istorja tas-salvazzjoni, il-misteru ta' Kristu' (SC 35, 2). Matul il-qari u l-omelija l-Misteru Paskwali ta' Kristu huwa mxandar; permezz tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa jsir preżenti. Kristu nnifsu hu dejjem preżenti u attiv fil-predikazzjoni tal-Knisja tiegħu.

Jekk l-omelija tispjega t-test tal-Iskrittura Mqaddsa li jkun imxandar fil-qari jew xi test ieħor tal-Liturġija, din għandha twassal lill-komunità tal-fidili sabiex jiċċelebraw l-Ewkaristija b'mod attiv 'sabiex ikunu jistgħu jorbtu ħajjithom mal-fidi' (SC 10). Minn din l-ispjegazzjoni ħajja, il-Kelma t'Alla mxandra fil-qari u ċ-ċelebrazzjoni tal-Knisja tal-liturġija tal-ġurnata jkollhom impatt akbar. Imma dan jitlob li l-omelija tkun tassew il-frott tal-meditazzjoni mħejjija tajjeb u la twila wisq u lanqas qasira u adattata għal dawk preżenti, anke t-tfal jew persuni mingħajr edukazzjoni (OLM 24).

11. Ta' min isemmi punti fundamentali f'dawn iż-żewġ deskrizzjonijiet. Fis-sens l-aktar wiesa', l-omelija hija diskors dwar il-misteri tal-fidi u l-istandards tal-ħajja Nisranija b'mod li jkun adatt għas-semmiegħa fil-ħtiġijiet tagħhom. Din hija deskrizzjoni qasira ta' diversi tipi ta' predikazzjoni u eżortazzjoni. Il-forma speċifika tal-omelija hija suġġerita mill-kelmiet 'fuq il-bażi tat-test sagru' li jirriferi għas-siltiet bibliċi u t-talb użat fiċ-ċelebrazzjoni liturġika. It-talb jipprovdi ermenewtika għall-interpretazzjoni li l-predikatur irid jagħmel tat-testi bibliċi. Dak li jiddistingwi l-omelija minn forom oħra ta' istruzzjoni huwa l-*kuntest liturġiku*. Din il-komprensjoni ssir kruċjali meta s-setting tal-omelija jkun iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Dak li d-dokumenti jgħidu dwar dan hu essenzjali sabiex wieħed jifhem l-iskop tal-omelija. Il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija tal-Ewkaristija flimkien ixandru l-għeġubijiet ta' Alla fis-salvazzjoni miġjuba minn Ġesù: '..permezz tal-qari u l-omelija l-Misteru Paskwali ta' Ġesù hu mxandar u jsir preżenti'. L-omelija fil-Quddiesa 'trid tkun dejjem twassal għall-komunità tal-fidili sabiex jiċċelebraw l-Ewkaristija b'mod attiv 'sabiex iżommu marbuta qawwija f'ħajjithom ma' dak li jkunu diġa kisbu permezz tal-fidi' (SC 10)' (OLM 24).

12. Id-deskrizzjoni tal-omelija fil-Quddiesa tissuġġerixxi dinamika sempliċi u qawwija. L-ewwel moviment huwa suġġerit mill-kelmiet: 'permezz tal-qari u l-omelija l-Misteru Paskwali ta' Kristu hu mxandar'. Il-predikatur jitkellem dwar il-qariu t-talb taċ-ċelebrazzjoni b'tali mod li t-tifsira tkun tinsab fil-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Huwa qawwi l-mod kif 'il-qari u l-omelija' huma assoċjati f'din il-formulazzjoni mal-punt li x-xandir fqir tal-qari bibliku jista' jaffetwa b'mod ħażin l-omelija. It-tnejn li huma jinsabu mxandra u dan ifisser kemm l-

omelija hija *azzjoni liturġika* u fil-fatt hija tip ta' estensjoni tal-proklamazzjoni tal-qari nnifsu. Ir-riflessjoni tista' tmiss sewwa t-tagħlim morali u duttrinali suġġerit mit-testi.

13. It-tieni moviment huwa suġġerit mill-kelmiet: 'permezz tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa l-Misteru Paskwali jsir preżenti'. It-tieni parti tal-omelija tipprepara l-komunità biex tiċċelebra l-Ewkaristija u tagħraf li f'din iċ-ċelebrazzjoni wieħed ikun qed jieħu sehem mill-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Virtwalment, l-omelija tista' titfisser li trid tirrepeti l-kliem ta' San Pawl: 'Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; lkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda' (1 Kor 10: 16)

14. It-tielet moviment li jista' jkun iqsar u jiffunzjona bħala konklużjoni jissuġerixxi kif il-membri tal-komunità, trasformati mil-Ewkaristija, jistgħu jwasslu l-Evanġelju fid-dinja tal-ħajja ta' kuljum. Naturalment, il-qari bibliku se jipprovdi l-kontenut u d-direzzjoni għal applikazzjonijiet bħal dawn imma l-predikatur jeħtieġ ukoll li juri l-effett tal-Ewkaristija nfisha li tkun se tiġi ċċelebrata.

15. Fuq kollox, l-omelija hija ffurmata minn dinamika sempliċi ħafna: hi tirrifletti fuq it-tifsira tal-qari u t-talb ta' ċelebrazzjoni fid-dawl tal-Misteru Paskwali: u twassal ukoll biex l-assemblea tiċċelebra l-Ewkaristija u tidħol tagħmel sehem mill-Misteru (eżempji ta' dan insibuh fit-tieni parti tad-*Direttorju* ). Dan ifisser li s-setting liturġiku huwa muftieħ essenzjali għall-interpretazzjoni tas-silta biblika mxandra fiċ-ċelebrazzjoni u allura se nduru għal din l-interpretazzjoni.

## II. NINTERPRETAW IL-KELMA T'ALLA FIL-LITURĠIJA

16. Ir-riforma post-konċiljari wasslet sabiex il-predikazzjoni tkun aktar sinjura matul il-Quddiesa. Fil-prattika l-predikatur sikwit jistaqsi din il-mistoqsija dwar l-omelija u kif għandu jibnija permezz tal-kummentarji bibliċi. Kultant tkun nieqsa s-sensittivita' għan-natura unika tal-omelija bħala parti integrali taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Meta l-omelija hija mifhuma bħala parti organika mill-Quddiesa, ikun ċar li l-predikatur ikun mitlub jara l-kostellazzjoni tal-qari u t-talb kollu taċ-ċelebrazzjoni bħala interpretazzjoni tal-Kelma t'Alla. Fi kliem Papa Beneditu XVI

> Ir-riforma mitluba mill-Konċilju Vatikan II ħalliet frott għax fetħet aċċess akbar għall-Iskrittura u dan jinħass fil-Quddiesa tal-Ħadd. L-istruttura preżenti tal-Lezzjonarju mhux biss tippreżenta t-testi l-aktar importanti tal-Iskrittura b'aktar frekwenza imma wkoll tgħinna nifhmu l-unità tal-pjan

t'Alla fit-Testment il-Qadim u fil-Ġdid permezz tal-qari u fihom hemm Kristu bħala figura ċentrali tal-Misteru Paskwali (OLM 66) (VD 57)

Il-Lezzjonarju li għadna llum huwa riżultat tax-xewqa espressa tal-Konċilju li 'it-teżori tal-Bibbja għandhom ikunu miftuħa għal kulħadd sabiex il-fidili jixorbu minn dan il-ġid tal-mejda tal-Kelma t'Alla' (SC 51). Imma l-Padri tal-Konċilju Vatikan II mhux biss ħallewlna dan il-Lezzjonarju:huma provdew ukoll prinċipji sani għall-eseġeżi biblika li huma tajbin għall-omelija.

17. Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jippreżenta t-tliet kriterji għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura kif imfissra fil-Konċilju b'dawn il-kelmiet:

1. *Kunu attenti ħafna għall-'kontenut u l-unita' tal-Iskrittura kollha'* . Minkejja li ħafna huma l-kotba tal-Iskrittura, imma l-Kelma ta' Alla hija f'għaqda waħda ma' Alla u l-pjan tiegħu li fih hemm fiċ-ċentru Sidna Ġesù Kristu.

Il-frażi 'qalb ta' Kristu' tista' tirreferi għall-Iskrittura Mqaddsa li turi l-qalb tiegħu, magħluqa qabel il-Passjoni ladarba l-Iskrittura ma kinitx ċara. Imma l-Iskrittura nfetħet fil-Passjoni; hekk wieħed jista' jifhem u jiddixxerni l-profeziji (KKK 112, ċitazzjoni ta' San Tumas t'Akwinu *Expositio in Psalmos* 21, 11).

2.*Aqra l-Iskrittura fi ħdan 'it-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha'.* Skont proverbju tal-Padri, l-Iskrittura hija miktuba prinċipalment fil-qalb tal-Knisja u mhux fid-dokumenti għaliex il-Knisja għandha fit-Tradizzjoni tagħha l-memorjal ħaj tal-Kelma t'Alla, u huwa l-Ispirtu s-Santu li jagħtiha l-interpretazzjoni spiritwali (KKK 113, ċitazzjoni minn Oriġene, *Homiliae in Leviticum* 5, 5).

3.*Kunu attenti għall-analoġija tal-fidi*. B'analoġija tal-fidi nifhmu l-koerenza tal-veritajiet tal-fidi bejniethom u fi ħdan il-pjan sħiħ tar-Rivelazzjoni (KKK 114).

Waqt li dawn il-kriterji huma importanti għall-interpretazzjoni tal-Iskrittura f'kull kuntest, huma ta' għajnuna l-aktar meta wieħed jipprepara l-omelija tal-Quddiesa. Nikkunsidraw ftit ir-relazzjoni tagħhom mal-omelija.

18.L-ewwel 'il-kontenut u l-unita' tal-Iskrittura kollha'. Is-silta sabiħa minn San Tumas ikkwotata fil-*Katekiżmu* turi r-relazzjoni bejn il-Misteru Paskwali u l-Iskrittura. Il-Misteru Paskwali jiftaħ it-tifsira tal-Iskrittura u ma jħallihiex 'oskura' (Lq 24: 26-27). F'dan id-dawl, l-uffiċju tal-predikatur huwa li jgħin lin-nies jaqraw l-Iskrittura fid-dawl tal-Misteru Paskwali b'tali mod li Kristu jirrivela f'qalbhom dak li San Tumas jgħaqqad hawnhekk mal-kontenut u ċ-ċentru tal-Iskrittura.

19. L-unita' tal-Iskrittura kollha tingħaqad fl-istruttura tal-Lezzjonarju bil-mod kif l-Iskrittura hija mifruxa fuq is-sena kollha. Fiċ-ċentru tagħha naraw l-Iskrittura li biha l-Knisja tipproklama u tiċċelebra t-Tridu Paskwali. Imma dan hu mħejji mil-lezzjonarju tar-Randan u estiż fil-lezzjonarju tal-Għid. Xi ħaġa simili nsibuha fiċ-ċikli Avvent-Milied-Epifanija. L-għaqda tal-Iskrittura kollha hija nkarnata fl-istruttura tal-Lezzjonarju tal-Ħadd u l-Lezzjonarju tas-Solennitajiet u l-festi l-kbar. Fil-qalba ta' kollox tinsab is-silta tal-ġurnata; il-Qari tat-Testmet il-Qadim jintagħżel fid-dawl tat-Testment il-Ġdid. Is-silta mill-appostlu tippreżenta fil-Ħdud qari semi-kontinwu tal-Ittri u allura ma tkunx marbuta intrinsikament mal-Vanġelu. Imma xorta waħda kemm-il darba jkun hemm irbit bejn it-tliet siltiet sabiex il-Bibbja tkun rivelatorja. Il-Katekiżmu u d-*Dei Verbum* jaraw 'il-kontenut u l-unita' tal-Iskrittura kollha'.

20. It-tieni, hemm 'it-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha'. Fil-*Verbum Domini* il-Papa Benedittu XVI juri l-importanza tal-kriterju fundamentali tal-ermenewtika biblika; 'is-setting ewlieni għall-interpretazzjoni biblika huwa l-ħajja tal-Knisja' (29). Ir-relazzjoni bejn Tradizzjoni u Skrittura hija profonda u kumplessa imma ċertament il-liturġija tirrappreżenta manifestazzjoni unika ta' din ir-relazzjoni. Għaqda organika teżisti bejn il-Bibbja u l-liturġija; matul is-sekli li matulhom l-Iskrittura nkitbet u l-kanoni bibliku kien qed jieħu l-forma l-Poplu t'Alla kien xorta waħda qiegħed jiltaqa' għall-kult; il-kitbiet inħolqu f'dawn il-laqgħat (cf. Kol 4: 16). Il-predikatur irid jagħti każ tal-oriġini liturġiku tal-Iskrittura u jfittex li jsib punti sabiex jiftaħ it-test f'kuntest ġdid għall-komunità li lilha jippriedka. It-test il-qadim ikun għadu ħaj u dejjem ġdid fil-mument tax-xandir. L-Iskrittura hija diġa Tradizzjoni; l-Iskrittura mxandra hija magħquda maċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika u allura hija Tradizzjoni. Dan huwa teżor tremend ta' interpretazzjoni li ilu jinġabar għal sekli sħaħ. Il-misteru ta' Kristu huwa mifhum aktar fi ħdan il-Knisja u l-għarfien ta' Kristu mill-Knisja huwa Tradizzjoni. Il-predikatur huwa mistieden jersaq lejn il-qari mhux b'għażla arbitrija tat-test imma bħala opportunità li jirrifletti fuq is-siltiet magħżula mit-Tradizzjoni tal-Knisja kollha għax it-Tradizzjoni hija espressa fil-qari magħżul u fit-testi tat-talb tal-liturġija. Dawn it-testi tat-talb huma monumenti tat-Tradizzjoni u marbuta mal-Iskrittura jew meħuda mill-Kelma t'Alla.

21. It-tielet, l-'analoġija tal-fidi'. F'sens teoloġiku, dan jirriferi għall-qalba ta' duttrini varji u l-ġerarkija tal-veritajiet tal-fidi. Il-qalba tal-fidi hija l-misteru tat-Trinità u l-istedina għalina sabiex nipparteċipaw fil-ħajja divina. Din ir-realtà hija rivelata u effettwata permezz tal-Misteru Paskwali: għalhekk il-predikatur irid jinterpreta l-Iskrittura b'tali mod li jwassal il-Misteru Paskwali u jwassal lill-poplu

biex jidħol fiċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika. Din it-tip ta' interpretazzjoni kienet parti essenzjali mill-predikazzjoni apostolika sa mill-bidu nett kif naqraw fil-*Verbum Domini:*

> Hawnhekk, fil-qalba tal-'Kristoloġija tal-kelma', huwa importanti li nenfasizzaw l-unità tal-pjan divin fil-Kelma inkarnata: it-Testment il-Ġdid jippreżenta l-Misteru Paskwali fi qbil mal-Iskrittura. San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin jgħid li Ġesù Kristu miet għal dnubietna 'fi qbil mal-Iskrittura' (15: 3) u li qam mill-mewt tit-tielet jum 'skont l-Iskrittura' (15: 4). L-Appostlu jorbot flimkien il-ġrajja tal-mewt tal-Mulej u tal-qawmien tiegħu mal-istorja tal-Patt il-Qadim ta' Alla mal-poplu tiegħu. Jurina kif minn dik il-ġrajja, l-istorja tirċievi s-sens kollu tagħha. Fil-Misteru Paskwali 'il-kliem tal-Iskrittura' jsir verità; il-mewt li seħħet fi qbil mal-Iskrittura hija ġrajja li fiha hemm il-*logos*. Teżisti loġika interjuri li turi li Kristu jixhed għall-kelma t'Alla għax sar bniedem. Mela l-qawmien tal-Mulej iseħħ 'fit-tielet jum skont l-Iskrittura'; it-twemmin Lhudi kien li fit-tielet jum il-ġisem jitħassar, mela l-kelma tal-Iskrittura hija msaħħa u mwettqa f'Ġesù li jqum mill-mewt. Għalhekk San Pawl jgħid (1 Kor 15: 3) li r-rebħa ta' Kristu fuq il-mewt seħħet permezz tas-setgħa kreattiva fil-kelma ta' Alla. Din is-setgħa divina ġġib tama u ferħ: dan huwa l-kontenut liberanti tar-rivelazzjoni paskwali. Fl-Għid, Alla jirrivela lilu nnifsu u s-setgħa tal-imħabba Trinitarja li tkisser is-setgħat tal-ħażen u l-mewt (13)

Hija din l-għaqda tal-pjan divin li tagħmilha f'waqtha li l-predikatur jipprovdi katekei duttrinali u morali matul l-omelija. Duttrinalment, in-naturi divina u umana ta' Kristu magħqud f'persuna singola, id-divinita' tal-Ispirtu s-Santu, il-kapaċità ontoloġika tal-Ispirtu u tal-Iben li jgħaqqduna mal-Missier fis-sehem tagħna fil-ħajja Trinitarja, in-natura divina tal-Knisja – dawn id-duttrini u oħrajn huma formulati bħala s-sens l-aktar profond ta' dak li għandha xxandar l-Iskrittura u dak li għandhom iwettqu s-sagramenti. F'omelija d-duttrini mhumiex preżentati kif suppost ikunu fi trattat jew spjegazzjoni skolastika. Imma xorta waħda dan id-duttrini jiggwidaw il-predikatur u jassiguraw li jasal biex jippriedka dwar it-tifsira l-aktar profonda tal-Iskrittura u s-sagrament.

22. Il-Misteru Paskwali li wieħed jiltaqa' miegħu fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jitfa' dawl mhux biss fuq l-Iskrittura imma wkoll fuq il-ħajja tas-semmiegħa. Skop ieħor tal-omelija huwa li wieħed jgħin il-Poplu t'Alla jgħix dan il-Misteru. Il-Katekiżmu permezz tal-kliem ta' San Ġwann Eudes jippunta lejn l-identifikazzjoni ma' Kristu li hija kundizzjoni fundamentali tal-ħajja Nisranija:

Jien nitolbok tikkunsidra li l-Mulej Ġesù Kristu huwa r-ras veru tiegħek u li inti wieħed mill-membri tiegħu. Hu jappartjeni lilek bħalma r-ras tappartjeni lill-membri; dak li huwa tiegħu huwa tiegħek: l-ispirtu tiegħu, il-qalb, ir-ruħ u l-ġisem u l-fakultajiet kollha. Int trid tużahom kollha biex taqdi u tfaħħar lil Alla. Inti tappartjeni lilu. U hu jixtieqek u jixxennaq għalik minħabba fis-servizz u l-glorja tal-Missier (KKK 1698, ċitazzjoni ta' San Ġwann Eudes, *Tractatus de admirabili corde Jesu,* 1, 5; cf. Uffiċju tal-Qari , 19 t'Awwissu).

23.Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* huwa għajn importanti għall-predikatur sabiex jinqeda bit-tliet kriterji għall-interpretazzjoni li qed niddiskutu. Jipprovdi eżempju importanti tal-'unità tal-Iskrittura kollha', tat-'Tradizzjoni ħajja tal-Knisja kollha' u tal-'analoġija tal-fidi'. Dan isir ċar meta r-relazzjoni dinamika tal-erba' partijiet tal-Katekiżmu ssir apprezzata. Il-*Katekiżmu* jippreżenta dak li nemmnu, kif inqimu, kif ngħixu u kif nitolbu. Dan nistgħu nxebbhuh ma' erba' temi ta' sinfonija. San Ġwanni Pawlu II tkellem dwar dan fil-Kostituzzjoni Appostolika *Fidei Depositum:*

> Il-Liturġija hija talba; l-istqarrija tal-fidi ssib il-post proprju tagħha fiċ-ċelebrazzjoni tal-kult. Il-Grazzja, frott is-sagramenti, hija l-kundizzjoni għall-ħajja Nisranija, l-istess kif il-parteċipazzjoni fil-liturġija tal-Knisja titlob il-fidi. Jekk il-fidi mhijiex espressa fix-xogħolijiet, hija mela mejta (cf. Ġak 2: 14-16) u ma tistax tagħti frott għall-ħajja ta' dejjem.
> Fil-qari tal-Katekżmu tal-Knisja Kattolika nistgħu nifhmu l-unita' tal-misteru ta' Alla kif ukoll il-post ċentrali ta' Ġesù Kristu, l-iben waħdieni ta' Alla li sar bniedem fil-ġuf tal-Verġni Marija bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Hu miet u qam u huwa dejjem preżenti fil-Knisja speċjalment fis-sagramenti; hu l-għajn tal-fidi tagħna, il-mudell tal-imġiba Nisranija u l-Għalliem tat-Talb tagħna (2).

Ir-riferenzi marġinali li jorbtu l-erba' partijiet tal-Katekiżmu jjipprovdu għajnuna lill-predikatur li joqgħod attent għall-analoġija tal-fidi u jfittex li jinterpreta l-Kelma t'Alla fi ħdan it-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja u fid-dawl tal-għaqda tal-Iskrittura kollha. L-indiċi tal-Katekiżmu juri kif t-tagħlim kollu tal-Knisja jinsab fil-Kelma tal-Bibbja u li dan l-indiċi għandu jkun is-suġett tal-predikazzjoni. Appendiċi 1 tad-*Direttorju* jipprovdi riżorsa għall-predikatur fl-użu tiegħu tal-*Katekiżmu.*

24. Għandu jkun ċar minn dak li għidna li l-metodi eseġetiċi jistgħu jkunu ta' użu fil-preparazzjoni tal-omelija. Meħtieġ ukoll li l-predikatur ikun attent għas-sens spiritwali tal-Iskrittura. Din id-defenizzjoni ngħatat mill-Kummissjoni

Pontifiċja Biblika li tissuġġerixxi li dan il-metodu ta' interpretazzjoni jkun adattat għal-Liturġija: 'Is-sens spiritwali hu espress mit-testi bibliċi meta jinqraw taħt l-influwenza tal-Ispirtu s-Santu fil-kuntest tal-Misteru Paskwali. Dan il-kuntest jeżisti tassew. It-Testment il-Ġdid jagħraf il-milja tal-Iskrittura. Huwa mela aċċettabbli li wieħed jaqra l-Iskrittura fid-dawl tal-kuntest ġdid li huwa l-ħajja fl-Ispirtu (Kummissjoni Pontifiċja Biblika, *Interpretazzjoni tal-Bibbja fil-Knisja*, II, B, 2, ċitat f'VD 37). Wieħed irid jaqra l-Bibbja f'dan id-dawl. Eżempju tajjeb ta' dan huwa fis-salmi li naqraw fil-Liturġija tas-Sigħat; huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi litterali rridu nifhmu kollox fid-dawl tal-misteru ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu u nagħtu vuċi lill-ferħ u n-niket tar-relazzjoni tagħna ma' Alla.

25. L-għalliema kbar tal-interpretazzjoni spiritwali tal-Iskrittura u l-Missirijiet tal-Knisja li kienu jkunu rgħajja kellhom kitbiet li permezz tagħhom kienu jinterpretaw il-Kelma t'Alla. Huwa providenzjali li flimkien mal-avvanzi fl-istudju bibliku fl-aħħar sseklu, kien hemm ukoll avvanz fl-istudji patristiċi. Instabu dokumenti mitlufa u saru edizzjonijiet kritiċi tal-Padri. Xogħolijiet oħra ġew maqluba. Ir-reviżjoni tal-Uffiċju tal-Qari fil-Liturġija tas-Sigħat irrenda ħafna minn dawn il-kitbiet qrib tal-poplu. Il-familjarita' mal-kitbiet tal-Padri tista' tgħin lill-predikatur fili jiskopri t-tifsira spiritwali tal-Iskrittura. Huwa mit-tagħlim tal-Padri li nitgħllmu kemm hija profonda r-rabta bejn iż-żewġ testmenti tal-Bibbja. Minnhom nistgħu nitgħallmu kif nifhmu l-figuri tal-Misteru Paskwali li diġa jispikkaw fż-żerniq tal-ħolqien. Kollox jilħaq il-qofol f'Ġesù Kristu. Huwa mill-Padri li nitgħallmu l-kliem tal-Iskrittura u l-għana kollu tal-qalba tal-ħajja tal-Knisja. Huwa mill-Padri li nitgħallmu naraw ir-rabta bejn il-misteru tal-Kelma biblika u l-misteru taċ-ċelebrazzjoni sagramentali. Il-*Catena Aurea* ta' San Tumas t'Akwinu tibqa' għodda splendida biex nidħlu fil-għana tal-Padri. Il-Konċilju Vatikan II jgħid hekk:

> Is-saċerdoti huma mitlub mill-isqof tagħhom sabiex 'ikunu maturi fil-għerf' u li d-duttrina tagħhom tkun 'mediċina spiritiwali tal-Poplu t'Alla. L-għarfien tal-ministru sagru jrid ikun qaddis sabiex ikun miġbud mill-għajn qaddisa u diretta lejn l-iskop sagru. Dan għandu jkun imsaħħaħ mill-istudju tas-Santi Padri u Dutturi oħra u monumenti ta' tradizzjoni' (*Presbyterorum Ordinis* 19)

Il-Konċilju tana komprensjoni mġedda tal-omelija bħala integra għaċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u metodu tajjeb għall-interpretazzjoni biblika u inċentiv għall-għalliema sabiex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ġid ta' elfejn sena sħaħ ta'

riflessjoni fuq il-Kelma t'Alla li hija patrimonju Kattoliku. Kif jista' predikatur jirrealizza din il-viżjoni fil-prattika?

## III. PREPARAZZJONI

26. 'Il-preparazzjoni għall-predikazzjoni hija importanti bħala ħidma għaliex titlob żmien twil ta' studju, talb, riflessjoni u kreattivita' pastorali' (EG 145). Papa Franġisku jisħaq fuq dan: il-predikatur li ma jħejjix lilu nnifsu u ma jitlobx huwa 'diżonest u irresponsabbli' (EG 145), 'profeta falz, impostur baxx' (EG 151). Fit-tħejjija tal-omelija, l-istudju hu importanti, it-talb essenzjali. 'Il-persuna li tippresiedi l-liturġija tal-kelma tikkomunika għajxien spiritwali lil dawk preżenti, speċjalment permezz tal-omelija' (OLM 38) L-azzjoni sagra tal-predikazzjoni hija intimament magħquda man-natura sagra tal-Kelma t'Alla. L-omelija f'ħafna sensi hija parallela mad-distribuzzjoni tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej waqt ir-rit tat-tqarbin. Fl-omelija l-kelma qaddisa ta' Alla hija 'distribwita' għall-għajxiex tal-poplu tiegħu. Il-*Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni Divina* twissi lill-predikatur sabiex fi kliem Santu Wistin jevita 'li jkun predikatur vojt tal-Kelma t'Alla'; barra minn hekk fl-istess paragrafu l-Kattoliċi kollha huma eżortati li jaqraw l-Iskrittura bħala konverżazzjoni ma' Alla għax skont San Ambroġ 'Aħna nitkellmu miegħu meta nitolbu; aħna nisimgħuh meta naqraw il-kelma divina' (DV 25). Papa Franġisku jenfasizza li l-predikaturi jridu jħallu lilhom infushom jintlaqu bħal bi vleġġa mill-Kelma ħajja ta' Alla (cf. EG 150).

**27.** Il-Papa jirrakomanda lill-predikaturi li jfittxu d-djalogu mal-Kelma t'Alla permezz tal-*Lectio Divina* li tikkonsisti f'meditazzjoni, qari, talb u kontemplazzjoni (cf. EG 152). Dan kollu għandu l-bażi tiegħu fl-eseġeżi tal-Bibbja tas-sensi spiritwali tal-Iskrittura u ħafna monaċi u sorijiet talbu fuq l-Iskrittura fuq firxa ta' ħajja sħiħa. Papa Benedittu XVI jiddeskrivi l-istadji tal-*lectio divina* fl-Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Domini*

Tiftaħ bil-qari jew lectio tat-test li jwassal għal xewqa li wieħed jifhem: *x'qed jgħid fih innifsu t-test tal-Iskrittura?* Hemm dejjem riskju li t-test isir pretest biex wieħed ma jimxix 'il quddiem. Imbagħad tiġi l-meditazzjoni jew meditatio li tistaqsi: x'qed jgħid it-test bibliku lilna? Kull persuna trid tħalli lilha nfisha tinbidel. Imbagħad jiġi t-talb jew oratio li jwassal għall-mistoqsija: x'ngħidulu l-Mulej bħala tweġiba għal din il-kelma? It-talb, bħala petizzjoni, interċessjoni, radd il-ħajr u tifħir huwa t-triq primarja li twassal għall-bidla. Finalment, il-*lectio divina* tikkonkludi bil-kontemplazzjoni (contemplatio) li neħduha bħala rigal ta'

Alla għax hu biss jista' jiġġudika r-realtà u allura nistaqsu: liema konverżjoni tal-moħħ, tal-qalb jew tal-ħajja l-Mulej qed jitlob minnha? FL-Ittra lir-Rumani San Pawl jgħidilna: 'Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett.' (Rum 12: 2). Il-kontemplazzjoni tfittex li toħloq fina viżjoni għarfa tar-realtà kif jaraha Alla biex inkunu konformi ma' Kristu (1 Kor 2: 16). Il-Kelma t'Alla tidher bħala kriterju ta' dixxerniment: Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb' (Lhud 4: 2) Nagħmlu sew li niftakru li l-proċess tal-*lectio divina* mhuwiex konkluż sakemm tasal għall-azzjoni (actio), u dan iwassal lill-bniedem tal-fidi sabiex jirrendi ħajtu rigal għall-oħrajn (VD 87).

28. Dan huwa mod tassew tajjeb għal nies oħra sabiex jitolbu bl-Iskrittura u l-predikatur għandu juża din is-sistema sabiex jimmedita fuq il-qari bibliku u t-testi liturġiċi fi spirtu ta' talb meta jħejji l-omelija. Id-dinamika tal-*lectio divina* wkoll toffri paradigma sabiex wieħed jifhem ir-rwol tal-omelija fil-liturġija u kif din taffetwa l-proċess ta' preparazzjoni.

29. L-ewwel tarġa hija *lectio* li tesplora dak li t-test bibliku jgħid fih innifsu. Dan il-qari forma ta' talb hu mmarkat minn attitudni ta' venerazzjoni umli tal-Kelma li hija espressa billi wieħed jistudjaha bl-akbar kura u biża' qaddis sabiex il-predikatur iżomm ir-rispett lejha (cf. EG 146). Bħala preparazzjoni għal din l-ewwel tarġa, il-predikatur għandu jikkonsulta kummentarji, dizzjunarji u riżorsi oħra li jistgħu jgħinuh sabiex jifhem is-siltiet bibliċi fil-kuntest oriġinali. Irid josserva wkoll l-*incipit* u l-*explicit* tas-siltiet ssabiex jiddetermina s-sinifikat ta' għalfejn il-Lezzjonarju jibda u jintemm kif jagħmel. Il-Papa Benedittu XVI jgħallem li l-eseġeżi storika-kritika hija parti indispensabbli minn kif il-Kattoliku jifhem l-Iskrittura għaliex hija marbuta mar-realiżmu tal-Inkarnazzjoni. Hu jgħid: 'Il-fatt storiku huwa dimensjoni kostituttiva tal-fidi Nisranija. L-istorja tas-salvazzjoni mhijiex mitoloġija imma storja tassew u għandha tkun studjata bil-metodi ta' riċerka storika serja' (VD 32). Din l-ewwel tarġa m'għandhiex tinqabeż malajr. Is-salvazzjoni tagħna titwettaq bl-azzjoni ta' Alla fl-istorja u t-test bibliku jfakkar din l-azzjoni fi kliem li jirrivela s-sens l-aktar profond ta' din l-azzjoni (cf. DV 3). Hemm bżonn ta' din ix-xhieda tal-affarijiet u l-predikatur għandu bżonn sens aktar qawwi tar-realtà. 'Il-Kelma saret laħam' jew 'Il-Kelma saret storja' nistgħu ngħidu. Il-prattika tal-lectio tibda billi wieħed jieħu in kunsiderazzjoni dan il-fatt.

30. Xi studjużi bibliċi mhux biss kitbu kummentarji bibliċi imma wkoll riflessjonijiet fuq il-qari fil-Lezzjonarju li japplika l-għodda tal-istudju għat-testi mxandra fil-Quddiesa. Dawn il-kotba jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-predikatur. Hekk kif jibda l-lectio divina, l-predikatur jista' jġedded il-ħsibijiet li jkun silet mill-istudju u jirrifletti fit-talb fuq it-tifsira tat-test bibliku. Għandu jżomm f'moħħu li l-għan tiegħi mhuwiex li jifhem kull dettall tat-test imma li jiskopri l-messaġġ ċentrali, messaġġ li jagħti struttura u unita' lit-test (cf. EG 147).

31. Ladarba l-iskop tal-lectio huwa li jipprepara l-omelija, il-predikatur għandu jagħti każ li jittraduċi r-riżultati tal-istudju tiegħu f'lingwaġġ li jinftiehem mis-semmiegħa. Papa Pawlu VI kien jgħid li l-poplu t'Alla jitgħallem ħafna mill-predikazzjoni li hija 'sempliċi, ċara, diretta u adattata' (*Evangelii nuntiandi* 43). Il-Papa Franġisku iwissi kontra predikaturi li jużaw lingwaġġ teoloġiku speċjalizzat li mhuwiex fammiljari mas-semmiegħa (cf. EG 158). Hu jgħid:

> Biex nagħtu eżempju, niftakru f'xi għodda prattika li tista' tagħni l-predikazzjoni tagħna u tagħmilha iktar attraenti. Wieħed mill-isforzi li l-aktar hemm bżonn nagħmlu hu li fil-predikazzjoni tagħna nitgħallmu nużaw xbihat, jiġifieri nitkellmu bix-xbihat. Xi kultant nużaw eżempji biex dak li rridu nispjegaw nagħmluh aktar jinftiehem, imma dawk l-eżempji spiss ikunu jappellaw biss għar-raġunar tal-moħħ; ix-xbihat, imma, għandhom jgħinu biex wieħed japprezza u jilqa' l-messaġġ li rridu ngħaddulu. Xbieha li tiġbed l-għajn tgħin biex il-messaġġ jinstema' familjari, qrib, possibbli, marbut mal-ħajja. Xbieha tajba tista' twassal lil dak li jkun biex jiggosta l-messaġġ li rridu nwasslulu, terġa' tqajjem ix-xewqa u tqanqal ir-rieda fid-direzzjoni tal-Vanġelu. Omelija tajba, kif kien jgħidli għalliem antik tiegħi, għandu jkollha fiha "idea, sentiment, xbieha" (EG 157)

32. It-tieni tarġa hija l-meditatio li tesplora dak li jgħidilna t-test bibliku. Papa Franġisku jissuġerixxi mistoqsijiet sempliċi li jistgħu jiffurmaw il-meditazzjoni tagħna: '"Mulej, x'qed jgħid *lili* dan it-test? Xi trid tibdel f'ħajti b'dan il-messaġġ? X'qed idejjaqni f'din is-silta? Għaliex dan ma jolqotnix?", jew: "X'jogħġobni, x'hemm li jħeġġiġni f'din il-Kelma? X'jiġbidni fiha? Għaliex jiġbidni?" (EG 153). Imma t-tradizzjoni tal-lectio tgħidilna li r-riflessjonijeit tagħna m'għandhomx ikunu dawk li jagħmlu d-deċiżjoni finali. Għandha tkun il-Knisja li tiggwidana u tipprovdi prinċipju essenzjali tal-interpretazzjoni biblika li twassal għall-interpretazzjoni li ma tkunx parzjali (cf. EG 148). Mela l-predikatur qed jirrifletti fuq il-qari fid-dawl tal-Misteru Paskwali tal-mewt u l-Qawmien ta' Kristu u jestendi l-meditazzjoni tiegħu lil dan il-misteru u jinkludi ċ-ċirkustanzi tal-membri tal-Ġisem li jinġabar nhar ta' Ħadd. Din hija l-qalba

tal-preparazzjoni omelitika nfisha. Huwa hawnhekk li li l-familjarita' mal-kitbiet tas-Santi Padri u l-qaddisin tista' tgħin sabiex tispira l-predikatur biex jipprovdi l-poplu tiegħu bil-possibiltà li jifhem il-qari tal-Quddiesa li jgħajjex tassew il-ħajjiet spiritwali tagħhom. Hawnhekk ukoll wieħed irid jesplora l-implikazzjonijiet morali u duttrinali tal-Kelma ta' Alla u l-Katekiżmu tal-Knisja jgħin ħafna f'dan il-qasam.

33. Minbarra l-qari tal-Iskrittura fil-kuntest tat-tradizzjoni tal-Fidi Kattolika, il-predikatur għandu jirrifletti wkoll fuq il-kuntest tal-komunità. Fi kliem Papa Franġisku 'Il-predikatur għandu wkoll jisma' *lill-poplu*, biex jiskopri dak li l-fidili għandhom bżonn jisimgħuh jgħid. Predikatur hu dak li jikkontempla l-Kelma u li jikkontempla wkoll il-poplu' (EG 154). Din hija raġuni waħda għalfejn hu importanti li l-omelija tkun imħejjija diversi ġranet qabel. Huma maeħtieġa l-istudju u t-talb, u trid tingħata attenzjoni lil dak li qed jiġri fil-parroċċa u fis-soċjeta' wiesa' tad-dinja. Il-Kelma t'Alla trid tgħid xi ħaġa f'dak il-mument. Ħarsa kontinwa lejn il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù fil-ħajja tal-komunità u tad-dinja jgħinu biex tissaħħaħ il-meditazzjoni. Dan jgħin il-forma tal-omelija.

34. It-tielet stadju huwa dak tal-oratio li jwieġeb lill-Mulej fir-rispons għall-Kelma tiegħu. Fl-esperjenza individwali tal-Lectio, dan huwa perijodu għal konverżazzjoni mhux miktuba ma' Alla. Reazzjonijiet għall-qari huma espressi fi kliem ta' stagħġib u wieħed jitlob għall-ħniena u jintilef fi kliem ta' tifħir u espressjonijiet ta' mħabba u gratitudni. L-interċessjonijiet li jikkonkludu l-Liturġija tal-Kelma u b'mod aktar profond il-Liturġija tal-Ewkaristija jirrappreżentaw rispons għall-Kelma t'Alla f'petizzjoni, interċessjoni u radd il-ħajr u tifħir. Il-predikatur għandhom jifhem din ir-relazzjoni integrali sabiex il-poplu t'Alla jesperjenza aħjar id-dinamika interjuri tal-liturġija.

Din ir-rabta tista' tiġi msaħħa b'diversi modi. Ir-rwol tal-predikatur mhuwiex limitat għall-omelija nfisha: il-petizzjonijiet offruti matul ir-Rit Penitenzjali (jekk tintuża t-tielet forma) u l-interċessjonijiet fit-Talba Universali jistgħu jalldu għall-qari jew xi punt tal-omelija; l-Antifona tad-dħul u tat-Tqarbin preskritti mill-Missal Ruman għal kull ċelebrazzjoni huma kważi dejjem testi bibliċi u jagħtu qawwa lit-talba. Jekk dawn ma jkunux jistgħu jintużaw, l-innijiet iridu jintagħżu sewwa u s-saċerdot għandu jiggwida l-ministeru tal-mużika f'dan il-qasam. Hemm mod ieħor kif il-qassis isaħħaħ l-unità taċ-ċelebrazzjoni liturġika permezz ta' opportunitajiet provduti mill-*Istruzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman* għal kummenti qosra f'diversi punti tal-liturġija tal-Kelma, qabel it-Talba Ewkaristika u qabel it-tmiem (cf. 31). Għandu jkun hemm omelija waħda biss fil-Quddiesa. Jekk is-saċerdot jiddeċiedi li jgħid xi ħaġa fil-bidu, irid ikun imħejji

minn qabel u għandu jitkellem fil-qosor sabiex jgħin lill-poplu jikseb sens ta' unità fiċ-ċelebrazzjoni liturġika mingħajr ma jagħti spjegazzjoni li ddejjaq.

35. L-aħħar stadju tal-lectio huwa l-contemplatio li matulu fi kliem Papa Benedittu XVI 'nieħdu bħala don mingħand Alla, il-mod ta' kif Hu jara u jiġġudika r-realtà. Irridu nistaqsu: x'konverżjoni qed jitlob minna l-Mulej? (VD 87). Fit-tradizzjoni monastika dan ir-raba' stadju, il-kontemplazzjoni, jidher bħala don tal-għaqda ma' Alla – don aktar milli qatt nistgħu nixtiequ. Test partikulari beda l-proċess. Il-qaddisin juruna l-għoli ta' dan kollu imma dak li ngħata lill-qaddisin jista' jingħata lilna wkoll.

Meta dan ir-raba' stadju tal-kontemplazzjoni huwa meqjusa fl-isfond liturġiku, tista' tkun konsolazzjoni għall-predikatur għaliex hu jiftakar li Alla li qiegħed jaħdem se jwassal il-Kelma biex tħalli frott. Il-formazzjoni ta' Kristu fina tieħu ħajja sħiħa. San Pawl stess qal: 'Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar' (1 Kor 3: 6) Il-predikatur għandu jitlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex idawlu imam għandu jitlob ukoll b'insistenza sabiex iż-żerriegħa tal-Kelma t'Alla taqa' fuq art tajba u tqaddsu lilu u lis-semmiegħa tiegħu.

36. Il-Papa Benedittu XVI żied aspett ieħor mal-proċess tal-lectio divina; 'Aħna nagħmlu sew niftakru li l-proċess tal-lectio divina ma jkunx intemm sakemm ma jwassalx għall-azzjoni jew actio li jwassal lin-Nisrani sabiex jagħmel tiegħu d-don tal-karità' (VD 87). Fid-dawl tal-kuntest liturġiku, dan jissuġġerixxi li l-'missa' fi tmiem il-Quddiesa tkun imsaħħa mill-parteċipazzjoni fil-Misteru Paskwali fl-Ewkaristija. Huwa sinifikattiv li l-Eżortazzjoni *Verbum Domini* tikkonkludi b'kunsiderazzjoni tal-Kelma t'Alla fid-dinja; il-predikazzjoni marbuta mal-għajxien tas-sagramenti fil-fidi tiftaħ għall-membri tal-assemblea liturġika l-espressjonijiet tal-karità. Nikkwotaw lil Ġwanni Pawlu II li tkellem minn 'komunjoni u missjoni marbuta flimkien' (Christifideles laici 32). Papa Franġisku jgħid:

> Fidila lejn il-mudell tal-Imgħallem, hu essenzjali li llum il-Knisja toħroġ biex tħabbar il-Vanġelu lil kulħadd, kullimkien, f'kull okkażjoni, bla tnikkir, bla qatt tiċħadha u bla biża'. Il-ferħ tal-Vanġelu hu għall-poplu kollu, ma jista' jħalli 'l ħadd barra' (EG 23).

## IT-TIENI PARTI
## ARS PRAEDICANDI

37. Fid-deskrizzjoni tar-rwol tal-predikazzjoni, Papa Franġisku jgħallem: 'Fir-realtà, il-qalba u l-essenza tagħha hi dejjem l-istess: Alla li wera l-imħabba bla qies tiegħu fi Kristu li miet u rxoxta' (EG 11). L-iskop ta' din is-sezzjoni fid-Direttorju Omelitiku hija li tipprovdi eżempji konkreti u suġġerimenti sabiex tgħin lill-predikatur iqiegħed fil-prattika l-prinċipji preżentati f'dan id-dokument billi tikkunsidra l-qari bibliku mogħti mil-liturġija permezz tal-lenti tal-isteru Paskwali ta' Kristu. Dawn mhumiex omeliji miktuba imma biss linji gwida li jipproponu t-triq ta' wieħed għandu jersaq lejn temi u testi partikulari matul il-kors tas-sena liturġika. L-*Introduzzjoni tal-Lezzjonarju* jipprovdi deskrizzjonijiet qosra tal-għażla tal-qari 'biex jassisi lir-rgħajja tal-erwieħ jifhmu l-istruttura tal-Ordni tal-Qari sabiex l-użu tagħhom ikunu aktar ta' perċezzjoni u l-Ordni tal-Qari jkun għajn ta' ġid għall-fidili ta' Kristu' (OLM 92). Dawn se jkunu ċitati. Wieħed għandu jżomm dejjem quddiem għajnejh li 'Il-qari tal-Vanġelu' huwa l-ogħla punt tal-liturġija tal-Kelma. Għal dan il-għan, il-qari l-ieħor mit-Testment il-Qadim u mit-Testment il-Ġdid jipprepara t-triq għall-asmblea' (OLM 13).

38. Il-punt tat-tluq tal-preżentazzjoni hawnhekk huwa l-Lezzjonarju tat-Tridu tal-Għid għaliex dan huwa l-qalba tas-sena liturġiku. Xi biċċiet mis-siltiet importanti miż-żewġ testment huma mxandra matul il-kors ta' dawk il-jiem qaddisa. Imbagħad jiġu r-riflessjonijiet dwar l-istaġun tal-Għid u Pentekoste. Imbagħad wara jsegwu l-qari mill-Ħdud tar-Randan. Eżempji oħra jiġu miċ-ċiklu Avvent-Milied-Epifanija. Dan il-pjan ta' proċedura jsegwi dak li Papa Benedittu XVI jsejjaħlu 'il-pedagoġija għarfa tal-Knisja li xandar u tisma' l-Iskrittura skont ir-rittmu tas-sena liturġika'. Imbagħad ikompli: 'Fiċ-ċentru ta' kollox il-Misteru Paskwali jiddi u madwaru jirradjaw ukoll il-misteri l-oħra ta' Kristu u tal-istorja tas-salvazzjoni li tiġi sagramentalment preżenti...' (VD 52). Mela f'dan li għandna offrut hawnhekk, ma għandna ebda tentattiv sabiex wieħed jgħid kollox dwar ċelebrazzjoni partikulari jew li wieħed jimxi bid-dettall matul is-sena liturġika. Anzi, fid-dawl taċ-ċentralita' tal-Misteru Paskwali, hemm indikazzjonijiet offruti fuq kif testi partikulari jistgħu jittieħdu in kunsiderazzjoni fi ħdan omelija partikulari. L-istil suġġerit minn dawn l-eżempji jista' jiġi adattat għall-Ħdud fi żmien ordinarju ta' matul is-sena u okkażjonijiet oħra. Dan l-istil huwa validu u ta' użu wkoll għar-riti l-oħra tal-Knisja Kattolika li jużaw lezzjonarju differenti minn dak tar-Rit Ruman,

## 1. IT-TRIDU PASKWALI U L-ĦAMSIN JUM

A. Il-Qari tat-Testment il-Qadim nhar Ħamis iċ-Ċirka

39. 'Nhar il-Ħamis iċ-Ċirka fil-Quddiesa ta' filgħaxija it-tifkira tal-ikla tippreċedi l-Eżodu u titfa' dawl speċjali fuq l-eżempju ta' Kristu li jaħsel ir-riġlejn u għandna r-rakkont ta' Pawlu tat-twaqqif tal-Ewkaristija' (OLM 99). It-Tridu Paskwali jibda bil-Quddiesa ta' filgħaxija meta l-liturġija tfakkar it-twaqqif tal-Ewkaristija. Ġesù jidħol fil-Passjoni tiegħu billi jiċċelebra ikla preskritta fl-ewwel qari: kull kelma u xbieha jippuntaw lejn Kristu u dak li qed jagħmel meta jagħti ħajtu. Il-kliem mill-ktieb tal-Eżodu (Eż 12: 1-8, 11-14) jagħti tifsira defenittiva lill-ikla paskwali ta' Ġesù, l-istess ikla li qed niċċelebraw illum,

40. 'Kull familja għandha tingħaqad mal-eqreb familja billi tipprepara l-ħaruf'. 'Il-ħaruf ikun bla difett, ragel, ta' dik is-sena'. U tikluh hekk: qaddejkom imħażżma, bil-qorq f'riglejkom u l-hatar f'idejkom; u tikluh bl-ghagla. Din hi l-moghdija tal-Mulej. Għax dak il-lejl jiena ngħaddi mill-art ta' l-Egittu u nidrob 'il kull min hu l-ewwel fost l-imweldin fl-art ta' l-Eġittu, bnedmin u bhejjem, u nagħmel ħaqq mill-allat kollha ta' l-Eġittu: Jien, Jahweh. Id-demm ikun bħala sinjal taghkom fuq id-djar fejn tkunu, u jien xħin nara d-demm nibqa' għaddej, u ebda marda ma tiġi teqridkom meta jien nidrob l-art ta' l-Egittu'. Aħna għandna nqiegħdu fil-prattika dawk il-preskrizzjonijiet kif nixorbu d-demm ta' Kristu l-Ħaruf fil-ħobż ikkonsagrat.

41. Jgħidulna li għandna nieklu din l-ikla 'bil-qorq f'riġlejna u bl-għasluġ f'idejna u bil-ħeffa'. Din hija deskrizzjoni tal-ħajja Nisranija fid-dinja. Il-qaddejn imħażżma jissimbolizzaw il-ħeffa sabiex wieħed jaħrab filwaqt li hawnhekk għandna evokazzjoni tax-xena tal-*mandatum* li nsibuha fl-Evanġelju tal-lejla għax darna mhijiex hawnhekk f'din id-dinja. Imbagħad jingħad li rridu nieklu bħal dawk li kienu mgħaġġla għax iridu jaħarbu; 'Din hij al-ikla tal-Għid tal-Mulej! Għax f'dak l-istess lejl, jiena neqred it-tifel il-kbir tal-art kollha....imma fejn nara d-demm, nibqa' għaddej'. Il-Mulej jiġġieled għalina kontra l-għedewwa tagħna u jipproteġina permezz tad-demm tal-Ħaruf.

42. Din it-tħabbira solenni tal-Għid tikkonkludi b'amar finali: 'Dan il-jum għandu jkun jum ta' festa għalikom...festa għal dejjem'. Il-fedelta' għal dan il-Pesach baqgħet ħajja minn ġenerazzjoni għal oħra sa żmien Ġesù u lil hinn għaliex hu qal: 'Agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. L-Insara baqgħu jiċċelebraw dan l-Għid. Dan hu preċiżament dak li nagħmlu aħna meta nibdew it-Tridu Mqaddes. Din hija

‘festa memorjal’ imwaqqfa mill-Mulej, ‘istituzzjoni perpetwa’, tiġdid liturġiku tal-għotja totali ta’ Ġesù.

## B. Il-Qari tat-Testment il-Qadim nhar il-Ġimgħa l-Kbira

43. ‘Nhar il-Ġimgħa l-Kbira s-servizz liturġiku jkollu fiċ-ċentru tiegħu r-rakkont ta’ Ġesù tal-Passjoni li kien imxandar minn Iżaija bħala l-Qaddej ta’ Jahweh li sar il-Qassis il-Kbir billi joffri lilu nnifsu għalina lill-Missier’ (OLM 99). L-għażla minn Iżaija (Iż 52: 13-53: 12) hija waħda minn dawk is-siltiet fl-Iskrittura li fihom in-Nisrani l-ewwel li ra lill-profeti jippuntaw lejn il-mewt ta’ Kristu. Fir-rabta ta’ din is-silta mal-Passjoni, aħna nsegwu tradizzjoni apostolika antika għaliex dan hu li Filippu għamel fil-konverżazzjoni tiegħu mal-ewnuku mill-Etjopja (cf. Atti 8: 26-40).

44. L-assemblea hija konxja mir-raġuni għall-ġabra tan-nies flimkien illum: biex kulħadd jiftakar fil-mewt ta’ Kristu. Il-kliem tal-profeta jikkummenta l-perspettiva ta’ Alla fuq ix-xena ta’ Ġesù minxur mas-salib. Aħna mistiedna sabiex naraw il-glorja moħbija ta’ Alla fis-Salib: ‘Araw! il-qaddej tiegħi jsib ir-riżq, jintrefa’, jogħla u jkun ‘il fuq minn kulħadd’. Ġesù nnifsu fl-Evanġelju ta’ San Ġwann jitkellem fuq diversi okkażjonijiet meta se jiġu mgħolli ‘l fuq; huwa ċar fl-Evanġelju li hemm tliet dimensjonijiet marbuta flimkien f’din l-eżaltazzjoni: fuq is-Salib, fil-Qawmien u fit-Tlugħ fis-sema.

45. Imma immedjatament wara l-bidu glorja tal-‘kumment’ tal-Missier, hemm kontropunt imħabbar: l-agunija tas-salib. Il-qaddej huwa deskritt bħala wieħed li ‘ma hemm ebda ġmiel biex inħarsu lejh’. F’Ġesù, il-Kelma Eterna t’Alla hemm il-bniedem inkarnat imma dan hu bniedem li jħaddan il-mewt fil-forma l-aktar baxxa tagħha. ‘’Il-ġnus għad jistagħġbu bih u s-slaten ma jitkellmux’. Dawn il-kelmiet jiddeskrivi l-istorja tad-dinja minn dik l-ewwel Ġimgħa l-Kbira sal-lum: l-istorja tas-Salib li ħawdet il-ġnus u kkonvertiethom u fixlet oħra li tbiegħdu minnha. Il-kliem profetiku japplika wkoll għall-komunità u għall-kultura tagħna wkoll u għall-ħafna ‘ġnus’ li hemm fina – l-enerġiji tagħna u t-tendenzi li jridu jikkonvertu lejn il-Mulej.

46. Imbagħad niltaqgħu mal-kliem tal-profeta; ‘Min se jemmen dak li smajna?’ Imbagħad jipproċedi bid-deskrizzjoni li twassal għall-kontemplazzjoni tas-Salib, kontemplazzjoni li turi passjoni u tbatija u glorja. Il-profondita’ tat-tbatija hija deskritta biex nifhmu kemm hu naturali li l-ewwel Insara qraw dawn it-testi sabiex jifhmuhom bħala profeziji għal Ġesù. Kif jistqarr il-profeta; ‘Hu ġarr fuqu d-dnubiet tagħna, tgħabba bil-mard tagħhna...bis-swat tiegħu aħna fieqna’.

47. L-attitudni interjuri ta' Ġesù għall-Passjoni tiegħu ukoll tissemma: 'Ħaqruh, u hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu'. Fil-verità, il-Qawmien ukoll jissemma hawnhekk: 'Talli joffri ruħu b'sagrifiċċju ta' riparazzjoni, huwa għad jara nisel u jtawwal jiemu; u r-rieda tal-Mulej isseħħ bih. Wara t-tbatija tiegħu għad jara d-dawl, jixba' bit-tagħrif tiegħu.' Imbagħad nerġgħu naqraw: 'Hu li neħħa l-ħtijiet tal-kotra, u ndaħal għall-midinbin.'

**B. Il-Qari tat-Testment il-Qadim fil-Vġili tal-Għid**

48. 'Fil-Vġili tal-lejl qaddis tal-Għid hemm seba' qari meħud mit-Testment il-Qadim li jfakkru l-għeġubijiet ta' Alla fl-istorja tas-salvazzjoni. Hemm ukoll żewġ siltiet mit-Testment il-Ġdid u t-tħabbira tal-Qawmien skont wieħed mis-Sinottiċi u qari minn San Pawl fuq il-magħmudija Nisranija bħala sagrament tal-Qawmien ta' Kristu' (OLM 99). Il-Vġili tal-Għid kif jindika l-Missal Ruma 'huwa l-akbar u l-aktar solennità nobbli' (Vġili Għid 2). It-tul tal-vġili ma jippermettix għal kummentarju estiż fuq is-seba' qari tat-Testment il-Qadim imma rridu niftakru li dawk għandhom qawwa rappreżentattiva ċara ibda mis-sagrifiċċju ta' Abraham u kompli għall-Eżodu; imbagħad erba' qari dwar temi ewlenin mill-profeti. Kollox jippunta lejn il-Misteru Paskwali li huwa hekk espliċitu fil-Vġili tal-Għid u dan jista' jispira lill-predikatur sabiex jippriedka f'mumenti oħra differenti ta' matul is-sena liturġika.

49. Fil-kuntest tal-liturġija ta' dan il-lejl, il-Knisja timxi permezz ta' dawk il-lezzjonijiet u tasal għall-qofol tal-qari tal-Qawmien ta' Ġesù. Aħna nsibu ruħna mexjin il-mixja tas-salvazzjoni permezz tas-Sagramenti tal-Inizjazzjoni, ċċelebrati matul din il-lejla kif is-silta sabiħa ta' Pawlu tfakkarna. Hemm rabtiet bejn il-ħolqien u l-ħajja ġdida fi Kristu, bejn l-Eżodu storiku u l-Eżodu defenittiv tal-Misteru Paskwali li fih il-fidili kollha għandhom sehem permezz tal-magħmudija, bejn il-wegħdiet tal-profeti u r-realizzazzjoni tagħhom fil-liturġiji ċċelebrati – dawn kollha huma rabtiet li jistgħu jsiru mill-ġdid matul is-sena liturġika.

50. Riżorsa tassew għanja sabiex nifhmu dawn ir-rabtiet tinsab bejn it-temi tat-Testment il-Qadim u l-milja tagħhom fil-Misteru Paskwali fit-talb li jiġi wara kull qari. Dawn jesprimu b'sempliċita' u ċarezza l-mod ta' kif għandhom jiftiehmu t-testi tat-Testment il-Qadim bħalma huma l-ħolqien, is-sagrifiċċju, l-eżodu, il-magħmudija, il-ħniena divina, il-patt etern, it-tindif mid-dnub, ir-redenzjoni u l-ħajja fi Kristu. Iservu bħala skola ta' talb għall-predikatur huwa u jipprepara għall-Vġili tal-Għid imma wkoll matul is-sena kollha meta testi simili jinqraw. Riżorsa oħra utli għall-interpretazzjoni tas-siltiet tal-Iskrittura huwa s-salm responsorjali li jsegwi kull wieħed mis-seba' qari, il-poeżiji kantati mill-Insara li mietu ma' Kristu u issa jaqsmu miegħu fil-ħajja ta' dejjem. Dawn m'għandniex

inwarrbuhom matul il-bqija tas-sena għaliex juru kif il-Knisja taqra l-Iskrittura kollha fid-dawl ta' Kristu.

**C. Il-Lezzjonarju tal-Għid**

51. 'Il-Qari tal-Vanġelu għall-Quddiesa nhar l-Għid huwa minn Ġwanni dwar is-sejba tal-qabar vojt. Hemm ukoll l-għażla li wieħed juża t-testi tal-Vanġelu mill-Vġili tal-Għid jew meta jkun hemm Quddiesa ta' filgħaxija nhar il-Ħadd sabiex wieħed juża r-rakkont ta' Luqa dwar Għemmaws. L-ewwel qari meħud mill-Atti tal-Appostli li matul l-istaġun tal-Għid jieħu post il-qari tat-Testment il-Qadim. Il-qari meħud mill-Appostlu Pawlu jikkonċerna l-għejxien tal-Misteru Paskwali fil-Knisja...il-qari tal-Vanġelu għall-ewwel tlett iħdud jirrakkonta d-dehriet ta' Kristu Irxuxtat. Il-qari dwar ir-Ragħaj it-Tajjeb huwa assenjat għar-raba' Ħadd. Fil-ħames, fis-sitt u fis-seba' Ħadd, hemm siltiet mid-diskors tal-Mulej dwar it-talb fi tmiem l-Aħħar Ċena' (OLM 99-100). Jekk wieħed isegwi l-qari sinjur tal-Vġili mbagħad jasal biex jaħgraf l-aktar mumenti intensi tal-proklamazzjoni ta' Kristu rxox fil-ħajja tal-Knisja u dawn għandhom l-għan li jgħallmu u jiffurmaw il-Poplu t'Alla matul is-sena liturġika kollha. Matul il-Ġimgħa Mqaddsa u matul l-Istaġun tal-Għid, il-predikatur ikollu okkażjoni li jerġa' lura fuq is-siltiet tal-Iskrittura dwar il-Passjoni, mewt u Qawmien ta' Ġesù. Dan huwa l-istaġun privileġġjat li matulu l-predikatur irid iġib 'il quddiem il-fidi tal-Knisja dwar il-proklamazzjoni ċentrali: li Ġesù Kristu miet għal dnubietna 'skont l-Iskrittura' (1 Kor 15: 3) u li qam fit-tielet jum 'skont l-Iskrittura' (1 Kor 15: 4).

52. L-ewwel, hemm l-opportunita' li, speċjalment fl-ewwel tlett iħdud, li wieħed iwassal id-dimensjonijiet varji tal-*lex credendi* tal-Knisja. Il-paragrafi tal-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* li jitrattaw il-qawmien (KKK 638-658) huma fil-fatt spjegazzjoni u twettiq ta' ħafna siltiet bibliċi importanti tal-Għid. Dawn il-paragrafi jistgħu jkunu gwida ċerta għall-predikatur li għandu jispjega lill-Poplu t'Alla dawn it-testi u dak li l-Katekiżmu jsejjaħlu 'il-Ġrajja Storika u Traxxendenti' tal-Qawmien, is-sinifikat tad-dehreit tal-Irxoxt, il-kundizzjoni tal-umanita' rxuxtata ta' Kristu u l-Qawmien bħala ħidma tat-Trinità Qaddisa.

53. It-tieni nett, matul il-Ħdud tal-Għid l-ewwel qari huwa meħud mhux mit-Testment il-Qadim imma mill-Atti tal-Appostli. Ħafna siltiet huma eżempji tal-predikazzjoni apostolika u narawh fihom kif l-appostli stess użaw l-Iskrittura sabiex iħabbru s-sinifikat tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. F'siltiet oħra, il-konsegwenzi tal-Qawmien ta' Ġesù u l-effetti tiegħu fil-ħajja tal-komunità Nisranija huma rakkuntati. Minn dawn is-siltiet, il-predikatur ikun jista' jinqeda bl-aħjar għodda. Jara kif l-appostli użaw l-Iskrittura sabiex iħabbru l-mewt u l-

Qawmien ta' Ġesù u hu jagħmel l-istess. Jara wkoll is-setgħa tal-ħajja ta' Kristu Rxuxtat li jaħdem fl-ewwel komunitajiet, u jiddikjara fil-fidi għall-poplu tiegħu li l-istess setgħa qed taħdem issa fina.

54. It-tielet, l-intensita' tal-Ġimgħa Mqaddsa, bit-Tridu Paskwali, segwita miċ-ċelebrazzjoni ferreħija tal-ħamsin jum li jilħqu l-qofol f'Pentekoste, hija żmien eċċellenti sabiex il-predikatur jorbot flimkien l-Iskrittura u l-Ewkaristija. Huwa preċiżament 'fil-qsim tal-ħobż' – li juri l-għotja totali ta' Kristu fuq is-Salib – li d-dixxipli ntebħu li l-qlub tagħhom kienu mqanqla ġewwa fihom minħabba li Ġesù Kristu fetaħ lil moħħhom sabiex jifhmu l-Iskrittura. Stil xebbiehi jinsab ukoll fit-tama li aħna għandna llum. Il-predikatur jaħdem b'diliġenza sabiex jispjega l-Iskrittura imma t-tifsira aktar profonda ta' dak li qed jgħid joħroġ mill-'qsim tal-ħobż' fl-istess liturġija jekk il-predikatur jibni pontinijiet ma' dak il-mument (cf. VD 54). L-importanza ta' dawn il-pontijiet tidher f'dak li qal Papa Benedittu XVI fil-*Verbum Domini*

> Minn dawn is-siltiet tal-qawmien jidher ċar li l-Iskrittura stess tipponta lejn l-apprezzament tar-rabta tagħha mal-Ewkaristija. Ma jista' qatt jintesa li l-kelma divina, moqrija u mxandra mill-Knisja għandha bħala skop tagħha s-sagrifiċċju tar-rabta l-ġdida u l-ikla tal-grazzja jiġifieri l-Ewkaristija.' Kelma u Ewkaristija huma tant marbutin flimkien li waħda ma tiftiehemx mingħajr l-oħra: il-kelma t'Alla tieħu l-laħam fil-ġrajja tal-Ewkaristija. L-Ewkaristija tiftiħilna l-mod ta' kif nifhmu l-Iskrittura l-istess kif l-Iskrittura min-naħa tagħha ddawwal u tispjega l-misteru tal-Ewkaristija (55)

55. Ir-raba', mill-ħames Ħadd tal-Għid, id-dinamika tal-qari tmur fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-Qawmien tal-Mulej għall-preparazzjoni tasl-istaġun paskwali u l-miġja tal-Ispirtu s-Santu f'Pentekoste. Il-fatt li l-qari tal-Vanġelu f'dawn il-Ħdud huma maħeuda kollha mid-diskors ta' Ġesù fl-Aħħar Ċena juri s-sinifikat Ewkaristiku profond. Il-qari u t-talb jipprovdu opportunità għall-predikatur sabiex jitratta r-rwol tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja dejjem għaddejja tal-Knisja. Il-paragrafi tal-Katekiżmu li jitrattaw 'l-Ispirtu t'Alla u l-Kelma fi żmien il-Wegħdiet' (KKK 702-716) toffri apprezzament tal-qari mill-Vġili tal-Għid li issa narawh fid-dawl tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tal-Liturġija tal-Knisja (KKK 1091-1109). Dan jassisti lill-predikatur biex jitkellem dwar kif l-Ispirtu s-Santu jirrendi preżenti l-Misteru Paskwali ta' Kristu fil-liturġija.

56. permezz tal-predikazzjoni li tiġbor fiha l-prinċipjiu l-wegħdiet li huma marbuta mal-istaġun tal-Għid, il-Poplu Nisrani hu mħejji sewwa għaċ-

ċelebrazzjoni ta' Pentekoste fejn Alla l-Missier 'permezz tal-Kelma tiegħu, isawwab fi qlubna d-Don li fih id-doni kollha, l-Ispirtu s-Santu' (KKK 1082). Il-qari mill-Atti tal-ġurnata jfakkar il-ġrajja ta' Pentekoste nfisha waqt li l-Evanġelju jagħti r-rakkont ta' x'ġara filgħaxija tal-Għid innifsu. Kristu Rxoxt nefaħ fuqhom l-Ispirtu u qal: 'Ħudu l-Ispirtu s-Santu' (Ġw 20: 22). Il-Għid huwa Pentekoste. Il-Għid huwa d-don tal-Ispirtu s-Santu. Pentekoste huwa l-manifestazzjoni konvinċenti tal-Għid fit-tħabbira lil-ġnus kollha u l-għaqda tal-ilsna kollha (Atti 2: 11). Dan kollu deher diġa fil-mewt u l-Qawmien. Kif il-Knisja titlob wisq tajjeb fit-Talba Ewkaristika, 'l-Ispirtu s-Santu jurina bil-qawwa l-misteru moħbi ta' dan is-sagrifiċċju u jwassalna għall-verità kollha' (Talba fuq l-Offerti). Li wieħed jirċievi l-Ewkaristija f'dak il-jum ifisser li jkun qed jesperjenza Pentekoste. Waqt li l-Insara jersqu biex jirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù, l-Antifona tat-Tqarbin tiqegħed f'kant il-kliem tal-Iskrittura: 'Huma mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u tkellmu dwar l-għeġubijiet ta' Alla, alleluia'. Il-versi bibliċi jsibu l-qofol tagħhom fil-fidili li jirċievu l-Ewkaristija. L-Ewkaristija hija Pentekoste.

II. IL-ĦDUD TAR-RANDAN

57. Jekk it-Tridu Paskwali u l-Ħamsin Jum huma ċ-ċentru radjanti tas-sena liturġika, ir-Randan huwa l-istaġun li jipprepara l-imħuħ u l-qlub tal-poplu Nisrani għal ċelebrazzjoni denja ta' dawn il-ġranet. Huwa ż-żmien għall-preparazzjoni finali tal-katekumeni li jkunu se jitgħammdu fil-Vġili tal-Għid. Il-vjaġġ tagħhom jeħtieġ li jkun akkumpanjat mill-fidi, it-talb u x-xhieda tal-komunità kollha. Il-qari skritturali tar-Randan isib is-sens profond tiegħu fir-relazzjoni mal-Misteru Paskwali li jkunu qed jitħejjew biex jiċċelebraw. Il-qari jipprovdi okkażjonijiet sabiex jitqiegħed fil-prattika l-prinċipju fundamentali li d-Direttorju jippreżenta: li wieħed jieħu l-qari tal-Quddiesa lejn iċ-ċentru tal-Misteru Paskwali. L-*Introduzzjoni* tal-*Lezzjonarju* jinnota li l-użu tradizzjonali tar-rakkonti tat-Tentazzjoni u t-Trasfigurazzjoni fl-ewwel żewġt iħdud tar-Randan u jgħid hekk dwar il-qari l-ieħor: 'Il-qari tat-Testment il-Qadim huwa dwar l-istorja tas-salvazzjoni li hu tema proprja tal-katekeżi tar-Randan. Is-serje ta' testi għal kull sena tippreżenta l-elementi ewlenin tal-istorja tas-salvazzjoni mill-bidu nett sal-wegħda tar-Rabta l-Ġdida. Il-qari mill-Ittri tal-Appostli ġew magħżula sabiex jiffittjaw il-Vanġelu u l-qari tat-Testment il-Qadim u dan sabiex sakemm ikun possibli jipprovdu rabta bejniethom' (OLM 97).

### A. L-Evanġelju fl-Ewwel Ħadd tar-Randan

58. Mhuwiex diffiċli għan-nies sabiex jorbtu flimkien l-erbgħin jum li Ġesù qatta' fid-deżert mal-erbgħin jum tar-Randan. Huwa importanti li l-predikatur jorbot din il-konnessjoni sabiex il-poplu jifhem li l-osservanza annwali tar-Randan tirrendihom parteċipi f'dawn l-erbgħin jum ta' Ġesù fid-deżert. Filwaqt li l-

Kattoliċi huma mdorrija jwettqu prattiċi devozzjonali u penitenzjali matul dan l-istaġun, huwa importanti li wieħed jisħaq fuq ir-realtà *sagramentali* tal-istaġun kollu tar-Randan. Il-Kolletta tal-Ewwel Ħadd tar-Randan tgħid '...per annua quadragesimalis exercitia sacramenti...' Kristu nnifsu hu preżenti u qed jaħdem fil-Knisja f'dan iż-żmien u l-ħidma purifikanti tiegħu tinsab taħdem fil-membri tal-Ġisem tiegħu l-Knisja. Il-Prefazju ta' dan il-jum jqiegħed din l-idea bi preżentazzjoni sabiħa meta jgħid: 'billi astjena għal erbgħin jumminn ikel tal-art, hu kkonsagra permezz tas-sawma tiegħu l-istil kollu tal-osservanza tar-Randan....' Il-lingwaġġ tal-Prefazju huwa pont bejn l-Ewkaristija u l-Iskrittura. spiritwalità

59. L-erbgħin jum ta' Ġesù jirrappreżentaw l-erbgħin ġurnata tal-mixja jew vjaġġ ta' Iżrael fid-deżert; l-istorja kollha ta' Iżrael hija konċentrata fuqu. Hawnhekk għandna xena fejn it-tema ewlenija tad-Direttorju hija kollha konċentrata: l-isstorja ta' Iżrael li tikkorrispondi mal-istorja ta' ħajjitna u ssib is-sens aħħari fil-Passjoni ta' Ġesù. Il-Passjoni f'ċertu sens tibda hawnhekk fid-deżert, virtwalment, fil-bidu tal-ħajja pubblika ta' Ġesù. Mela sa mill-bidu, Ġesù jinsab miexi lejn il-Passjoni tiegħu u kollox jimxi minn hemm.

60. Paragrafu tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika juri l-importanza li wieħed iħejji ruħu għall-omelija permezz ta' test bibliku. Dwar it-tentazzjonijiet ta' Ġesù, il-Katekiżmu jgħid:

> L-Evanġelisti juruna x'kien it-tifsir għas-salvazzjoni ta' dan il-fatt misterjuż. Ġesù hu Adam il-ġdid, li baqa' fidil fejn l-ewwel Adam kien ċeda għat-tenrazzjoni: Ġesù wassal għall-perfezzjoni sħiħa il-vokazzjoni ta' Israel: kontra l-imġiba ta' dawk li darba ġarrbu 'l Alla għal-erbgħin sena fid-deżert (ara Salm 95,10), Kristu juri ruħu bħala l-Qaddej ta' Alla li jobdi f'kollox ir-rieda ta' Alla. F'dan, Ġesù jirbaħ lix-xitan: rabat "il-wieħed qawwi" biex jeħodlu l-priża (Mk 3,27). Ir-rebħa ta' Ġesù fuq ix-xitan fid-deżert hi tħabbira tar-rebħa tal-passjoni, l-ogħla att ta' ubbidjenza ta' l-imħabba tiegħu ta' Iben għall-Missier (KKK 539)

61. It-tentazzjonijiet li Ġesù għadda minnhom huma ġlieda kontra l-idea mċajpra tal-ħidma messjanika tiegħu. Ix-xitan jittentah sabiex juri s-setgħat tiegħu: 'Jekk inti l-Iben t'Alla....' Dan juri li hemm battalja li Ġesù jrid jgħaddi minnha l-aktar meta jisma' l-kelmiet; 'Salva lilek innifsek jekk inti l-Iben t'Alla u inżel minn fuq is-salib'. Ġesù ma jaqax għat-tentazzjonijiet ta' Satana u lanqas jinżel mis-Salib. B'dan il-mod hu jipprova li Hu jidħol tassew fid-deżert tal-eżistenza umana u ma jużax il-qawwa tiegħu għall-benefiċċju tiegħu. Hu jakkumpanja l-pellegrinaġġ tal-ħajja tagħna u jirrivela s-setgħa vera ta' Alla li huwa 'mħabba sal-aħħar' (Ġw 13: 1).

62. Il-predikatur irid juri li Ġesù hu suġġett għat-tentazzjoni u l-mewt f'solidarjetà magħna. Imma l-Aħbar it-Tajba hija li l-predikatur iħabbar mhux biss is-solidarjetà ta' Ġesù magħna fit-tbatija; hu jħabbar ukoll li Ġesù jaqsam magħna r-rebħa tiegħu. Il-garanzija aħħarija ta' Ġesù hija li meta naqsmu f'din ir-rebħa nkunu qed niċċelebraw denjament is-sagramenti paskwali tal-Vġili tal-Għid. L-ewwel Ħadd tar-Randan diġa qed imexxina f'din id-direzzjoni. Il-predikatur irid iwassalna hemmhekk.

63. Ġesù rreżista it-tentazzjonijiet tax-xitan li jibdel il-ġebel f'ħobż imma fl-aħħar ebda moħħ uman ma seta' jimmaġina li Ġesù se jibdel il-ġebla tal-mewt f'ħobż għalina. Permezz tal-mewt tiegħu hu jsir il-ħobż tal-Eewkaristija, il-kongregazzjoni li tiekol mill-ħobż tas-sema trid tiġi mfakkra mill-predikatur li r-rebħa ta' Ġesù fuq it-tentazzjoni u l-mewt tibdel il-'qlub tal-ġebel fi qlub tal-laħam' kif il-Mulej wiegħed lill-profeti. Il-fidi Nisranija tista' taġixxi bħala ħmira f'dinja għatxana u mġewħa għal Alla.

### B. L-Evanġelju tat-Tieni Ħadd tar-Randan

**64.** L-Evanġelju tat-Tieni Ħadd tar-Randan huwa dejjem ir-rakkont tat-Trasfigurazzjoni. Huwa interessanti l-fatt li Ġesù jidher fil-preżenza ta' tlieta mid-dixxipli tiegħu u dan sar wara l-ewwel tħabbira tal-Passjoni. (Dawn l-istess tliet dixxipli – Pietru, Ġakbu u Ġwanni – se jkunu ma' Ġesù matul l-agunija fil-ġnien huwa u dieħel għall-Passjoni). Fil-kuntest tar-rakkont kollu tat-tliet evanġelji, Pietru jistqarr il-fidi tiegħu fil-Messija. Ġesù jaċċetta l-istqarrija imma mbagħad idur jgħallem lid-dixxipli x'tip ta' messija hu. 'Hu beda jgħallimhom li Bin il-Bniedem jeħtieġ li jbati ħafna u jingħata f'idejn ix-xjuħ tal-poplu u l-qassisin u l-iskribi, joqtluh u wara tlitt ijiem iqum'. Imbagħad ikomplu jgħallem; 'Kull min irid jimxi warajh jeħtieġ jiċħad lilu nnifsu,, jerfa' salibu u jimxi warajja' Huwa wara dan li Ġesù jieħu lit-tliet appostli fuq il-muntanja u jurihom il-glorja. Mose u Elija jidhru jitkellmu miegħu. Imbagħad sħaba għaddiethom u tinstema' vuċi l-istess bħalma ġara fuq is-Sinaj meta waqt l-għoti tal-kmandamenti Alla tkellem. Jinstema' l-kliem: 'Dan hu Ibni l-Maħbub. Isimgħu lilu' (Mk 9: 7).

65. Ħafna mit-temi u l-disinni li dan id-Direttorju jisħaq huma konċentrati fuq din ix-xena. Is-salib u l-glorja jmorru flimkien. It-Testment il-Qadim kollu rappreżentat minn Mose u Elija jaqbel li s-salib u l-glorja huma ta' xulxin. Il-predikatur irid jitkellem fuq dawn il-ħwejjeġ. Il-Prefazju tal-ġurnata jiġbor kollox. Kif tibda t-Talba Ewkaristika, is-saċerdot, huwa u jitkellem mal-poplu, irid jagħti radd il-ħajr lil Alla permezz ta' Kristu għall-misteru tat-trasfigurazzjoni: 'Wara li kellimhom fuq il-mewt tiegħu, hu wera lilu nnifsu fil-glorja u mbagħad u permezz

tal-Liġi u l-Profeti wera kif il-Passjoni se twassal għall-Qawmien'. Dawn huma l-kelmiet li bihom it-Talba Ewkaristika tibda f'dak il-jum.

66. Kull rakkont tas-Sinottiċi jurina kif il-vuċi tal-Missier tidentifika lill-Iben: 'Isimgħu lilu'. Fil-qalba ta' din il-glorja traxxendenti, il-kmand tal-Missier jiġbed l-attenzjoni għat-triq tal-glorja. Bħal donnu qed jgħid: 'Isimgħu lilu li fih hemm il-milja tal-imħabba li għad trid tidher fuq is-Salib'. Dan it-tagħlim fit-Torah il-ġdida, il-Liġi l-Ġdida tal-Evanġelju mogħtija fuq il-muntanja qaddisa hija ċ-ċentru tal-fidi fi Kristu. Huwa jgħallem din it-triq tal-glorja li toħroġ minnu. Forsi jewwilla m'aħniex aħna hawnhekk qegħdin fil-qalba tal-misteru Trinitarju? Hija l-glorja tal-Missier li naraw fil-glorja tal-Iben marbuta mas-salib. L-Iben hu rivelat fit-trasfigurazzjoni għax huwa 'Dawl minn Dawl' kif jgħid il-Kredu. Dan hu wieħed mill-aqwa mumenti fl-Iskrittura li jiggarantixxi l-formulazzjoni tal-Kredu.

67. It-Trasfigurazzjoni għandha pożizzjoni essenzjali fl-istaġun tar-Randan għaliex il-Lezzjonarju kollu huwa ktieb miftuħ li jipprepara l-magħżula fost il-katekumeni sabiex jirċievu s-Sagramenti tal-Inizjazzjoni tal-Vġili tal-Għid l-istess kif jipprepara lill-fidili kollha biex jiġġeddu. Jekk l-ewwel Ħadd tar-Randan hu tfakkira li Ġesù hu solidari magħna fit-tentazzjoni, it-tieni Ħadd għandu l-għan li jfakkarna fil-glorja li bħala mgħammdin ingawdu minnha. Il-predikatur jista' juża l-kelmiet u l-awtorita' ta' San Pawl li jgħid: 'Hu għad jibdel il-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu' (Fil 3: 21). Dan il-vers insibuh fit-tieni qari taċ-Ċiklu Ċ imma l-frażi qasira hija biżżejjed.

68. Kif il-fidili jidħlu f'purċissjoni għat-tqarbin nhar ta' Ħadd, il-Knisja tgħallimhom ikantaw il-Antifona tat-Tqarbin bil-kliem tal-Missier: 'Dan hu Ibni l-għażiż li bih nitgħaxxaq; isimgħu lilu'. Dak li t-tliet dixxipli raw u semgħu dakinhar jaqbel mal-liturġija tal-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Fit-talba ta' wara t-tqarbin, inroddu ħajr lil Alla talli waqt li għadna hawn, qed nieħdu sehem minn dan l-ikel tas-sema. Id-dixxipli raw ftit minn din il-glorja. Aħna wkoll bħala Insara fid-dinja nirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù: 'Dan hu Ibni l-Għażiż li bih nitgħaxxaq: isimgħu lilu'.

### Ċ. It-Tielet, ir-Raba' u l-Ħames Ħdud tar-Randan

69. Fit-tliet Ħdud tar-Randan li jkun imiss, l-Evanġelji huma dwar is-Samaritana, il-bniedem imwieled għama u l-qawmien ta' Lazzru. Proprju għax huma tant importanti, wieħed jista' jaqrahom fis-sena B u Ċ speċjalment fejn ikun hemm katekumeni. Testi oħra nsibuhom għas-sena B u Ċ: għas-sena B hemm test minn Ġwanni dwar il-miġja glorjuża permezz tas-Salib u l-Qawmien u għal Sena Ċ hemm test minn Luqa dwar il-konverżjoni(...) Il-qari dwar is-Ssamaritana, ir-raġel

għami u l-qawmien ta' Lazzru llum huma assenjati għall-Ħdud immma biss għal Sena A(huma opzjonalo għal Sena B u Ċ), saret proviżjoni għall-użu tagħhom matul il-ġimgħa. Fil-bidu tat-tielet, ir-raba' u l-aħmest iħdud tar-Randan hemm Quddies opzjonali b'dawn it-testi' (OLM 97, 98). Il-qawwa kateketika tal-istaġun tar-Randan hija ċċara speċjalment mill-qari u t-talb taċ-ċiklu A. L-assoċjazzjoni maat-temi tal-ilma, tad-dawl u tal-ħajja mal-Magħmudija huma evidenti; permezz ta' dawn it-testi biblici u t-talb tal-liturġija, il-Knisja tmexxi l-magħżula tagħha lejn l-inizjazzjoni sagramentali tal-Għid. Il-preparazzjoni finali hija fundamentali għax it-talb użar għall-iskrutinji huwa ċar.

X'ngħidu għalina? Jista' jkun ta' għajnuna għall-predikatur li jistieden lis-semmiegħa sabiex jaraw l-istaġun tar-Randan bħala żmien ta' ri-attivazzjoni tal-grazzji tal-magħmudija u purifikazzjoni tal-fidi milqugħa. Dan il-proċess jista' jiġi spjegat permezz tal-priżma ta' dak li Iżrael fehem fl-esperjenza tal-Eżodu. Din il-ġrajja kienet kruċjali għall-formazzjoni ta' Iżrael bħala Poplu t'Alla. Dan huwa poplu li kellu bżonn jifhem il-limitazzjonijiet tiegħu. Matul l-istorja ta' Iżrael, din l-iskoperta serviet bħala paradigma li permezz tagħha Iżrael seta' jinterpreta l-vjaġġ tiegħu lejn Alla. Ir-Randan hu għalina żmien meta fid-deżert ta' ħajjitna u qalb il-biżgħat tagħna niskopru mill-ġdid kemm Alla huwa qrib tagħna minkejja kollox. Dan hu mument fundamentali. Il-grazzji tal-Magħmudija li nilqgħu fit-tfulija tagħna m'għandniex ninsewhom anke jekk inkunu ġbarna fuqna ħafna dnubiet. Id-deżert hu l-post li jittestja l-fidi tagħna. Imma jsaffiha wkoll u jsaħħaħha. It-tema kurrenti f'dawn it-tlitt iħdud hija li l-fidi tista' tibqa' titgħajjex quddiem wiċċ id-dnub (is-Samaritan), l-injoranza (l-għama) u l-mewt (Lazzru). Dawn huma d-deżerti li rridu ngħixu magħhom f'ħajjitna.

70. Ir-relazzjoni bejn dawk li qed jippreparaw għall-Magħmudija u l-bqija tal-fidili ssaħħaħ id-dinamiżmu tal-istaġun tar-Randan u l-predikatur għandu jagħmel tentattiv sabiex jassoċja l-komunità wiesa' mat-tħejjija ta' dawk magħżula. Meta l-iskrutinji huma ċelebrati, issir proviżjoni –at-talb li jsir għall-parrini matul it-Talba Ewkaristika; dan jista' jservi bħala tfakkira li kull membru tal-kongregazzjoni għandu rwol biex jisponsorja l-magħżula u jressaqhom lejn Kristu. Aħna li diġa nemmnu msejħa sabiex bħas-Samaritana naqsmu l-fidi tagħna mal-oħrajn. Imbagħad fl-Għid, l-inizjati l-ġodda jistgħu jgħidu lill-bqija tal-komunità 'Aħna nemmnu mhux aktar minħabba l-kelma tagħkom għax issa smajna b'widnejna stess u nafu li hu tassew is-Salvatur tad-dinja'.

71. It-Tielet Ħadd tar-Randan iwasssalna lura għad-deżert. Il-Lhud huma għatxana u jibdew jistaqsu dwar l-għerf tal-vjaġġ li Alla daħħalhom fih. Is-sitwazzjoni tkun tassew mingħajr tama imbagħad Mosè jaħbat mal-blata bl-għasluġ tiegħu u jsir il-miraklu. Is-Salm Responsorjali jagħmel talba elokwenti: 'Jekk

illum tisma' l-Mulej u ma twebbsux qalbkom'. Fit-tieni qari, Pawlu jgħidilna li l-għasluġ tagħna huwa l-fidi tagħna li tagħtina aċċess permezz ta' Kristu għall-grazzja ta' Alla u dan inissel it-tama. It-tama ma tqarraqx imma twassal għall-imħabba. Meta konna għadna midinbin Ala ħabbna u Ġesù miet għalina. L-Appostlu jsejħilna sabiex nikkontemplaw il-misteru tat-Trinità u l-virtujiet tal-fidi, tama u mħabba.

Il-palk huwa lest sabiex Ġesù jiltaqa' mas-Samaritana. Tibda konverżazzjoni profonda mimlija pedagoġija tal-fidi. Ġesù jitkellem fuq livell differenti fil-bidu. Imbagħad il-moħħ prattika tagħha jiċċentra fuq l-ilma tal-bir. Ġesù jitkellem fuq l-ilmijiet tal-grazzja. Dan l-għarfien tad-dgħjufija tagħha minħabba l-istat maritali tagħha jiftaħ bieb fuq il-misteru t'Alla. Hija taċċetta l-istedina sabiex temmen f'Ġesù l-Messija u timtela bil-grazzja u taqsamha mal-oħrajn.

Il-fidi, mgħixha bil-Kelma t'Alla, bl-Ewkaristija u t-twettiq tar-rieda tal-Missier, tiftaħ il-misteru tal-grazzja tal-'ilma ħaj'. Mosè ħabat mal-blata u l-ilma ħareġ: is-suldat nifed ġenb is-Salvatur u ħarġu demm u ilma. Il-Knisja tqiegħed dan il-kliem quddiemna: 'Kull min jixrob minn dan l-ilma li nagħtih jien jgħix, u l-ilma li jiena nagħti jwassal għall-ħajja ta' dejjem'.

72. Imma aħna m'aħniex l-uniċi li nħossu l-għatx. Il-Prefazju tal-Quddiesa tal-lum jgħid: 'Meta staqsa lis-Samaritana għall-ilma sabiex jixrob kien diġa ħalaq id-don tal-fidi ġewwa fiha'. Ġesù li qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir kien għajjen u bil-għatx. Fil-fatt il-predikatur jista' jgħid kif l-Evanġelji ta' dawn l-aħħar tliet iħdud jitkellmu fuq l-umanita' ta' Ġesù. Hu kien għajjien u mit-tajn tal-art fejjaq lill-għama u d-dmugħ tiegħu qajjmu lil Lazzru mill-mewt. Ġesù fuq is-salib jgħid: 'Għandi l-għatx'. Din hija r-rieda li jrid iwettaq, ir-rieda ta' min bagħtu. Mill-qalb minfuda tiegħu toħroġ il-ħajja eterna li mbagħad tasal għandna permezz tas-sagramenti li jgħinuna fil-pellegrinaġġ tagħna.

73. Ir-Raba' Ħadd tar-Randan hu mimli bid-dawl, id-dawl tal-Ħadd magħruf bħala 'Laetare'. L-assoċjazzjoni tal-Misteru Paskwali, il-Magħmudija u d-dawl huma maħkuma fis-sentenza: 'Qum mir-raqda tal-mewt għax Kristu se jagħtik id-dawl'. Din ir-rabta ssib l-eku tagħna fl-elborazzjoni ta-Prefazju: 'Bil-misteru tal-Inkarnazzjoni, hu wassal ir-razza umana li kienet miexja fid-dlam għad-dawl tal-fidi u ħareġ mill-jasar tad-dnub lill-bnedmin u tahom ħajja ġdida, ħajja ta' wlied adottivi'. Dan id-dawl li beda fil-Magħmudija jissaħħaħ kull darba li nirċievu l-Ewkaristija, punt li jispikka fil-Antifona tat-Tqarbin: 'Il-Mulej dilikli għajnejja: Jien mort inħsilt u emmint f'Alla'.

74. Imma dan mhuwiex sema mingħajr sħab li nikkontemplaw dan il-Ħadd: il-proċess tad-dawl hu aktar diffiċli milli naħsbu. L-ewwel qari jgħidilna: 'Alla ma

jarax kif jaraw il-bnedmin, għax il-bniedem jara d-dehra ta' barra imma l-Mulej iħares lejn il-qalb'. Din hija twissija salutari kemm għal dawk magħżula kif ukoll għall-bqija tal-komunità. It-talba wara t-tqarbin tgħid li Alla jdawwal lil kulħadd. Imma l-isfida hija kbira. Il-predikatur jista' jistieden lis-semmiegħa sabiex jinnutaw il-viżjoni dejjem tikber tal-bniedem li twieled għama u l-għama dejjem jikber tal-avversarji ta' Ġesù. L-imfejjaq jitkellem mir-raġel Ġesù. Imbagħad jgħid li hu profeta. Fl-aħħar jgħid 'Jien nemmen Mulej' u jqim lil Ġesù. Il-Fariżej min-naħa l-oħra dejjem jagħmew; l-ewwel jammettu li seħħ miraklu, imbagħad jiċħdu li hu miraklu u fl-aħħar ikeċċu lill-għami mis-sinagoga. Il-Fariżej jammettu dak li jafu waqt li l-għama jistqarr dak li ma jafx. Il-Vanġelu jintemm bi twissija: 'Kieku kontu għomja, kontu tkunu mingħajr dnub; imma ladarba tgħidu 'Qed naraw', il-għama tagħkom jibqa'. Din l-illuminazzjoni mogħtija fil-magħmudija trid tidher qalb id-dwal u d-dellijiet tal-qlub tagħna. Aħna nitolbu bl-isplendur tal-grazzja li dejjem nimmeditaw dak li jogħġob il-maesta' divina fis-sinċerita'.

75. Il-ħabib tagħna Lazzru huwa rieqed imma jien se nqajmu'. L-eżortazzjoni ta' Pawlu li jqajjem lil min hu rieqed fil-Ħadd ta' qabel tikseb dawl ġdid fis-'sinjali' tar-Raba' Vanġelu, il-qawmien ta' Lazzru. Il-finalita' tal-mewt enfasizzata mill-fatt li Lazzru kien diġa ilu mejjet erbat ijiem jidher li qed toħloq ostaklu aktar kbir minn meta wieħed jiġbed l-ilma mill-blata jew jagħti d-dawl lill-bniedem għami mit-twelid. Marta tagħmel stqarrija tixbah lil dik ta' Pietru: 'Jiena nemmen li inti Kristu, l-Iben ta' Alla, dak li għandu jiġi fid-dinja'. Il-fidi tagħha mhijiex f'dak li Alla seta' jagħmel fil-ġejjieni imma f'dak li Alla qed jagħmel *issa*: 'Jiena l-Qawmien u l-Ħajja'. Din l-'issa' ta' Ġesù nsibuha fl-Evanġelju kollu ta' Ġwanni u dan jidher fil-Vanġeli f'kull wieħed mill-ħdud. Meta s-Samaritana titkellem dwar il-Messija, Ġesù jgħidilha: 'Jiena hu li qed nitkellem miegħek'. Fl-istorja tal-għama, Ġesù jgħid: 'Sakemm għadni fid-dinja, jiena d-dawl tad-dinja'. U llum jgħid: 'Jiena hu l-Qawmien u l-Ħajja'. Il-mistoqsija hija: 'inti temmen f'dan?' Imma mqar Marta bħal donnha għandha fidi li tilgħab wara li tagħmel l-istqarrija tal-fidi u toġġezjona meta Ġesù jkun irid li titneħħa l-blata. Li timxi wara Ġesù hija biċċa xogħol li tieħu ħajja sħiħa. Kemm jekk aħna katekumeni u kemm ilna li ħaddanna l-fidi, il-ġlieda hija ta' kuljum għax jeħtieġ li naprofondixxu l-fidi tagħna.

76. Il-qawmien ta' Lazzru huwa l-milja tal-wegħda ta' Alla permezz ta' Eżekjel: 'Jien niftaħ l-oqbra tagħkom u nqajjimkom'. Il-qalba tal-Misteru Paskwali hija li Kristu ġie fid-dinja sabiex imut u jqum mill-ġdid: 'Ħollulu l-faxex u ħalluh imur'. Il-qalba tal-misteru Paskwali huwa li Kristu ġie biex imut u jqum mill-ġdid sabiex jagħmel magħna dak li għamel ma' Lazzru. Għalhekk huwa essenzjali għalina bħala Insara li ngħaddsu lilna nfusna kontinwament fil-Misteru Paskwali. 'Bħala

bniedem huwa beka għal Lazzru ħabibu imma bħala Alla etern hu qajmu mill-qabar u hekk jagħmel mar-razza tagħna, tiġih ħniena u jwassalna għall-ħajja ġdida'. Il-laqgħa tagħna ta' kull ġimgħa ma' Kristu Rxuxtat hija l-espressjoni tal-fidi tagħna issa u hawnhekk. Ġesù hu l-Qawmien u l-ħajja tagħna. Hekk inkunu nistgħu ngħidu ma' Tumas: 'Ejjew immorru ħa mmutu miegħu'.

### C. Ħadd il-Palm

**77.** 'Nhar Ħadd il-Palm it-testi għall-purċissjoni huma selezzjonijiet mill-Vanġeli Sinottiċi li jikkonċernaw id-daħla trijonfanti ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Għall-Quddiesa l-qari hu r-rakkont tal-Passjoni tal-Mulej'. (OLM 97). Żewġ tradizzjonijiet antiki jiffurmaw din iċ-ċelebrazzjoni liturġika unika u l-qari tal-Passjoni f'Ruma. Mid-daħla glorjuża niġu għall-qari tal-Qaddej Sofferenti u x-xandira solenni tal-Passjoni. Din il-liturġija sseħħ nhar ta' Ħadd, ġurnata *dejjem* assoċjata mal-Qawmien ta' Kristu. Kif jista' l-predikatur iressaq flimkien id-diversi elementi teoloġiċi u emozzjonali tal-ġurnata? Il-muftieħ jinsab fit-tieni qari, innu sabiħ mill-Ittra ta' San Pawl lill-Filippin li tiġbor il-Misteru Paskwali kollu. Il-predikatur jiġbor fil-qosor dak li se nesperjenzaw meta l-Misteru jitkellem magħna. Diversi drawwiet lokali u tradizzjonijiet jiġbdu n-nies lejn dawn il-ġrajjiet tal-ħajja ta' Ġesù. Imma x-xewqa kbira tal-Knisja hija mhux biss li jintmessu l-emozzjonijiet imma li tissaħħaħ il-fidi. Fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-ġimgħa kollha aħna ma nikkommemorawx biss dak li għamel Ġesù; aħna ninġibdu fil-Misteru Paskwali nnifsu u mmutu u nirxuxtaw ma' Kristu.

## III. IL-ĦDUD TAL-AVVENT

78. 'Kull qari tal-Vanġelu (għall-Ħdud tal-Avvent) għandu tema distintiva: il-miġja tal-Mulej fi tmiem iż-żmien (L-Ewwel Ħadd tal-Avvent), Ġwanni l-Battista (It-tieni u t-Tielet Ħadd), u l-ġrajjiet li ħejjew għat-twelid tal-Mulej (Ir-Raba' Vanġelu). Il-qari tat-Testment il-Qadim huma profeziji dwar il-Messija u l-era Messjanika speċjalment mill-Ktieb ta' Iżaija. Il-qari mill-Appostlu jkun fihom eżortazzjonijiet u proklamazzjonijiet li jżommu mad-diversi temi tal-Avvent' (OLM 93). L-Avvent huwa l-istaġun li jipprepara lill-poplu t'Alla għall-grazzji li jingħataw f'din is-sena fiċ-ċelebrazzjoni tas-Solennità tal-Milied. Mill-ewwel Ħadd tal-Avvent il-predikatur iħeġġeġ il-poplu tiegħu sabiex jipprepara ħafna aspetti li jissuġġerixxu lkoll il-ġabra għanja ta' siltiet bibliċi f'din il-parti tal-Lezzjonarju. L-ewwel parti tal-istaġun tal-Avvent iħeġġiġna sabiex nitħejjew għall-Milied billi jinkuraġġina mhux biss biex inħarsu lura lejn l-ewwel miġja imma wkoll bħalma jgħid l-ewwel prefazju tal-Avvent 'hu ħa fuqu n-natura tagħna l-bnedmin' imma wkoll li nħarsu 'l quddiem lejn il-miġja tiegħu fil-glorja u l-maesta', il-jum meta 'kollox jidher'.

79. Mela hemm dejjem dan is-sens doppju ta' *adventus* jiġifieri sens doppju tal-miġja tal-Mulej. L_istaġun iħejjina għall-miġja tiegħu fil-grazzji tal-festa tal-Milied u l-miġja tiegħu fil-ġudizzju fi tmiem iż-żmien. F'xi test jew ieħor niltaqgħu ma' kliem u immaġini li jwassluna nirriflettu fuq iż-żewġ miġjiet f'daqqa. Hemm imbagħad miġja oħra, meta Kristu huwa tassew preżenti. Fil-bidu tal-Avvent, il-Knisja tfakkarna fit-tagħlim ta' San Bernard li bejn iż-żewġ miġjiet viżibbli ta' Kristu hemm il-miġja ta' hawnhekk u issa (cf. Uffiċju tal-Qari, l-Erbgħa tal-Ewwel Ġimgħa) u l-Knisja tagħmel tagħha l-kliem ta' San Karlu Borromeo

Dan l-istaġun qaddis jgħallimna li l-miġja ta' Kristu ma kinitx biss għall-benefiċċju tal-kontemporanji tiegħu; is-setgħa tiegħu trid tiġi kkomunikata lilna lkoll. Għad ikollna sehem fil-qawwa tiegħu jekk permezz tal-fidi u s-sagramenti aħna naċċettaw bir-rieda qawwija l-grazzja li Hu kisbilna u ngħixu b'dik il-grazzja u f'ubbidjenza għal Kristu (Uffiċju tal-Qari, it-Tnejn, l-Ewwel Ġimgħa tal-Avvent).

### A. L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

**80.** L-Evanġelju tal-ewwel Ħadd tal-Avvent fit-tliet snin taċ-ċiklu huwa wieħed mir-rakkonti tas-Sinottiċi li jħabbar il-miġja malajr ta' l-Iben t'Alla fil-glorja f'siegħa u ġurnata li ma nafux. Aħna mħeġġa nkunu viġilanti u fuq ix-xwiek sabiex nistennew sinjali tal-biża' fis-sema u l-art u ma ninqabdux fuq sieq waħda. L-Avvent jibda dejjem hekk u jfakkarna fil-Milied li ġej u f'ħafna postijiet il-liturġija tgħinna sabiex naħsbu fuq ix-xbiehat tat-twelid f'Betlehem. Imma l-Liturġija tgħallima wkoll kif niftakru li l-Mulej 'għad jerġa' jiġi fil-glorja biex jiġġudika l-ħajjin u l-mejtin' kif jgħid sewwa l-Kredu. F'dan il-Ħadd hija r-responsabilta' tal-predikatur li jfakkar lill-Poplu Nisrani li jeħtieġ li huma jippreparaw lilhom infushom għall-miġja u l-ġudizzju tiegħu. L-Avvent huwa din it-tħejjija: il-miġja ta' Kristu hija marbuta mal-miġja tiegħu fl-aħħar żmien.

81. Fit-tliet snin il-qari mill-profeta jista' jiġi mifhum bħala li jipponta lejn il-miġja ta' Ġesù fl-aħħar glorja u l-miġja tiegħu fil-ġisem li nfakkru fil-Milied. Kemm Iżaija (Sena A) kif ukoll Ġeremija (Sena Ċ) jħabbru li qed joqorbu l-jiem tal-aħħar; imma jfakkru wkoll fis-Solennità tal-Milied.

82. X'se jiġri meta jerġa' jiġi? Iżaija jgħid (Sena A) ' Għad jiġri fl-aħħar jiem li l-għolja tad-dar tal-Mulej togħla '1'1 fuq mill-qċaċet tal-muntanji, u tintrefa 'l fuq mill-għoljiet, lejha għad jiġru l-ġnus kollha'. Il-predikatur għandu quddiem diversi interpretazzjonijiet possibli li jista' jiżviluppahom fuq dan il-vers. Il-ġnus kollha se jersqu jaduraw it-tarbija fil-maxtura u allura l-vers jista' jitfisser li qed

jirreferi għall-ewwel Milied. Dan il-vers se jitwettaq l-aktar fl-Epifanija meta l-Maġi jiġu biex jaduraw lil Ġesù. Il-Maġi jirrappreżentaw dawn il-ġnus. Dan il-moviment jibda fl-ewwel Ħadd tal-Avvent. L-istess diskors jista' japplika wkoll għall-aħħar miġja meta Ġesù jerġa' jiġi. 'Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus, u jaqta' s-sentenza bejn ħafna popli'. L-aħħar kelmiet tas-silta profetika fihom ġmiel ta' sejħa għaċ-ċelebrazzjoni tal-Milied sabiex ilkoll nistennew lil Bin il-Bniedem fil-glorja : 'Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej!

83. L-ewwel qari minn Iżaija fis-Sena B huwa forma ta' talba li tmexxi lill-Knisja f'attitudni penitenzjali li huwa propju għal dan l-istaġun. Jibda billi jesprimi problema, il-problema tad-dnub. 'Tassew li l-misteru tal-ħażen ġa qiegħed jaħdem, imma kull ma għandu jiġri ma jiġrix qabel ma jkun twarrab min-nofs dak li issa qiegħed irażżnu' (2 Tess 2: 7). Min jista' jifhem? L-esperjenza tagħna tinsab ġewwa fina u l-predikatur jista' jagħti eżempji: 'O mhux li kien li s-smewwiet jiċċartu u l-muntanji jitħarrku quddiemu! F'Ġesù Kristu din l-għajta hija mwieġba. Fih Alla jagħtina sema mċarrat u miftuħ u minnu jinżel. Kif jgħid il-profeta Alla 'għamel għeġubijiet kbar li ma konniex nistennew, ħwejjeġ li qatt ma kienu nstemgħu'. Il-Milied huwa ċ-ċelebrazzjonijiet tal-ġrajjiet kbar li ma stajniex nittamaw.

**84.** F'dan l-ewwel Ħadd tal-Avvent, il-Knisja titfa' ħarsitha fuq il-glorja ta' Alla. 'Mhux li kien li ċċarrat is-smewwiet u tinżel bil-muntanji jitriegħdu quddiemek!' B'dawk il-kelmiet l-Evanġelisti wkoll jiddeskrivi l-miġja tal-aħħar. Imma aħna lesti? Għandna tassew bżonn ta' preparazzjoni. It-talba tal-profeta tkompli: 'Mulej jalla tiltaqa' magħna fit-tajjeb tagħna aħna u nimxu fit-triqat tiegħek!' Xi ħaġa simili hija mitluba minna fil-Kolletta għal dan il-Ħadd: 'Agħti lill-fidili tiegħek O Alla x-xewqwa u r-rieda li niġu niltaqgħu ma' Kristu bl-għemejjel tajba tagħna fil-miġja tiegħu...'

85. Fl-Evanġelju ta' San Luqa fis-Sena Ċ, ix-xbiehat huma ċertament vividi. Ġesù jistqarr li qalb il-ħafna sinjali tat-twerwir, se jkun hemm sinjal li jitfihom ilkoll; id-dehra tiegħu nnifsu bħala l-Mulej tal-Glorja. Hu jgħid: 'Imbagħad jaraw lil Bin il-Bniedem ġej fuq is-sħaba b'setgħa u glorja kbira'. Għalina li nappartjenu lilu dan ifisser li se tkun ġurnata li fiha nitriegħdu. Għall-kuntrarju hemm miktub: 'Imma meta jseħħu dawn is-sinjali, la tibżgħux, ieqfu u erfgħu raskom għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib'. Il-predikatur jistaqsi dwar dak li hu neċessarju sabiex dakinhar nadottaw attitudni ta' kunfidenza. Ċertament hemm bżonn ta' preparazzjoni biex nibdlu ħajjitna. Jitlob minna li nqiegħdu fil-prattika l-parir tal-Mulej. L-istaġun tal-Avvent jgħinna: 'Ishru u la tintelqux. Itolbu li jkollhom is-

saħħa sabiex tifilħu għat-tribulazzjonijiet li ġejjin u li tieqfu quddiem Bin il-Bniedem'.

86. L-Ewkaristija nfisha li niċċelebraw hija l-preparazzjoni l-aktar intensa li l-komunità trid tagħmel qabel ma jiġi l-Mulej. Fil-prefazju tat-Talba Ewkaristika ta' dan il-Ħadd il-komunità tidher quddiem Alla bħala dik li tishar. Aħna li nishru rridu nkantaw l-innu tal-anġli: 'Qaddis, Qaddis, Qaddis Mulej Alla tal-Eżerċti!' fil-proklamazzjoni tal-Misteru tal-fidi aħna nesprimi dan is-sens: 'Meta nieklu dal-ħobż u nixorbu dal-kalċi aħna nħabbru l-mewt tiegħek sa ma tiġi fil-glorja'. Fit-talba Ewkaristika s-smewwiet jinfetħu u Alla jinżel. Fit-tqarbin s-smewwiet jinfetħu u Alla jinżel. Bil-grazzja tiegħu fit-tqarbin aħna nittamaw li nkunu nistgħu ngħidu: 'Jien neqaf u ngħolli rasi għax il-fidwa tiegħi hi fil-qrib'.

## B. It-Tieni u t-Tielet Ħadd tal-Avvent

87. Il-figura ta' Ġwanni l-Battista tiddomina l-Evanġelji tat-tliet ċikli tat-Tieni u t-Tielet Ħdud tal-Avvent. Mhux hekk biss imma huwa wkoll is-suġġett tas-siltiet tal-Vanġelu tal-lezzjonarju ta' matul il-ġimgħa. Nhar id-19, l-21, it-23 u l-24 ta' Diċembru, is-siltiet tal-Vanġelu kollha jiffukaw fuq il-ġrajjiet ta' madwar it-twelid ta' Ġwanni. Finalment, il-festa tal-Magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni tagħlaq iċ-ċiklu kollu tal-Milied. Dak li jingħad hawnhekk jgħin lill-predikatur f'dawk l-okkażjonijiet meta Ġwanni l-Battista jidher hekk prominenti fit-test bibliku.

88. Dak l-għaref teologu tat-tielet seklu Oriġene josserva stil li fih misteru kbir: meta l-Mulej Ġesù ġie, hu kien preċedut f'dik il-miġja minn Ġwanni l-Battista (*Omeliji fuq Luqa* IV, 6). Meta Ġwanni qabeż fil-ġuf ta' ommu, il-preżenza tal-Mulej kienet qawwija. Fid-deżerti tal-Ġordan, il-predikazzjoni ta' Ġwanni ħabbret lil dak li kellu jiġi warajh. Meta għammed lil Ġwanni fil-Ġordan, is-smewwiet infetħu u l-Ispirtu s-Santu niżel fuq Ġesù f'forma viżibbli u vuċi mis-sema iddikjarat li hu l-Iben maħbub tal-Missier. Il-mewt ta' Ġwanni kienet sinjal li Ġesù se jitla' Ġerusalemm fejn kien se jagħraf il-mewt tiegħu. Ġwanni huwa l-aħħar u l-akbar fost il-profeti; wara li jitkellem, dak li hu Mistenni jasal u jġib is-salvazzjoni.

89. L-istess Kelma divina li darba ħadet il-laħam fil-Palestina jiġi għand kull ġenerazzjoni ta' Insara. U Ġwanni li jiġi qabel Ġesù fl-istorja jippreċedih fl-assembleji ta' dawn il-ġranet, iħabbar lil dak li għandu jiġi. Dan huwa għaliex kull filgħodu l-Knisja tgħanni fit-Talba tal-Lawdi l-għanja li misser Ġwanni Żakkarija

kanta fit-twelid tiegħu: 'U inti tfajjel tiġi qabel il-Mulej biex tħejjijlu triqatu, biex tgħarraf il-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, bil-maħfra ta' dnubiethom' (Lq 1: 76-77).

90. Il-predikatur għandu jagħmilha ċerta li l-poplu Nisrani bħala parti mill-preparazzjoni tal-miġja doppja tal-Mulej, jisma' l-insistenza ta' Ġwanni għall-indiema u dan insibuh fit-Tieni u t-Tielet Ħadd tal-Avvent. Imma l-vuċi ta' Ġwanni ma nisimgħuhiex biss fis-siltiet tal-Evanġelju: il-vuċijiet tal-profeti ta' Iżrael huma miġbura flimkien fil-vuċi waħda ta' Ġwanni: 'Hu Elija!' Ġesù qal fuqu (Mt 11: 14). Jista' jingħad li huwa wkoll Iżaija, Baruk, u Sofonija. L-orakli tal-profeti xandru fl-assemblea liturġika ta' dawn il-ġranet huwa għall-Knisja l-eku tal-vuċi ta' Ġwanni li jħejji it-triq tal-Mulej. Aħna mħejjija għall-miġja tal-Iben t'Alla fil-glorja u l-maesta' fl-aħħar ġurnata. Aħna mħejjija għall-festa tal-Milied ta' din is-sena.

91. Kull assemblea fejn l-Iskrittura hija mħabbra hemm 'Ġerusalemm' tat-test tal-profeta Baruk (It-Tieni Ħadd, Ċ): 'Ġerusalemm, inża' l-mantar tal-viżtu tiegħek u l-miżerja u ilbes il-ġmiel tal-glorja ta' Alla għal dejjem'. Hawnhekk għandna profeta li jistedinna għal tħejjija preċiża għall-konverżjoni: 'Imfisqi fil-ġustizzja, qiegħed fuq rasek il-mitra li turi l-glorja tal-isem etern'. Fil-Knisja, il-Kelma ssir laħam u tgħammar fostna: 'Qum Ġerusalemm! Ieqaf fuq riġlejk; ħares lejn il-lvant u ara lil uliedek miġbura mil-lvant u mill-punent għall-kelma tal-Qaddis, ifraħ li Alla ftakar fihom'.

92. Diversi profeziji klassiċi messjaniċi ta' Iżaija huma moqrdija f'dawn it-tlett iħdud. 'Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu' (Iżaija 11: 1 Tieni Ħadd Sena A). It-test jilħaq il-milja tiegħu fit-twelid ta' Ġesù. F'sena differenti naqraw: 'Leħen jgħajjat: "Ħejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna mogħdija fix-xagħri' (Iżaija 40: 3, Tieni Ħadd B). L-erba' evanġelisti jaraw dan t-test iseħħ fil-predikazzjoni ta' Ġwanni. L-istess test ta' Iżaija jkompli: 'U tfiġġ il-glorja tal-Mulej, u l-bnedmin jarawha lkoll f'daqqa, għax fomm il-Mulej tkellem"(Iżaija 40: 5). Dan jingħad fl-aħħar jum. Dan jingħad għall-Milied.

93. Fil-ħafna okkażjonijiet meta Ġwanni jidher fl-Evanġelji, huwa qawwi l-fatt kif il-messaġġ tiegħu hu ripetut: 'Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidtkom bl-Ispirtu s-Santu." (Mk 1: 8, It-Tieni Ħadd Sena B). Il-magħmudija bl-Ispirtu s-Santu li Ġesù jġib hija r-rabta diretta bejn it-testi hawnhekk diskussi u l-qalba tad-Direttorju: il-Misteru Paskwali jitwettaq f'Pentekoste bit-tiswib tal-Ispirtu s-Santu fuq dawk kollha li jemmnu fi Kristu. Il-Misteru huwa mħejji bil-miġja tal-Iben waħdieni li ħa l-ġisem. Iżaija jgħid li t-tifel

li twieled fl-istalla, dak li ġej fuq is-sħab: 'L-Ispirtu tal-Mulej jieqaf fuqu' (Iżaija 11: 2; Tieni Ħadd Sena A). U nistgħu nużaw il-kliem ta' Ġesù nnifsu li jitwettaq dak il-ħin: 'L-ispirtu tal-Mulej fuqu għax hu kkonsagranti: bagħatni nħabbar l-aħbar it-tajba lill-fqajrin' (Iżaija 61:1, It-Tielet Ħadd Sena B. Cf. Lq 4: 16-21).

94. Il-Lezzjonarju tal-Avvent huwa fil-fatt ġabra sabiħa ta' testi tat-Testment il-Qadim li b'mod misterjuż isibu l-milja tagħhom fil-laħam. Il-predikatur jista' juża l-poeżiji tal-profeti biex jiddeskrivi l-poplu Nisrani d-diversi misteri tal-liturġija. Il-Mulej wasal. Jerġa' jiġi fil-glorja. Jiġi fil-Milied. Jiġi diġa fl-Ewkaristija li niċċelebraw matul l-Avvent. Nistgħu napplikaw il-kliem tal-profeziji: 'Għidu lil dawk b'qalbhom imbeżżgħa: "Agħmlu l-ħila, la tibżgħux! Araw, Alla tagħkom ġej jitħallas; il-ħlas ta' Alla wasal; Hu stess ġej biex isalvakom' (Iżaija 35:4 It-Tielet Ħadd Sena A). 'Dakinhar jgħidu lil Ġerusalemm: "Tibżax, Sijon, tħallix idejk jintelqu: il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f'nofsok, gwerrier li jsalva; minħabba fik jithenna b'hena kbir, fi mħabbtu jġeddek, jinfexx minħabba fik f'għajat ta' ferħ' (Sof 3: 16-17), it-Tielet Ħadd Sena Ċ). "Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi?" jgħid Alla tagħkom. Kellmu lil qalb Ġerusalemm u għidulha li ntemm il-jasar tagħha, tħallset ħżunitha, ħadet mingħand il-Mulej darbtejn għal dnubietha kollha' (Iżaija 40: 1-2, Tieni Ħadd Sena B).

95. Mhuwiex tal-istagħġib mela li hekk kif l-ispirtu tal-antċipazzjoni jikber matul l-Avvent, fit-Tielet Ħadd iċ-ċelebrant jilbes il-lew roża sabiħ u allura jissejjaħ il-Ħadd tal-Gaudete. Araw x'hemm miktub fl-ittra lill-Filippin: 'Ifirtħu fil-Mulej dejjem, ngħidilkom ifirħu. Il-Mulej jinsab fil-qrib'. Hu ġie. Ġie u jerġa' jiġi fil-glorja. Ġej il-Milied u f'kull Quddiesa; 'Tassew il-Mulej jinsab fil-qrib'.

### Ċ. Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent

96. Sar-raba' Ħadd tal-Avvent, il-Milied ikun wasal fil-qrib. Il-burdata tal-Liturġija tinbidel minn sejħat intensi għall-konċerżjoni għal attenzjoni fuq il-ġrajjiet ta' madwar it-twelid ta' Ġesù. 'Araw, ix-xebba tnissel' jgħid it-titlu tal-qari ewlieni ta' Sena A. Il-qari kollha kemm dak mill-profeti kif ukoll dak mill-appostli u l-Evanġelji lkoll iduru madwar il-misteru mħabbar lil Marija mill-anġlu Gabrijel (Dak li jingħad hawnhekk dwar il-Vanġelu tal-Ħdud u t-test tat-T.Q. jista' jiġi applikat għal-Lezzjonarju ta' matul il-ġimgħa ta' Diċembru 17 sa 23).

97. Ir-rakkont ta' Luqa tat-Tħabbira huwa l-qari tal-Vanġelu ta' Sena B; wara jiġi l-Vanġelu tal-Viżitazzjoni, l-qari tal-Vanġelu ta' Sena Ċ. Dawn il-ġrajjiet għandhom post speċjali fil-ħajja devozzjonali ta' ħafna Kattoliċi. L-ewwel nofs ta' waħda mit-talbiet l-aktar sinjuri jiġifieri s-Sliema Għalik Marija, tikkonsisti fi kliem li l-Anġlu u Eliżabetta qalu lil Marija. It-Tħabbira hija l-ewwel misteru tal-

ferħ fir-Rużarju u l-Viżitazzjoni t-tieni. It-talba tal-Anġelus hija meditazzjoni wiesa' fuq it-Tħabbira li aħna nitolbu tliet darbiet kuljum. Xi teżori kbar tal-arti pittoreska tiffuka fuq il-laqgħa bejn Marija u l-anġlu. Fir-raba' Ħadd tal-Avvent, il-predikatur għandu jibni fuq dan il-pedament qawwi tad-devozzjoni Nisranija u jmexxi l-poplu lejn penetrazzjoni aktar profonda ta' dawn l-episodji tal-għaġeb.

98. 'L-Anġlu t'Alla ħabbar lil Marija. U hija saret Omm mill-Ispirtu s-Santu'. Il-qawwa u s-setgħa ta' dik is-siegħa ma jintemmu qatt. Tinħass dejjem ġdida kull meta tixxandar. Niġu assorbiti fil-misteru. Aħna nidħlu fix-xena. Naraw anġlu wieqaf quddiem il-Verġni ta' Nazareth fil-Galilija u l-Knisja tassisi. Messaġġ divin, rispons uman. Aħna u nħarsu, aħna nibdew nifhmu li m'aħniex osservaturi passivi. Dak li hu offrut lil Marija huwa dak li jingħata lilna. Dan insibuh fir-ra'a Ħadd tal-Avvent. Il-Milied qed joqrob. Bħalma qal darba Ġesù, 'Kull min iħobbni jisma' kelmti, u Missieri jħobbu u aħna niġu u ngħammru għandu' (Ġw 14: 23).

99. L-ewwel qari fis-Sena B mit-Tieni Ktieb ta' Samwel jistedinna sabiex inħarsu lejn ix-xena minn barra. Il-qari jipprovdi x-xbieha l-kbira, l-istorja tan-nisel ta' David. Aħna mistiedna nidħlu fil-ktieb tal-istorja u naraw l-anġlu wieqaf quddiem Marija. Hu importanti li l-predikatur jgħin lin-nies jifhmu d-drama kollha. David hu ġeneruż u jrid jibni dar lil Alla. Imma kif jista' David iħalli lil Alla jgħammar f'arka ? Għax mhuw dar jew tempju tal-preżenza tiegħu? Imma – Mulej jgħidlu: 'Mhux int tibni dar għalija; jien jibni dar għalik' (cf. 2 Sam 7: 11). Dan ifisser li d-dar ta' David kellha tibqa' 'sa ma tgħib ix-xemx u jintemm il-qamar' (Salm 72: 5).

100. Issa, aħna u nirritornaw lejn ix-xena ċentrali ta' din id-drama, aħna naraw li din il-wegħda li saret lil David hija mwettqa b'mod defenittiv u darba għal dejjem mill-anġlu. Marija 'titgħarras raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David' (Lq 1: 27). 'Il-Mulej jagħtih it-tron ta' David missieru' (Lq 1: 32). Għalhekk Marija hija d-dar tal-Mulej għal bin David. Ix-xewwqa ta' David li jibni dar lil Alla hija mwettqa: permezz tal-kliem tagħha 'Ikun minni skont Kelmtek' (Lq 1: 38). Bint Sijon tibni tempju lill-Iben Alla.

101. L-istess misteru tal-konċepiment verġinali ta' Marija huwa s-suġġett tal-Vanġelu għas-sena A, imma l-istorja tingħad mill-perspettiva ta' Ġużeppi kif jirrakkonta l-Evanġelju ta' Mattew. L-ewwel qari f'dik il-ġurnata hija silta qasira minn Iżaija fejn il-profeta jistqarr il-kelmiet 'ix-xebba titqal u jkollha iben u jsemmuh Immanuel'. Dan il-qari jista' jipprovdi okkażjoni għall-predikatur biex jispjega kif il-Knisja tara bir-raġun kollu l-milja tat-testi tat-T.Q. fil-ġrajjiet tal-ħajja ta' Ġesù. Fis-silta minn Mattew, l-assemblea tisma' d-dettalji tat-twelid ta'

Ġesù jiġu rrapurtati u hemm miktub: 'Dan kollu seħħ sabiex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta'. Profeta jitkellem fl-istorja f'ċirkustanzi konkreti. Fis-sena 734 QK is-Sultan Aħaż kellu għadu kbir; Iżaija jħeġġu sabiex jiafda fil-Mulej u jagħti lil Ġerusalemm u offra lis-sultan sinjal mingħand Alla. Meta s-sultan b'wiċċ b'ieħor irrifjuta, Iżaija xandar dan is-sinjal li Alla kien se jagħtih xorta waħda, is-sinjal ta' verġni b'tifel li jsemmuh Immanuel. Dak li tkellem permezz tal-profeta u kellu sens fiċ-ċirkustanzi storiċi issa jikseb qawwa akbar; jiġifieri li l-Iben t'Alla jieħu l-ġisem. Il-profezija u l-istorja jitkellmu għal dan.

102. B'dan f'moħħu l-predikatur iħares lejn ir-rakkont ta' Mattew. Hu jinteressah li jżomm il-bilanċ fuq iż-żewġ veritajiet ta' Ġesu; li hu l-Iben ta' David u li hu Bin Alla. Kull waħda hija essenzjali biex nifhmu min hu Ġesù. Marija u Ġużeppi għandhom rwol filli jwettqu dan il-misteru.

103. kif ħarisna lejn it-Tħabbira fil-kuntest tal-istorja ta' Iżrael, hawn ukoll naraw il-ġenealoġija li tippreċedi dan l-Evanġelju bħala muftieħ importanti. (In-nisel jinqara fis-17 ta' Diċembru u fil-Quddiesa tal-Vġili tal-Milied). L-Evanġelju ta' Mattew jibda b'dan il-kliem solenni: 'Il-ktieb tan-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham'. Imbagħad jissemmew il-ġenerazzjonijiet; ibda minn Abraham li kellu lil Iżakk, Iżakk li kellu lil Ġakobb u nibqgħu sejrin sa David u d-dixxendenti tiegħu. 'Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesu li jgħidulu Kristu'. Huwa interessanti li t-test ma jgħidx li Ġużeppi nissel lil Ġesù imma li Ġużeppi huwa r-raġel ta' Marija li minnha twieled Ġesù. Huwa hawnhekk li s-silta li tinqara fir-Raba' Ħadd tibda u tindika hekk: 'Issa ngħidu kif seħħ it-twelid ta' Ġesù. Mela għandna ċirkustanzi differenti.

104. L-ewwel ħaġa li tingħad li hi Marija *qabel* ma hi u Ġużeppi ġew flimkien, instab li kellha tifel mill-Ispirtu s-Santu. huwa ċar mela li t-tifel mhuwiex ta' Ġużeppi imma ta' Alla. Imma dan mhux ċar għal Ġużeppi. Il-predikatur jista' jinnota dan is-sens ta' drama. Tgħid kien qed jissusspeta xi sinjal ta' infedelta' min-naħa ta' Marija? Forsi kien se jitlaqha? Is-silenzju ta' Marija wkoll iħawwadna. Hija żżomm is-sigriet li hemm bejnha u bejn Alla. Alla biss jikkjarifika s-sitwazzjoni. Waqt li Ġużeppi kien mifxul, anġli jirrivela lil Ġużeppi li Marija kkonċepiet bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Il-liturġija tal-Avvent tistieden lill-fidili sabiex ma jibżgħux u bħal Ġużeppi naċċettaw il-misteru divin li jseħħ f'ħajjitna.

105. Anġlu waqt ħolma jikkonferma lil Marija li se tnissel bl-Ispirtu s-Santu. Mela Ġesù huwa l-Iben t'Alla. Imma Ġużeppi għandu jagħmel żewġ affarijiet li jilleġittimaw it-twelid ta' Ġesù f'għajnejn il-kultura u l-fidi Lhudija. L-ewwel nett

l-anġlu jsejjaħlu 'Ġużeppi bin David' u jieħu lil Marija għandu. Imbagħad irid jagħti isem lit-tarbija. Dawn iż-żewġ azzjonijiet jagħmlu lil Ġesù bin David. 'Dan kollu sar biex isseħħ dak kollu li l-Mulej qal permezz tal-profeta'. Imbagħad għandna l-kowtazzjon minn Iżaija. Dak li Iżaija qal lil Aħaż huwa biss ċkejken fissura mxebbah ma' dan kollu. Issa l-kelma 'verġni' trid tittieħed litteralment u hi tikkonċepixxi mill-Ispirtu s-Santu. X'isem se jagħtu lit-tarbija? Mattew jgħidilna xi jfisser 'Alla magħna' – xi ħaġa li Iżaija ma jagħmilx. Ġużeppi iben David se jsemmi lil Ġesu: il-misteru l-aktar kbir tal-isem tiegħu hu li ismu jfisser 'Alla magħna'.

106. f'dan l-istess Ħadd, fit-tieni qari mill-ittra lir-Rumani, insibu diskors eqdem u aktar primittiv minn ta' Mattew. San Pawl jitkellem minn 'vanġelu li jikkonċerna l-Iben t'Alla, li tnissel minn David skont il-ġisem imma mwaqqaf bħala Iben Alla fis-setgħa.....bil-Qawmien tiegħu mill-mewt'. San Pawl jara f'dan it-titlu l-konferma tal-Qawmien ta' Ġesù. San Mattew kif rajna meta jispjega l-isem tal-Immanuel jesprimi dan il-ħsieb dwar Kristu Rxot fil-bidu tal-eżistenza umana tiegħu!

107. Huwa San Pawl li juri t-triq. Wara li sejjaħlu 'Iben David u Iben ta' Alla' issa jsejjaħ lill-Ġentili bħala dawk 'imsejħa biex ikunu ta' Ġesù. Isejħilhom 'maħbubin ta' Alla u msejħin għall-qdusija'. Il-predikatur irid juri li dan id-diskors jgħodd għalina wkoll. Il-poplu Nisrani jisma' l-istorja sabiħa tat-twelid ta' Ġesù u jilmaħ it-twettiq tal-profeti. Il-poplu t'Alla huwa msejjaħ sabiex ikun appartenenti għal Ġesù Kristu.

108. Fis-Sena Ċ, l-istorja tal-Evanġelju tirrelata dak li Marija għamlet wara l-laqgħa tagħha mal-anġlu. 'Marija marret tħaffef lejn l-għoljiet tal-Lhudija'. Marret tfittex tgħin lil Eliżabetta. It-tarbija taqbeż fil-ġuf. Dan hu l-ewwel sinjal tad-divinita' minn Ġwanni. Hija 'tħaffef' biex tgħin lil Eliżabetta għax mhemm xejn għal Alla li ma jistax isir. Hi twassal lil Eliżabetta ferħ kbir.

109. F'dawn l-aħħar ġranet tal-Avvent il-Knisja kollha tieħu fuqha pinzellati Marjani. Il-wiċċ tal-Knisja huwa mmarkat minn Marija. L-Ispirtu s-Santu jaħdem fil-Knisja llum kif dejjem ħadem. Hekk kif l-assemblea tidħol fil-misteru ewkaristiku, il-qassis jitlob 'Jalla l-Ispirtu s-Santu jqaddes dawn id-doni li ġibna fuq altarek l-istess kif mela bil-qawwa tiegħu l-ġuf tal-Verġni Marija'. Il-predikatur irid jiġbed l-istess konnessjoni mat-talb: permezz tal-Eewkaristija, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, il-fidili jġorru fihom dak li ġarret Marija. Bħalha jridu 'jħaffu' biex jagħmlu ġid lill-oħrajn. L-għemejjel tajba tagħhom jgħaġġbu lil ħaddieħor biil-preżenza ta' Kristu u jaqbżu bil-ferħ.

## IV. L-ISTAĠUN TAL-MILIED

### A. Il-Liturġiji tal-Milied

110. 'Għall-Vġili u t-tliet Quddisiet tal-Milied kemm il-qari profetika kif ukoll il-qari l-ieħor intagħżel mit-tradizzjoni Rumana' (OLM 95). Fattur distintiv tas-Solennità tan-Nativita' tal-Mulej hija d-drawwa taċ-ċelebrazzjoni tat-tliet Quddisiet; f'nofs il-lejl, mas-sebħ u matul il-jum. Fir-riformi tal-Konċilju Vatikan II, żdiedet Quddiesa tal-Vġili. Apparti l-komunitajiet moonastiċi, ftit huma dawk li jieħdu sehem fit-tliet ċelebrazzjonijiet; aktarx li n-nies tattendi waħda. Għalhekk huwa istruttiv li wieħed jeżamina s-sekwenza tal-erba' Quddisiet qabel ma wieħed jikkunsidra xi temi komuni għat-testi liturġiċi u bibliċi.

111. Il-Milied huwa festa tad-dawl. Jingħad li ċ-ċelebrazzjoni tat-twelid tal-Mulej hija stabilita f'Diċembru sabiex tagħti tifsira Nisranija lill-festa pagana tas-*Sol Invictus*. Dan jista' jkun minnu u jista' ma jkunx. Tertulljanu jikteb li Kristu kien konċeput fil-25 ta' Marzu li f'xi kalendarji kien l-ewwel jum tas-sena. Jista' jkun li d-data tal-Milied kienet ikkalkulata minn dik id-data. Sa mir-raba' seklu l-padri għarfu l-valur simboliku li l-ġranet kienu jibdew jitwalu wara l-Milied. Il-festi pagani tad-dawl fid-dlam kienu komuni. Xi wħud għadhom jeżistu sal-lum. Il-qari u t-talb fi żmien il-Milied dejjem jenfasizza d-dawl. L-ewwel prefazju jgħid: 'Għax fil-Misteru tal-Kelma li ssir bniedem, dawl ġdid tal-glorja tiegħek idda fuq l-għajnejn ta' moħħna'. Il-predikatur għandu jkun attent għal din id-dinamika tad-dawl fid-dlam li jiġbor kollox fih.

112. Il-Quddiesa tal-Vġili: għalkemm iċ-ċelebrazzjoni tal-Milied tibda b'din il-liturġija, it-talb u l-qari jjevokaw sens ta' stennija; f'ċertu sens, din il-Quddiesa hija distillazzjoni tal-istaġun kollu. Virtwalment, it-talb kollu huwa fil-ġejjeini: 'Filgħodu naraw il-glorja tiegħu' (Antifona tad-dħul); 'Nistennew bit-tama għall-fidwa tagħkom' (Kolletta); 'Għada l-qerq tad-dinja jinqered' (Vers tal-Allaluia); 'Aħna u nistennew il-festi li ġejjin' (Talba fuq l-Offerti); 'Il-glorja tal-Mulej se tidher' (Antifona tat-Tqarbin). Il-qari minn Iżaija fil-Quddies l-ieħor tal-Milied jiddeskrivi dak li qed jiġri. It-tieni qari u l-Evanġelju jitkellmu minn Ġesù bħala Bin David. Il-ġenealoġija mill-Vanġelu ta' San Mattew tixbah il-lezzjonijiet tat-T.Q. fil-Vġili tal-Għid u tiġbor fiha l-mogħdija tal-istorja tas-salvazzjoni li twassal għall-ġrajja tal-Milied. Il-litanija ta' ismijiet toħloq sens ta' stennija fuq ix-xwiek.

113. Il-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl: u f'nofs ta' lejl, meta d-dinja tkun rieqda, l-Insara jiftħu r-rigal ta' Alla li jsir bniedem. Iżaija jgħid: 'Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir!' Imbagħad jidtkellem mill-eroj li jkisser l-għasluġ tal-jasar. Iħabbar id-dominju wiesa' tal-ħakkiem: 'Alla setgħan, Missier għal dejjem,

Prinċep tas-sliem'. Il-bidu tal-Vanġelu jfakkar din l-eminenza tad-dinjità tiegħu u jsemmi l-imperatur u l-gvernatur ta' dak iż-żmien. Imbagħad tiġi t-tħabbira tat-twelid f'tarf minsi tal-imperu. Tissemma l-mara li 'fisqietu u medditu f'maxtura'. Il-paradossi tal-Vanġelu jissuġerixxu l-kuntrast bejn l-eroj ħakkiem deskritt f'Iżaija u t-tarbija dgħajfa tal-maxtura. Dan il-paradoss hu li jiġbed il-bnedmin lejn il-Knisja f'nofs ta' lejl. L-għanja tal-anġli tinstema' b'qawwa.

114. Il-Quddiesa tas-Sebħ: Il-qari għal din il-liturġija huwa sobriju jiġifieri mill-inqas. Aħna bħal nies li qodma għall-kesħa tal-jum nistaqsu jekk l-anġlu kienx ħolma. Ir-rgħajja bis-sens komun tagħhom jgħidu: 'Ejjew imorru Betlehem ħalli naraw x'ġara'. Imorru u jsibu tarbija mimduda u mfisqija f'maxtura. Kif iġibu ruħhom? Imorru lura jfaħħru lil Alla għal dak li raw u semgħu. Ir-rgħajja jaraw u aħna wkoll mistiedna sabiex naraw xi ħaġa li hija ħafna aktar importanti mix-xena sentimentali li hija s-suġġett ta' ħafna rappreżentazzjonijiet artistiċi; imma din ir-realtà nistgħu narawha bl-għajnejn tal-fidi u toħroġ fid-dawl tal-jum fil-liturġija li jmiss.

115. Il-Quddiesa tal-Jum: bħal xemx brillanti li tixref fis-sema, il-Prologu ta' Ġwanni jitfa' dawl fuq l-identita' tat-tifel fil-maxtura. L-Evanġelista jiddikjara: 'Il-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja tal-Iben Waħdieni tal-Missier, mimli bil-grazzja u l-verità. Alla tkellem b'ħafna modi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti imma issa f'dan l-aħħar żmien kellimna permezz ta' Ibnu. Dan huwa l-kobor tal-ġrajja. L-istedina toħroġ għad-dinja kollha u kulħadd jadura lil Alla. Dawl ġdid idda fuq l-art' (vers Evanġeliku).

116. Ir-raġuni għalfejn il-Verb sar bniedem kienet biex jifdina u jwassalna għall-qawmien. L-ewwel dixxipli għarfu r-rabta bejn il-Misteru tal-Inkarnazzjoni u dak tal-Għid, kif juri l-innu lill-Filippin 2: 5-11. Id-dawl tal-Quddiesa ta' Nofs il-lejl huwa d-dawl tal-Vġili Paskwali. Il-Kolletti għal dawn iż-żewġ solennitajiet jibdew b'termini simili. Fil-Milied il-qassis jgħid: 'O Alla li għamilt minn dan il-lejl l-aktar qaddis dawl li jdawwal bil-ġmiel tad-dawl veru' u fl-Għid 'O Alla li bdilt dan il-lekl qaddis f'dawl li jiddi bil-glorja tal-Qawmien...' It-tieni qari tal-Quddiesa fis-sebħ jippreżenta summarju ammirevoli tar-rivelazzjoni tal-misteru tat-Trinità: 'Iżda meta feġġet it-tjieba ta' Alla, Salvatur tagħna, u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin' (Titus 3: 4). It-talb għall-Quddiesa matul il-jum jitkellem fuq Kristu l-awtur tal-ġenerazzjoni divina li jgħaqqadna mal-Missier u l-Kolletta li hija qadima fer u teżor imprezzabli tesprimi fil-qosor *għaliex* il-Kelma saret laħam: 'O Alla li b'mod tal-għaġeb ħlaqt il-bniedem fil-kobor tiegħu u b'għaġeb aktar ġedditu wara li waqa'; agħmel li nissieħbu ma' Kristu fin-natura tiegħu ta' Alla kif għoġbu jieħu sehem magħna fin-natura tagħna l-bnedmin'. Skop fundamentali tal-omelija huwa

kif jinnota d-Direttorju kemm-il darba, li jxandar il-Misteru Paskwali: it-testi tal-Milied jipprovdu opportunitajiet għal dan kollu.

117. Skop ieħor tal-omelija hu li jwassal lill-komunità għas-sagrifiċċju ewkaristika. Il-kelma 'illum' fil-liturġija għandha qawwa kbira. Il-misteru tat-twelid ta' Ġesù huwa preżenti fiċ-ċelebrazzjonijiet imma bħall-ewwel miġja, nistgħu narawha biss bl-għajnejn tal-fidi. L-akbar 'sinjal' għar-rgħajja kien tfajjel ċkejken imwieled f'maxtura fqira. Jeħtieġ naraw bl-għajnejn tal-fidi l-istess Kristu li twieled illum taħt il-forom tal-ħobż u l-inbid. L-*admirabile commercium* li titkellem fuqu l-Kolletta ta' Jum il-Milied fejn Kristu jaqsam mal-umanita' tagħna u aħna nieħdu sehem fid-divinita' tiegħu hija maniffestata fl-Ewkaristija. Naqraw fil-kolletta fuq l-offerti f'nofs il-lejl: 'Ħa tkun togħġbok Mulej l-offerta li qed nagħmlulek'. Imbagħad mas-sebħ: 'Nitolbuk Mulej li dawn l-offerti tagħna jkunu jixirqu lill-misteru li qed niċċelebraw illum biex kif Kristu li sar bniedem idda wkoll quddiemna bħala Alla, hekk dan il-frott tal-art li qed noffrulek iġib fina l-grazzja tiegħek'. Imbagħad fil-Prefazju III tal-Milied naqraw: 'Bih illum idda quddiemna l-għemil tal-għaġeb tal-fidwa tagħna għax meta l-Verb tiegħek sar bnieeem bħalna, in-natura dgħajfa tagħna kisbet ġieħ għal dejjem u bis-saħħa tal-għaqda tiegħu magħna, seħibna miegħu fl-istess ħajja bla tmiem'.

118. Ir-riferenza għall-eternita' tmiss ma' tema oħra rikurrenti tal-Milied: iċ-ċelebrazzjoni tagħna hija pawża momentanja tal-pellegrinaġġ. Il-messaġġ eskatoloġiku priminenti fl-Avvent isib espressjoni hawnhekk. Fil-Kolletta tal-Vġili naqraw: 'O Alla li ta kull sena tferraħna fl-istennija tal-fidwa tagħna, agħmel li aħna bħalma nilqgħu bil-ferħ lil Ibnek il-waħdieni Feddej tagħna, hekk ukoll jistħoqqilna narawh bla biża' ta' xejn meta jiġi Mħallef tagħna'.

119. Il-qari u t-talb tal-Milied jipprovdu għana għall-pellegrinaġġ ta' ħajjitna; huma jirrivelaw lil Kristu bħala d-dawl tad-dinja u jistednuna nidħlu fil-Misteru tal-Għid permezz tal-'illum' tal-Quddiesa. Il-predikatur jista' jippreżenta din l-ikla lill-poplu t'Alla li jinġabar biex jiċċelebra t-twelid tal-Mulej u aħna nitħeġġu sabiex niċċelebraw it-twelid tal-Mulej bħal Marija li 'baqgħet tgħożż f'qalbha dawk il-ħwejjeġ kollha'. (Quddiesa Milied, fis-sebħ).

**B. Il-Festa tas-Sagra Familja**

120. 'Il-Vanġelu tal-Ħadd fl-Ottava tal-Milied, festa tal-Familja Mqaddsa, hu dwar it-tfulija ta' Ġesù u qari ieħor dwar il-virtujiet tal-ħajja tal-familja' (OLM 95). L-evanġelisti ma jgħidu kważi xejn dwar il-ħajja ta' Ġesù mit-twelid sal-bidu tal-ministeru pubbliku. Is-sinjali marbuta mat-twelid tas-Salvatur jisparrixu u l-

Familja Mqaddsa tgħix ħajja domestika sempliċi. Mela din il-familja tipprovdi mudell għall-familji kollha.

121. It-twaqqif tal-familja llum jiffaċja sfidi kbar f'ħafna nħawi tad-dinja. Il-predikatur jista' jitkellem fuq hekk. Imma m'għandux jieqaf fuq eżortazzjoni morali fuq il-valuri familjari. Jeħtieġ jenfasizza s-sens ta' dixxipulat. Kristu li tiegħu niċċelebraw it-twelid ġie fid-dinja sabiex jagħmel ir-rieda tal-Missier. Ġużeppi jobdi l-anġlu u jieħu lit-tifel u lil ommu Marija lejn l-Eġittu (Sena A); Marija u Ġużeppi jobdu l-Liġi billi jippreżentaw it-tarbija fit-tempju (Sena B) u jmorru Ġerusalemm (Sena Ċ). Ġesù huwa ubbidjenti għall-ġenituri tiegħu imma x-xewqa tiegħu hi li jkun fid-dar tal-Missier (Sena Ċ). Bħala Insara aħna membri ta' familja oħra li tinġabar madwar l-altar biex tieħu sehem mis-sagrifiċċju ta' Kristu ubbidjenti sal-mewt. Għandna naraw il-familji tagħna bħala Knisja domesika. Il-familji Insara kollha għandhom ikunu miftuħa għal din ir-rieda: 'Kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri huwa ħija u oħti u ommi' (Mk 3: 35).

122. Dan il-mod ta' kif nifhmu l-ħajja tal-familja jassisti l-predikatur anke minħabba l-qari mill-Kolossin. L-Appostlu jgħallem li n-nies għandhom joqogħdu għal żwiegħhom. Forsi jkun aktar prudenti li wieħed juża l-verżjoni l-qasira. Is-siltiet diffiċli tal-Iskrittura għandhom ħafna x'jgħallmuna u dan jagħti opportunita' lill-predikatur. Test jixxiebah hu tak ta' Efesin 5: 21 sa 6: 4. San Pawl jitkellem dwar il-ħajja tal-familja u r-rwoli tagħha. Is-sentenza prinċipali hija : 'Oqogħdu għal xulxin fi Kristu' (Efes 5: 21). L-oriġinalita' tat-tagħlim Pawlin hu li s-sottomissjoni tal-miżżewġin għandha tkun mutwa jiġifieri miż-żewġ naħat lejn xulxin. It-tieni, il-motiv veru għal dan mhijiex biss l-armonija imma frott ir-riverenza għal Kristu. Mela dan ir-rispett għandu bħala espressjoni tiegħu d-dixxipulat Nisrani. Il-familja għandha tkun manifestazzjoni tal-imħabba t'Alla. Il-predikatur jista' jqiegħed sfidi lis-semmiegħa tiegħu sabiex jisħaq fuq ir-realiżmu tal-messaġġ li jinsab fil-qalba tal-ħajja u l-missjoni ta' Kristu u li aħna niċċelebrawh fl-'ikla familjari' li hija l-Ewkaristija.

### Ċ. Is-Solennità ta' Marija Omm Alla

123. 'F'Jum l-Ottava tal-Milied, is-Sollenita' tal-Imqaddsa Verġni Marija Omm Alla, il-qari jkun dwar Marija Omm Alla u l-isem ta' Ġesù (OLM 95). Iċ-ċelebrazzjoni mifruxa fuq ġimgħa – għalhekk ottava – tal-Milied twassal għall-bidu ta' sena ġdida. Il-qari u t-talb kollu jitkellem fuq l-identita' tat-tarbija Ġesù. Hu veru Alla u veru bniedem: it-titlu antik *Theotokos* li jfisser Omm Alla jafferma ż-żewġ naturi ta' Ġesù. Huwa wkoll is-Salvatur tagħna. Hu jsalvana għaxc twieled taħt il-Liġi permezz tat-tixrid tad-Demm (ċirkonċiżjoni). Dan ir-rit jiċċelebra d-dħul ta' Ġesù fil-patt u jfakkar fil-'Patt li jibiqa' għal dejjem', 'il-

maħfra tad-dnubiet'. Ir-rwol ta' Marija fis-salvazzjoni huwa tema ċentrali fil-liturġija, kemm f'relazzjoni mal-membri tal-Ġisem u anke mal-Knisja. Finalment, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwek tas-Sena tipprova okkażjoni biex inroddu ħajr lil Alla għal kull ma għamel magħna. Bħal Marija aħna rridu nikkoperaw ma' Alla fil-missjoni kontinwa ta' Kristu. It-talba fuq l-offerti tgħid: 'O Alla, int fi tjubitek tibda kull ġid u twasslu fil-milja kollha tiegħu: agħmel li aħna u niċċelebraw il-festa tal-Imqaddsa Omm Alla, inħossu l-ferħ tal-grazzja li inti tiżra' fina u nithennew bil-frott kollu tagħha. Bi Kristu Sidna.'

**D.Is-Solennità tal-Epifanija**

124. Id-dimensjoni triplika tal-Epifanija (żjara tal-Maġi, Magħmudija ta' Ġesù u miraklu f'Kana) hija evidenti fil-Liturġija tas-Sigħat tal-Epifanija u fil-ġranet ta' qrib. Imma fit-tradizzjoni Latina l-liturġija tal-Ewkaristija tiffoka fuq l-istorja tal-Maġi. Ġimgħa wara, tiġi l-festa tal-Magħmudija. Fis-Sena Ċ l-Ħadd fuq il-Magħmudija jġib miegħu l-festa tat-tieġ ta' Kana.

125. It-tliet qari bibliku tal-Quddiesa tal-Epifanija jirrapreżentaw tliet ġeneri differenti ta' letteratura biblika. L-ewwel qari minn Iżaija huwa poeżija ġubilanti. It-tieni qari minn San Pawl hu stqarrija teoloġika. Is-silta tal-Vanġelu hija narrazzjoni drammatika tal-ġrajjiet kollha mimlija tifsir simboliku. Ilkoll flimkien jirrivelaw il-festa; jiddefenixxu l-Epifanija. Is-smigħ tax-xandir tagħhom iwassal sabiex nifhmu aħjar iċ-ċelebrazzjoni tal-Epifanija. Il-Kelma qaddisa ta' Alla tikxef quddiem id-dinja t-tifsira vera tat-twelid ta' Ġesù. Il-Milied li beda fil-25 jum ta' Diċembru jilħaq il-qofol tiegħu fl-Epifanija.

126. Il-predikatur jista' jibda b'silta minn San Pawl, silta qasira imma intensa tassew: stqarrija ta' xi tfisser l-Epifanija. Pawlu jirreferi għal-laqgħa speċjali tiegħu ma' Kristu fit-triq lejn Damasku. Isejjaħ lil din 'rivelazzjoni' u jgħid li din mhijiex opinjoni tiegħu imma mod ta' kif jifhem l-affarijiet. Isejjaħ ukoll din ir-rivelazzjoni 'grazzja' u 'qadi' jiġifieri teżor afdat lilu għall-benefiċċju tal-oħrajn. Dan il-'misteru' huwa xi ħaġa li qabel ma kinitx magħrufa. Dan il-'misteru' għandu xi tfisra moħbija li issa ħarġet fil-beraħ. X'inhi imma t-tifsira għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin? Insibu din l-itqarrija: 'il-Ġentili huma issa koeredi mal-Lhud, membri tal-istess ġisem u għandhom sehem fil-wegħda ta' Kristu Ġesù permezz tal-Evanġelju'. Din hija l-konverżjoni kbira ta' Sawlu li darba emmen fl-osservanza skrupluża tal-liġi Lhudija. Imma issa Pawlu jħabbar 'l-Evanġelju', aħbar tajba mhux mistennija fi Kristu Ġesù. Iva, Ġesù huwa l-milja tal-wegħdiet kollha li Alla għamel lill-poplu Lhudi; hu ma jistax ikun mifhum apparti minn dawk il-wegħdiet. Imma issa 'il-pagani huma koeredi mal-Lhud, mela werrieta u

membri tal-istess Ġisem u jidħlu jagħmlu sehem fi Kristu Ġesù permezz tal-Vanġelu'.

127. Fil-fatt, il-ġrajjiet rappurtati fil-Vanġelu skont Mattew dwar l-Epifanija huma t-tiġdid ta' dak li jgħid Pawlu. Il-Maġi mil-lvant jaslu Ġerusalemm mimħabba l-kewkba. Il-Maġi huma għorrief reliġjużi pagani u studenti tat-tradizzjonijiet tal-għerf li r-razza umana kienet ilha tixxennaq permezz tagħhom għall-Ħallieq u Mexxej ta' kollox. Huma jirrappreżentaw in-nazzjonijiet kollha u jsibu t-triq tagħhom lejn Ġerusalemm mhux permezz tal-Iskrittura tal-Lhud immma permezz tal-għaġeb tas-smewwiet jiġifieri l-kewkba. L-għerf mhux-Lhudi tagħhom huwa importanti. 'Aħna rajna l-kewkba u ġejna nqimuh'. Għall-aħħar fażi tal-vjaġġ tagħhom, huma jeħtieġu l-Iskrittura Lhudija u l-identifikazzjoni ta' Betlehem bħala l-post tat-twelid tal-Messija. Meta jigħallmu dan, il-kewkba tisfa ta' għajnuna għalihom xorta waħda. 'U araw il-kewkba li huma raw tiela' miexja quddiehom, waqfet fuq il-post fejn kien it-tifel'. Fil-Maġi hemm ix-xewqa kbira tal-popli għal Alla u s-sejba tat-tfajjel Ġesù ma' Marija ommu.

128. huwa f'dan il-punt tar-rakkont ta' Mattew li l-poeżija ta' Iżaija tidħol bħala kumment. It-toni ferrieħa tagħha jgħinhuna sabiex inkejlu l-għaġeb tal-mument. 'Qum għall-glorja tiegħek Ġerusalemm' jgħid il-profeta'. 'Id-dawl wasal u l-glorja tal-Mulej qed tiddi fuqek'. Dan it-test oriġinarjament kien prodott frott iċ-ċirkustanzi storiċi minħabba li l-Lhud kienu għaddejjin minn żmien diffiċli. Id-dawl il-glorja, l-isplendur – hija l-kewkba li tmexxi lill-Maġi. Anzi huwa Ġesù nnifsu 'id-dawl tal-ġnus u l-glorja tal-poplu Iżrael'. 'Qum Ġerusalemm' jgħid il-profeta. Illum nafu permezz tar-rivelazzjoni ta' San Pawl li jekk Ġerusalemm hija indirizzata – u dan huwa prinċipju bibliku – din mhix sempliċi riferenza għall-belt storika ta' din id-dinja. Għaliex 'il-pagani huma isa werrieta flimkien mal-Lhud'. Mela kull nazzjon huwa indirizzat mit-terminu 'Ġerusalemm'. Il-Knisja li hija miġbura minn madwar id-dinja hija Ġerusalemm. Titwettaq mela l-profezija tas-salm ; 'O belt ta' Alla, ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek: U jgħannu, huma u jiżfnu, dawk kollha li jgħammru fik' (Salm 87: 3, 7).

129. Mela nhar l-Epifanija kull assemblea tal-Insara hija ndirizzata bil-kliem tal-profeta: 'Id-dawl idda għalik Ġerusalemm!' Kull bniedem li jemmen bl-għajnuna tal-predikatur għandu jisma' dawn il-klmiet f'qalbu. 'Id-dlam jgħatti l-art u s-sħab lill-popli; imma fuqek jiddi d-dawl tal-Mulej u għandek tasal il-glorja'. Il-predikatur irid iħeġġeġ lill-poplu sabiex iħalli t-toroq il-qodma: 'Erfa' għajnejk u ħares madwarek. Huma lkoll għad jiġu għandek' jgħid. Il-karavani tal-ġnus jiġu jfittxu l-grazzja li diġa waslet. Għalhekk bir-raġun inkatnaw: 'Kull ġens jagħtik qima Mulej!'

130. Ir-riflessjoni tagħna tista' tmur lura fuq il-poeżija tar-rakkont ta' Mattew. Il-mudell tal-Maġi huwa mudell ta' kif għandna nersqu lejn Ġesù. 'Huma nxteħtu fl-art u tawh qima'. Dħalna fil-liturġija mqaddsa. Il-predikatur jagħmel sew ifakkar lill-poplu li meta jersaq għat-tqarbi fl-Epifanija, għandu jaħseb li wasal fil-post fejn hemm il-Kewkba. Il-poplu jrid joffri lil Ġesù d-deheb tal-imħabba lejn xulxin.. Jeħtieġ li joffru wkoll l-inċens tal-fidi tagħhom hiex jagħrfu li Alla hu magħna. Iridu joffru l-mirra li tfisser ir-rieda li wieħed imut għad-dnub u jindifen biex iqum għall-ħajja eterna. Il-Maġi wkoll imorru d-dar minn triq oħra. Ma jistgħux jinsew li Erodu l-impostur, il-volpi ried ikun jaf. F'din il-festa huma raw lill-Mulej! 'Qum Ġerusalemm. Id-dawl tiegħek wasal. Il-Glorja tal-Mulej qed tiddi fuqek'. Il-predikatur irid iħeġġeġ lill-kongregazzjoni kif għamel San Iljun il-Kbir Papap, sabiex jimitaw is-servizz tal-kewkba. Bħalma l-kewkba bid-dawl tagħna ġabet id-dawl għall-ġnus fi Kristu, hekk din l-assemblea permezz tad-dawl tal-fidi u t-tifħir u l-għemejjel tajba għandha tiddi f'dan id-dlam. 'Sħab oħxon jgħatti l-popli imma fuqek jiddi l-Mulej'.

**E.Il-Festa tal-Magħmudija tal-Mulej**

131. Il-festa tal-Magħmudija tal-Mulej, dimensjoni tal-Epifanija, tagħlaq l-istaġun tal-Milied u tiftaħ iż-żmien ordinarju ta' matul is-sena. Meta Ġesù jitgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan, tiġri xi ħaġa sabiħa. Is-smewwiet jinfetħu u jinstema' l-leħen tal-Missier. Din hija epifanija li fiha l-Ispirtu s-Santu jinżel u għandna t-Trinità quddiemna. Imma għaliex din il-viżjoni sseħħ fil-mument meta Ġesù qed jitgħammed? Il-predikatur jista' jagħti xi tweġiba.

132. L-ispjegazzjoni tinsab fl-iskop li għalih Ġesù jiġi għand Ġwanni u jitgħammed minnu. Ġwanni qed jippriedka Magħmudija ta' ndiema. Ġesù jrid jagħmel dan is-sinjal ta' indiema flimkien ma' dawk li ġejjiin għand Ġwanni. L-ewwel Ġwanni ma jkunx irid imma Ġesù jinsisti. U din l-insistenza tiegħu tesprimi dak li jintendi: irid jieqaf f'solidarjetà mal-midinbin. Irid li fejn ikun Hu, ikunu huma. L-istess ħaġa jesprimi Pawlu: 'Hu li ma kienx jaf x'inhu dnub sar dnub minħabba fina' (2 Kor 5: 21).

133. Huwa proprju f'dan il-mument ta' solidarjetà intensa mal-midinbin li l-epifanija Trinitarja sseħħ. 'Inti Ibni l-maħbub; fih insib il-għaxqa tiegħi'. Irridu nifhmu li dak li jogħġob il-Missier huwa r-rieda tal-Iben li jkun solidali mal-midneb. B'dan il-mod, hu juri lilu nnifsu li huwa l-Iben ta' dan Missier, dan il-Missier 'li hekk ħabb lid-dinja li ta l-Iben waħdieni tiegħu' (Ġw 3: 16). F'dan l-istess waqt, l-Ispirtu jidher bħal ħamiema u jinżel fuq l-Ispirtu, u jaħdem qisu xi awtorizzazzjoni tax-xena kollha.

134. L-Ispirtu li jifforma din ix-xena kien ilu jħejjiha għal sekli sħaħ. Min tkellem permezz tal-profeti? Hekk nistaqarru fil-Kredu. L-istess Spirtu jakkumpanja lil Ġesù f'kull mument tal-ħajja tiegħu u jifforma l-azzjonijiet kollha f'rivelazzjoni tal-Missier. Għalhekk irridu nisimgħu t-test tal-profeta Iżaija bħala espansjoni fi ħdan il-qalb ta' Ġesù fuq il-kliem tal-Missier: 'Inti ibni l-maħbub'. Id-djalogu jkompli: '"Jien, il-Mulej, sejjaħtlek fis-sewwa, qbadtek minn idek u ħaristek, u għamilt minnek patt tal-poplu, dawl għall-ġnus'' .

135. Is-salm responsorjali ta' din il-festa hu Salm 29: 'Leħen il-Mulej fuq l-ibħra'. Il-Knisja tkanta dan is-salm b'qawwa u ċelebrazzjoni tal-kliem tal-Missier: 'Ibni l-Maħbub li fih nitgħaxaq!' Imbagħad dan hu 'il-leħen fuq l-ibħra, fuq l-ibħra kotrana. Leħen il-Mulej qawwi' (Salm 29: 3-4).

136. Wara l-magħmudija tal-Mulej l-Ispirtu jibagħtu fid-deżert u jitfaċċa quddiem ix-xitan. Imbagħad Ġesù mmexxi mill-Ispirtu jidher fil-Galilija jxandar is-Saltna. 'Hemm magħmudija li biha jeħtieġ li titgħammdu u x'diqa għandha sa ma dan iseħħ?' (Lq 12: 50). B'dawn il-kelmiet hu jirreferi għall-mewt tiegħu f'Ġerusalemm. Fit-triq nintebħu li l-magħmudija ta' Ġesù minn Ġwanni ma kinitx l-aħħar waħda tiegħu. Kien għad fadal il-magħmudija tal-agunija u l-mewt fuq is-salib. Għaliex huwa fis-salib li Ġesù juri lilu nnifsu f'solidarjetà sħiħa mal-midinbin. Hu sar 'dnub għalina' (2 Kor 5: 21) hemmhekk sar 'saħta għalina' (Gal 3: 13). Hemmhekk huwa niżel fil-kaos tal-ilmijiet tad-dinja midinba. Hu għarraq dnubietna darba għal dejjem. Imma mis-Salib u l-mewt tiegħu ħadna grazzja fuq grazzja għax il-Missier qal: 'Dan hu Ibni l-għażiż: fih jien nitgħaxxaq. Illum jiena nissiltek' (Lhud 1: 5). Ix-xena tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù huwa kapulavur tal-kitba u d-direzzjoni tal-Ispirtu. Il-vuċi tal-Mulej fuq l-ilmijiet tal-mewt tqajjem mill-mewt lill- Iben u tagħmlu rebbieħ u qawwi. 'Il-leħen tal-Mulej bil-qawwa. Leħen il-Mulej bil-glorja'.

137. Il-Magħmudija ta' Ġesù hija stil ta' ħajja għalina. Fil-Magħmudija ninżlu ma' Kristu fl-ilmijiet tal-mewt u dnubietna jitgħarrqu f'dawk l-ilmijiet. Għax inżilna ma' Kristu nistgħu nerġgħu nitilgħu glorjużi u qawwija għax leħen il-Missier imexxina. Dan il-leħen jippronunzja isem ġdid għalina lkoll fil-profonditajiet tal-qlub tagħna: 'Maħbub! Li fih nitgħaxxaq'. Nisimgħu dan l-isem bħala tagħna mhux minħabba l-għemejjel tajba tagħna imma għax Kristu mliena u fawwarna bl-imħabba tal-Missier.

138. L-Ewkaristija li niċċelebraw f'din il-festa taprofondixxi l-stil ta' din l-istorja. L-Ispirtu jidher jittajjar fuq id-doni tal-ħobż u tal-inbid li jġibu l-fidili. Il-kliem ta'

Ġesu 'Dan hu Ġismi, dan hu Demmi' jħabbar l-intenzjoni tiegħu li jirċievi l-magħmudija tal-mewt għalina. L-assemblea titlob: 'Missierna' flimkien mal-Iben għax semgħet lill-Missier jgħid: 'Maħbub'.

139. Ġesù darba qal fil-mixja tal-ministeru tiegħu: 'Kull min jemmen fija joħorġu minnu xmajjar ta' ilma ħaj'. Dawn l-ilmijiet ħajja jinsabu diġa fina fil-Magħmudija u jsiru aqwa permezz tal-Ewkaristija.

## V. IL-ĦDUD FIŻ-ŻMIEN ORDIINARJU TA' MATUL IS-SENA

140. L-istaġuni tal-Avvent, il-Milied, ir-Randan u l-Għid għandhom fihom karattru distintiv u l-qari magħżul għal dawn l-istaġuni għandu armonija li ħierġa minn dan il-karattru. Ma nistgħux ngħidu l-istess għall-Ħdud ta' matul is-sena kif tgħid *l-Introduzzjoni tal-Lezzjonarju*: 'B'kuntrast, il-Ħdud ta' matul is-sena m'għandhomx karattru distintiv. Għalhekk it-testi kemm tal-qari tal-Vanġelu kif ukoll dak mill-appostli hu rranġat f'ordni semi-kontinwu waqt li l-qari mit-T.Q. huwa f'armonija mal-Vanġelu' (OLM 67).

Dawk li ġabru l-Lezzjonarju warrbu l-idea li jassenjaw 'tema' għal kull Ħadd tas-sena: "arranġament bħal dan ikun f'kunflitt mal-kunċett ġenwin taċ-ċelebrazzjoni liturġika li hija dejjem iċ-ċelebrazzjoni tal-misteru ta' Kristu u li fit-tradizzjoni tagħha l-Knisja tagħamel użu mill-Kelma t'Alla mhux biss fejn hemm temi loġiċi imma wkoll minħabba x-xewqa li xxandar il-Vanġelu u twassal lill-fidili għall-milja tal-verità (OLM 68).

Fidil għall-mandat tal-Konċilju Vatikan II li jmexxina lejn 'it-teżori tal-Bibbja miftuħa għall-bnedmin' (SC 21), il-Lezzjonarju għaż-Żmien ta' matul is-sena mifrux fuq tliet snin jippreżenta lill-fidili bil-misteru ta' Kristu kif ridkordjat fil-Vanġeli ta' Mattew, Mark u Luqa. Il-predikatur jista' jiġi megħjun billi jimxi mal-istruttura tal-qari fi żmien ta' matul is-sena. Id-*Direttorju* jippreżenta dak li l-*Introduzzjoni* tal- *Lezzjonarju* jgħid dwar din l-istruttura.

141. Wara li jinnota li t-Tieni Ħadd ta' matul is-sena jkompli bit-tema tal-manifestazzjoni tal-Mulej, ċelebrat fl-Epifanija u fil-Magħmudija tal-Mulej, l-*Introduzzjoni* tgħid hekk:

> Hemm qari semi-kontinwu tas-Sinottiċi li jibda mit-Tielet Ħadd. Dan il-qari hu rranġat tali li l-ħajja u l-predikazzjoni tal-Mulej iwasslu għad-duttrina vera ta' kull wieħed mill-Vanġeli.
>
> Id-distribuzzjoni tipprovdi wkoll ko-ordinazzjoni bejn it-tifsira ta' kull Vanġelu u l-progress tas-sena liturġika. Għalhekk wara l-Epifanija l-qari jkun fuq il-bidu tal-predikazzjoni tal-Mulej u hu f'armonija mal-magħmudija tal-Mulej u l-ewwel ġrajjiet li fihom jimmanifesta lilu nnifsu. Is-sena liturġika b'mod naturali twassal għal konklużjoni fit-tema eskatoloġika

propja sal-aħħar ħdud ladarba l-kapitli tas-Sinottiċi li jippreċedu r-rakkont tal-Passjoni jitrattaw din it-tema eskatoloġika b'mod aktar estensiv (105)

Mela hemm pjan komuni fit-tliet ċikli: l-ewwel ġimgħat jitkellmu mill-misteru pubbliku ta' Kristu, l-aħħar ġimgħat għandhom tema eskatoloġika u l-oħrajn idaħħlu diversi ġrajjiet u tagħlim tal-Mulej.

142. kull sena hija distintiva. Il-predikatur għandu jevita t-tentazzjoni li jikkunsidra l-qari ta' kull Ħadd b'mod iżolat mill-bqija. L-istruttura ġenerali hija ferm importanti biex wieħed jifhem it-test kollu.

143. SENA A: Il-ministeru pubbliku ta' Ġesù huwa preżentat b'mod organizzat minn Mattew: ħames diskorsi kull wieħed b'materjal narrativ qabelu. Il-Lezzjonarju huwa fidili għall-istruttura. 1. Il-Priedka tal-Muntanja (mir-4 sad-9 Ħadd) preċeduta mis-sejħa tal-ewwel appostli (it-3 Ħadd) 2. L-Istruzzjoni Missjunarju (11 sat-13-il Ħadd) preċeduta mis-sejħa ta' Mattew. 3. Id-Diskors tal-Parabboli (15 sas-17-il Ħadd) preċedut mir-rakkont tal-Aħbar it-Tajba rivelat lis-sempliċi. 4. Id-Diskors fuq il-Knisja (23 sal-24 Ħadd) preċedut mir-rakkont tal-mirakli, l-istqarrija ta' Pietru u t-tħabbira tal-Passjoni. 5. Id-Diskors Eskatoloġiku (32 sal-34 Ħadd) preċedut mir-rakkont ta' parabboli u inċidenti li jinvolvu l-aċċettazzjoni jew ċaħda tas-Saltna. Konoxxenza tal-istruttura twassal lill-predikatur biex jorbot dak li jgħid mad-diskorsi fuq perijodu ta' diversi ġimgħat u l-poplu japprezza aħjar ir-rabta bejn il-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù.

144. SENA B: Għalhekk m'għandhiex l-organizzazzjoni kumplessa taż-żewġ Vanġeli Sinottiċi l-oħra, ir-rakkont ta' Mark jippossjedi d-dinamiżmu tiegħu u l-predikatur jista' jinnota kif dan iseħħ bil-mod. Il-ministeru bikri ta' Ġesù (3 sad-9 Ħadd)jikkuntrastja mal-oppożizzjoni (10 Ħadd). Anke d-dixxipli tiegħu ma jifhmuhx għax għandhom l-idea tagħhom ta' Messija. Imbagħad għandha l-qalba tal-Vanġelu ta' Mark bl-istqarrija ta' Pietru, l-ewwel tħabbira tal-Passjoni u ċ-ċaħda ta' Pietruf fir-rigward tal-pjan divin (24 sal-25 Ħadd). Ħafna ma jifhmux lil Ġesù u jieħdu skandlu. Anke aħna bħala komunità nsibu quddiemna sfidi min-naħa ta' Ġesù. Fattur ieħor importanti fiċ-Ċiklu B huwa s-sostituzzjoni tar-rakkont tal-mirakli tal-ħobżiet u l-ħutiet u d-diskors tal-Ħobż tal-Ħajja (17 sal-21 Ħadd). Dan kollu jipprovdi opportunita' lill-predikatur sabiex jippriedka għal diversi ġimgħat dwar Kristu bħala l-ħobż ħaj li jgħajjex permezz tal-Kelma u tal-Ġisem u d-Demm.

145. SENA Ċ: Id-duttrina proprja tal-Vanġelu ta' Luqa hija 'l fuq mill-ġentilezza u l-maħfra ta' Kristu. Sa mill-bidu tal-missjoni tiegħu sa meta jidħol Ġerusalemm,

dawk li jiltaqgħu ma' Ġesù jaraw il-ħniena tiegħu ibda minn Pietru (5 Ħadd) sa Żakkew (31 Ħadd). Bosta stejjer li nsibu f'Luqa jillustraw il-ħniena divina patul is-sena kollha: il-mara niedma (11-il Ħadd), is-Samaritan it-Tajjeb (15-il Ħadd), in-nagħġa l-mitlufa u l-iben il-ħali (24 Ħadd), u l-ħalliel it-tajjeb (34 Ħadd). Hemm ukoll twissijiet għal dawk li ma jurux ħniena: maledizzjonijiet kif ukoll beatitudnijiet (6 Ħadd), għani iblah (18-il Ħadd) u l-għani u Lazzru (26 Ħadd) . Miktub għall-pagani, il-Vanġelu ta' Luqa jenfasizza kif il-ħniena t'Alla tmur lil hinn mill-poplu l-magħżul u tħaddan lil dawk li qabel kienu mħollija barra. Din it-tema tidher ukoll f'dawn il-ħdud u hija twissija għalina li nirċeivu l-Ewkaristija; aħna rċivejna l-ħniena kotrana ta' Kristu u ma jistax ikun hemm fruntieri għal din il-ħniena għall-oħrajn.

146. Rigward it-Testment il-Qadim fi żmien matul is-sena, l-*Introduzzjoni* għal-*Lezzjonarju* tgħid:

> Dawn il-qari ntagħżlu biex jaqblu mal-Vanġelu ħalli tkun evitata diversita' żejda bejn il-qari tad-diversi quddies u fuq kollox l-għaqda bejn it-Testment il-Qadim u l-Ġdid. Ir-rabta bejn il-qari tal-istess Quddiesa tidher bl-għażla preċiża tat-titli marbuta mal-qari individwali.
>
> Sa kemm hu possibli, dan il-qari ntagħżel b'tali mod li jkun qasir u jiftiehem mill-ewwel. Ingħatat importanza lis-siltiet l-aktar importanti tat-T.Q. u dawn huma mqassma mhux skont ordni loġiku imma fuq il-bażi ta' x'jeħtieġ il-qari tal-Vanġelu. It-teżor tal-Kelma t'Alla jinfetaħ b'tali manjiera li l-paġni prinċipli tat-T.Q. isiru familjari ma' dawk li qed jieħdu sehem fil-Quddiesa nhar ta' Ħadd (106)

L-eżempji li ngħataw fid-*Direttorju* għall-istaġuni tal-Avvent/Milied u Randan/Għid jillustraw modi kif il-predikatur jista' jorbot flimkien il-qari iż-żewġ testmenti u juru kif dawn jaqblu mal-persuna u l-missjoni ta' Ġesù. M'għandux jitwarrab is-salm responsorjali għaliex dan huwa wkoll magħżul biex ikun f'armonija mal-qari tat-Testment il-Qadim u l-Vanġelu. Il-predikatur m'għandux jassumi li l-poplu se jara dan l-irbit b'mod awtomatiku; meta jippriedka hu għandu jsemmihom. L-*Introduzzjoni* għal-*Lezzjonarju* tiġbed ukoll l-attenzjoni hawnhekk għat-titli magħżula għal kull qari; bnadi oħra tispjega li huma ntagħżlu sewwa sabiex juru t-tema ewlenija tal-qari u fejn meħtieġ li jagħmel konnessjoni bejn il-qari tal-istess Quddiesa ċar (cfr. 123).

147. Finalment, hemm il-qari mill-Appostli fi żmien ordinarju:

> Hemm qari semi-kontinwu tal-Ittri ta' San Pawl u ta' San Ġakbu (l-ittri ta' Pietru u Ġwanni jinqraw matul l-istaġuni tal-Għid u l-Milied).

> Proprju għaliex hija twila, l-Ewwel Ittra lill-Korintin hija mifruxa fuq it-tliet snin taċ-ċiklu fil-bidu taż-żmien matul is-sena. Kien sewwa wkoll li wieħed jaqsam l-Ittra lil-Lhud f'żewġ partijiet: l-ewwel parti biex tinqara fis-Sena B u t-tieni fis-Sena Ċ.
>
> Qari li huwa biss qasir u li jinftiehem mill-ewwel ġie magħżul għal dan il-għan (OLM 107).

Bħala żjieda għal dak li ntqal fl-*Introduzzjoni* tal-*Lezzjonarju* jridu jingħadu żewġ osservazzjonijiet oħra dwar l-arranġament tat-testi mill-appostli. L-ewwel, matul l-ewwel ġimgħat tas-sena tal-Knisja aħna nisimgħu l-Ewwel u t-Tieni Ittra lit-Tessalonkin li jitrattaw it-temi eskatoloġiċi: dawn huma f'armonija mal-qari l-ieħor u mat-testi liturġiċi ta' dawn il-ħdud. It-tieni, l-Ittra maġisterjali ta' San Pawl lir-Rumani hija parti importanti taċ-Ċiklu A, mid-9 sal-25 Ħadd. Tant hija importanti li l-predikatur għandu mnejn ikun irid jitfa' attenzjoni speċjali fuqha fil-ħdud ta' matul is-sena.

148. Irid jingħad li l-qari mill-Appostli joħloq bħal dilemma ladarba ma ntagħżilx biex ikun f'armonija mal-Vanġelu u l-qari tat-Testment il-Qadim. Hemm żminijiet meta dan il-qari jirradja qawwa kbira u jkun f'armonija mal-qari l-ieħor. Madankollu, ħafna drabi dan mhuwiex il-każ u l-predikatur m'għandux joħloq vjolenza biex bħal donnu jagħmel il-qari jaqbel mal-għażliet l-oħra. Huwa leġittimu għall-predikatur li jippriedka prinċipalment fuq it-tieni qari minn żmien għal żmien u kultant anke jiddedika xi Ħdud għal xi waħda mill-Ittri.

149. Il-fatt li l-Ħdud fiż-Żmien Ordinarju m'għandhomx armonija inerenti jista' jirrappreżenta sfida lill-predikatur imma din l-isfida tipprovdi opportunita' li tenfasizza mill-ġdid l-iskop fundamentali tal-omelija: 'Permezz tal-qari u l-omelija l-Misteru Paskwali huwa mxandar: permezz tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa jsir preżenti' (OLM 24). Il-predikatur m'għandux iħoss il-bżonn li jgħid xi ħaġa dwar kull qari jew li jibni pontijiet artifiċjali bejniethom: il-prinċipju unifikanti huwa kif il-Misteru Paskwali ta' Kristu jiġi rivelat u ċelebrat f'din il-laqgħa liturġika. F'Ħadd partikulari, it-triq għall-misteru tista' tkun suġġerita mill-qari tal-Vanġelu li jidher fid-dawl tad-duttrina proprja tal-Evanġelista partikulari; dan jissaħħaħ permezz ta' riflessjoni fuq ir-relazzjoni bejn is-silta tal-Vanġelu, il-qari tat-Testment il-Qadim u s-Salm Responsorjali; jew inkella jista' jiddeċiedi li jibbaża l-omelija tiegħu primarjament fuq il-qari mill-appostlu. F'kull każ, l-iskop tiegħu mhuwiex li joħloq *tour de force* li jorbot flimkien id-diversi aspetti fil-qari kollu imma li jsegwi linja waħda li twassal il-poplu t'Alla fil-qalba tal-misteru tal-ħajja, il-mewt u l-Qawmien ta' Kristu li jsir preżenti fiċ-ċelebrazzjoni liturġika.

### A. Quddies ta' matul il-ġimgħa

150. Id-drawwa taċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija ta' kuljum hija għajn ta' qdusija għall-Kattoliċi tar-Rit Ruman, u r-rgħajja għandhom jinkuraġġixxu l-kongregazzjonijiet tagħhom sabiex jipparteċipaw fil-Quddiesa ta' kuljum jekk possibli. Il-Papa Benedittu jħeġġeġ lill-predikatur 'sabiex joffri fil-Quddiesa *cum populo* riflessjonijiet qosra u f'waqthom li jistgħu jgħinu l-fidili jilqgħu l-Kelma li tkun ġiet lilhom imxandra u b'hekk il-Kelma tagħti frott f'ħajjithom' (VD 59). L-Ewkaristija ta' kuljum hija inqas solenni mil-liturġija tal-Ħadd u għandha tkun ċelebrata b'tali mod li nies li jkollhom responsabiltajiet tal-familja u x-xogħol ikunu jistgħu jiksbu l-possibiltà li jattendu l-Quddiesa ta' kuljum; għalhekk il-ħtieġa għal omelija f'dawn l-okkażjonijiet titlob tul qasir ta' ħin. Min-naħa l-oħra, proprju għaliex ħafna nies imorru għall-Quddiesa ta' kuljum, hemm l-opportunita' għall-predikatur li jippriedka dwar ktieb partikulari tal-Bibbja u dan jagħmlu fuq tul ta' żmien minħabba li fil-jum tal-Ħadd dan ma jkunx possibli.

151. L-omelija fil-Quddiesa ta' kuljum hija ta' min jinkuraġġiha b'mod partikulari fl-istaġuni tal-Avvent u l-Milied, ir-Randan u l-Għid. Il-qari f'dawn iżminijiet qawwija ntagħżel b'reqqa kbira u l-prinċipji jingħataw fl-*Introduzzjoni* tal-*Lezzjonarju*: għall-Avvent in-numru 94; għall-Milied in-numru 96; għar-Randan in-numru 98, għall-Għid in-numru 101. Familjarita' ma' dawn il-prinċipji tista' tgħin lill-predikatur meta jkun se jipprepara xi ħsieb qasir.

152. L-*Introduzzjoni* tal-*Lezzjonarju* tenfasizza dwar il-qari fi żmien ta' matul is-sena li għalih il-predikatur għandu jkun attent meta jħejji l-liturġiji ta' matul il-ġimgħa:

> L-arranġament tal-qari ta' kuljum jipprovdi testi għal kull ġurnata tal-ġimgħa matul is-sena. F'ħafna każi, mela, dawn il-qari jridu jintużaw fi ġranet assenjati sakemm ma tkunx Solennità, festa jew memorjal bil-qari tiegħu.
>
> Meta wieħed juża l-Ordni tal-Qari ta' matul il-ġimgħa, wieħed irid joqgħod attent liema qari jrid jitħalla barra minħabba xi ċelebrazzjoni li taħbat f'dik il-ġimgħa. Wieħed irid iżomm f'moħħu dan l-arranġament u s-saċerdot irid iħalli barra l-qari inqas sinifikanti jew jorbothom flimkien b'mod xieraq u li jagħmel sens ma' qari ieħor (82).

Għalhekk il-predikatur li jirrevedi l-qari tal-ġimgħa kollha u jagħmel adattamenti għas-sekwenza tal-qari meta din tkun interrotta minħabba ċelebrazzjoni speċjali. Għalkemm l-omelija ta' matul il-ġimgħa hija qasira, trid ukoll tkun imħejjija minn qabel. L-esperjenza tgħallem li omelija qasira kultant titlob preparazzjoni akbar.

153. Meta l-lezzjonarju jipprovdi qari proprju għaċ-ċelebrazzjoni ta' xi qaddis, din irid jinqara. Jistgħu jintagħżel qari mill-Komun jekk ikun hemm raġuni li tagħti attenzjoni akbar liċ-ċelebrazzjoni tal-qaddis. Imma l-*Introduzzjoni* tal-*Lezzjonarju* jgħid:

> L-ewwel ħsieb tal-qassis ċelebrant għandu jkun il-ġid spiritwali tal-fidili u għandu joqgħod attent li ma jimponix il-preferenza personali tiegħu fuqhom. Fuq kollox, irid jaċċerta ruħu li ma jħallix barra l-qari tal-ġurnata għal xejn b'xejn: ix-xewqa tal-Knisja hija li l-aħjar mejda tal-Kelma t'Alla tkun mifruxa quddiem il-fidili (83).

**B.Żwiġijiet**

154. Rigward l-omelija fiċ-ċelebrazzjoni taż-Żwieġ, ir-*Rit taż-Żwieġ* jgħid: 'Wara l-qari tal-Evanġelju, is-saċerdot fl-omelija għandu juża t-test saru sabiex jesponi l-Misteru taż-Żwieġ Nisrani, id-dinjità tal-ħajja konjugali, il-grazzja tas-Sagramenti u r-responsabiltajiet tal-miżżewġin wqt li jiftakar fiċ-ċirkustanzi tal-indivdiwi' (57). Il-predikazzjoni fit-tieġ tippreżenta żewġ sfidi ewlenin. L-ewwel għandna l-isfida li llum ħafna nies ma jarawx iż-żwieġ bħala vokazzjoni; il-'misteru taż-żwieġ Nisrani' jrid ikun imxandar u mgħallem. It-tieni sfida hija dik li ħafna drabi jkun hemm persuni li mhumiex Kattoliċi jew li mhumiex Insara preżenti għat-tieġ u allura l-predikatur ma jista' jassumi xejn. Dawn l-isfidi huma wkoll opportunitajiet għall-predikatur sabiex jartikula viżjoni ta' ħajja u żwieġ li għandhom l-għeruq fid-dixxipulat Nisrani u allura fil-Misteru Paskwali tal-mewt u l-Qawmien ta' Kristu. Il-predikatur irid jipprepara b'qima l-omelija sabiex 'jesponi l-Misteru Nisrani taż-Żwieġ' waqt li 'jżomm f'moħħu ċ-ċirkustanzi tal-individwi'.

**Ċ. Funerali**

155. L-*Ordni tal-Funerali* jartikula l-iskop u t-tifsira tal-omelija tal-funeral. Fid-dawl tal-Kelma t'Alla waqt li jiftakar li l-omelija trid tevita l-forma u l-istil ta' eloġju (cf. 141), 'is-saċerdoti għandhom jiftakru fis-sensitivita' delikata mhux biss tal-identita' tal-mejjet u ċ-ċirkustanzi tal-mewt imma wkoll l-vistu ta' dawk li jitħallew wara u l-ħtiġijiet tagħhom fil-ħajja Nisranija' (*Introduzzjoni* fl-*Ordni tal-Funerali Insara* 18 (edizzjoni Latina). L-imħabba ta' Alla manifestata fi Kristu msallab u rxuxtat tgħajjex il-fidi, it-tama u l-imħabba u t-twemmin fil-ħajja ta' dejjem u x-xirka tal-qaddisin. Iċ-ċirkustanzi ta' funeral joffru l-opportunita' li wieħed jikkunsidra l-misteru tal-ħajja u l-mewt, il-perspettiva proprja tal-ħajja fid-dinja bħala pellegrinaġġ u l-ġudizzju ħanin ta' Alla, u l-ħajja ta' dejjem fis-sema.

156. Il-predikatur irid juri interess partikulari għal dawk li qed jattendu ċ-ċelebrazzjoni liturġika fl-okkażjoni ta' funeral u li mhumiex Kattoliċi jew inkella

Kattoliċi li ma tantx jipprattikaw (cf. *Introduzzjoni* fl-*Ordni għall-Funerali Insara* 18 (Edizzjoni Latina). Il-qari tal-Iskrittura, it-talb u l-kant tal-liturġija funerarja jgħajxu u jesprimu l-fidi tal-Knisja.

## APPENDIĊI I
## L-OMELIJA U L-*KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA*

157. Sa minn meta tlaqqa' l-Konċilju Vatikan II, fis-sinodi tal-isqfijiet ingħad kemm-il darba li hemm bżonn aktar tagħlim dwar l-omelija. Il-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* jipprovdi riżorsa tassew utli f'dan ir-rigward imma huwa importanti li dan jintuża b'mod li huwa fi qbil mal-għan tal-omelija.

158. Il-*Katekiżmu Ruman* kien ippubblikat skont id-direzzjoni tal-Padri tal-Konċilju ta' Trentu u xi edizzjonijiet kien fihom il-*Praxis Catechismi* li qasam il-kontenut tal-*Katekiżmu Ruman* skont il-Vanġeli għall-Ħdud tas-sena. Wieħed allura ma jistagħġibx li kien hemm min xtaq li jiġri l-istess fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* . Inizjattiva bħal din tiffaċja diversi ostakli prattiċi imma l-aktar kruċjali hija l-oġġezzjoni fundamentali li l-liturġija tal-Ħadd mhijiex 'okkażjoni' biex wieħed jinseġ omelija li t-tema tagħha jkun kuntrarju għall-istaġun liturġiku. Jista' jkun hemm raġunijiet pastorali speċifiċi li jitolbu spjegazzjoni ta' aspett duttrinali jew morali partikulari. Deċiżjonijiet ta' dan it-tip jitolbu prudenza pastorali.

159. Min-naħa l-oħra, l-aktar duttrini importanti huma misjuba fi ħdan is-sens l-aktar profond tal-Iskrittura u dan is-sens profond jirrivela lilu nnifsu meta l-Kelma t'Alla hija mxandra fl-assemblea liturġika. Il-ħidma tal-predikatur mhijiex li jiffitja l-qari tal-Quddiesa ma' skema diġa lesti ta' suġġetti imma li jistieden lis-semmiegħa jidħlu fil-fond tal-fidi tal-Knisja kif din turi ruħha b'mod naturali mill-Iskrittura fil-kuntest taċ-ċelebrazzjoni liturġika.

160. Din li ġejja hija tabella bil-paragrafi tal-Katekiżmu tal-Knisja tal-Kattolika li jirreferu għall-qari bibliku tal-Ħdud u l-festi. Il-paragrafi ntagħżlu jew għax jiċċitaw jew jalludu għal qari speċifiku jew inkella għax jitrattaw temi li jinsabu f'dawn il-qari. Il-predikatur huwa mħeġġeġ li mhux biss jikkonsulta l-Katekiżmu imma li jimmedita fuq kif l-erba' partijiet tiegħu huma marbutin. Mela per eżempju, fil-Ħames Ħadd ta' Matul is-sena fis-Sena A l-ewwel qari jitkellem dwar il-kura tal-foqra, it-tieni dwar il-bluha tas-Salib u t-tielet dwar id-dixxipli bħala melħ tal-art u dawl tad-dinja. Iċ-ċitazzjonijiet mill-Katekiżmu jassoċjaw dan il-qawi ma' temi importanti: Ġesù mislub l-għerf ta' Alla, kontemplat f'rabta mal-problema tal-ħażen u d-dgħjufija apparenti ta' Alla (272(; huwa quddiem dan il-ħażen li l-Insara huma msejħa sabiex ikunu dawl tad-dinja u jiżirgħu l-għaqda u s-salvazzjoni lill-bnedmin (782); insiru dan id-dawl billi nieħu sehem fil-Misteru Paskwali simbolizzat fix-xema' tal-Għid li tingħata lill-imgħammdin (1243);

‘sabiex il-messaġġ tas-salvazzjoni juri s-setgħa tal-verità tiegħu qddiem id-dinja jeħtieġ li jjkun hemm l-awtentiċita’ mix-xhieda tal-ħajja tal-Insara’ (2044); u din ix-xhieda ssib espressjoni partikulari fl-imħabba tagħna lejn il-foqra (2443-2449). Bl-użu tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika b’dan il-mod, il-predikatur jista’ jgħin il-poplu tiegħu jintegra l-Kelma t’Alla, il-fidi tal-Knisja, ir-rekwiżiti morali tal-Vanġelu u l-ispiritwalità personali u liturġika.

**ĊIKLU A**

L-Ewwel Ħadd tal-Avvent

KKK 668-677, 769: tribulazzjoni tal-aħħar u Ġesù jiġi fil-glorja
KKK 451, 671, 1130, 1403, 2817: ‘Ejja Mulej Ġesù’
KKK 2729-2733: il-qalb li tishar bl-umilta’

It-Tieni Ħadd tal-Avvent

KKK 522, 711-716, 722: the il-profeti u l-istennija tal-Messija
KKK 523, 717-720: il-missjoni ta’ Ġwanni l-Battista
KKK 1427-29: konverżjoni tal-imgħammdin

It-Tielet Ħadd tal-Avvent

KKK 30, 163, 301, 736, 1829, 1832, 2015, 2362: hena
KKK 227, 2613, 2665, 2772: paċenzja
KKK 439, 547-550, 1751: Ġesù jwettaq sinjali messjaniċi

Ir-Raba’ Ħadd tal-Avvent

KKK 496-507, 495: Il-maternità verġinali ta’ Marija

KKK 437, 456, 484-486, 721-726: Marija Omm il-Knisja permezz tal-Ispirtu s-Santu
KKK 1846: Ġesù bħala salvatur rivelat lil Ġużeppi

KKK 445, 648, 695: Kristu l-Iben t'Alla fil-Qawmien
KKK 143-149, 494, 2087: 'l-ubbidjenza tal-fidi'

Is-Solennità tal-Milied

KKK 456-460, 466: "Għalfejn il-Verb sar bniedem?'
KKK 461-463, 470-478: l-Inkarnazzjoni
KKK 437, 525-526: il-misteru tal-Milied
KKK 439, 496, 559, 2616: Ġesù huwa l-Iben t'Alla
KKK 65, 102: Alla qal kollox permezz tal-Verb
KKK 333: Kristu inkarnat meqjum mill-anġli
KKK 1159-1162, 2131, 2502: the L-Inkarnazzjoni u x-xbiehat ta' Kristu

Is-Sagra Familja

KKK 531-534: Il-Familja Mqaddsa
KKK 1655-1658, 2204-2206: il-familja Nisranija; knisja domestika
KKK 2214-2233: dmirijiet ta' membri tal-familja
KKK 333, 530: il-Ħarba lejn l-Eġittu

Is-Solennità ta' Marija Omm Alla

KKK 464-469: Ġesù Kristu, veru Alla u veru bniedem

KKK 495, 2677: Marija hija Omm Alla
KKK 1, 52, 270, 294, 422, 654, 1709, 2009: l-adozzjoni tagħna bħala ulied
KKK 527, 577-582: Ġesù joqgħod għal-liġi u jipprefezzjonaha
KKK 580, 1972il-Liġi l-Ġdida tħeles mill-irbit tal-Liġi l-Qadima
KKK 683, 689, 1695, 2766, 2777-2778: fl-Ispirtu s-Santu ngħajtu lil Alla 'Abba'
KKK 430-435, 2666-2668, 2812: l-isem ta' Ġesù

It-Tieni Ħadd fuq il-Milied

KKK 151, 241, 291, 423, 445, 456-463, 504-505, 526, 1216, 2466, 2787: il-Prologu ta' Ġwanni
KKK 272, 295, 299, 474, 721, 1831: Kristu l-Għerf ta' Alla
KKK 158, 283, 1303, 1831, 2500: Alla jagħtina l-għerf

Is-Solennità tal-Epifanija

KKK 528, 724: l-Epifanija
KKK 280, 529, 748, 1165, 2466, 2715: Kristu d-dawl tal-ġnus
KKK 60, 442, 674, 755, 767, 774-776, 781, 831: Il-Knisja sagrament tal-għaqda tal-bnedmin

L-Ewwel Ħadd tar-Randan

KKK 394, 538-540, 2119: it-tentazzjoni ta' Ġesù
KKK 2846-2849: "La ddaħħalniex fit-tiġrib''
KKK 385-390, 396-400: il-Waqgħa

KKK 359, 402-411, 615: Adam, id-Dnub Oriġinali, Kristu Adam il-ġdid

It-Tieni Ħadd tar-Randan

KKK 554-556, 568: it-Trasfigurazzjoni
KKK 59, 145-146, 2570-2571: l-ubbidjenza ta' Abraham

KKK 706: Il-wegħda t'Alla lil Abraham isseħħ fi Kristu
KKK 2012-2014, 2028, 2813: is-sejħa għall-qdusija

It-Tielet Ħadd tar-Randan

KKK 1214-1216, 1226-1228: magħmudija, twelid mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu

KKK 727-729: Ġesù jirrivela l-Ispirtu s-Santu
KKK 694, 733-736, 1215, 1999, 2652: the L-Ispirtu s-Santu l-ilma ħaj, don ta' Alla
KKK 604, 733, 1820, 1825, 1992, 2658: Alla jieħu l-inizjattiva; tama mill-Ispirtu

Ir-Raba' Ħadd tar-Randan

KKK 280, 529, 748, 1165, 2466, 2715: Kristu d-dawl tal-ġnus
KKK 439, 496, 559, 2616: Ġesù huwa Bin David
KKK 1216: il-magħmudija hija illuminazzjoni
KKK 782, 1243, 2105: L-Insara huma d-dawl tad-dinja

Il-Ħames Ħadd tar-Randan

KKK 992-996: ir-rivelazzjoni progressiva tal-qawmien
KKK 549, 640, 646: il-qawmien ta' sinjal messjaniku jipprefigura l-Qawmien ta' Kristu KKK 2603-2604: it-talba ta' Ġesù qabel il-qawmien ta' Lazzru
KKK 1002-1004: l-esperjenza preżenti tagħna tal-qawmien
KKK 1402-1405, 1524: l-Ewkaristija u l-Qawmien
KKK 989-990: il-qawmien tal-ġisem

Ħadd il-Palm (Ħadd il-Passjoni)

KKK 557-560: id-daħla ta' Kristu f'Ġerusalemm
KKK 602-618: il-Passjoni ta' Kristu

KKK 2816: ir-regalita' ta' Kristu bil-mewt u l-qawmien tiegħu
KKK 654, 1067-1068, 1085, 1362: il-Misteru Paskwali u l-Liturġija

Ħamis iċ-Ċirka

KKK 1337-1344: it-twaqqif tal-Ewkaristija
KKK 1359-1361: L-Ewkaristija bħala radd il-ħajr
KKK 610, 1362-1372, 1382, 1436: L-Ewkaristija bħala sagrifiċċju
KKK 1373-1381: il-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija
KKK 1384-1401, 2837: It-Tqarbin
KKK 1402-1405: l-Ewkaristija bħala ċertezza ta' glorja
KKK 611, 1366: it-twaqqif tas-saċerdozju fl-Aħħar Ċena

Il-Ġimgħa l-Kbira

KKK 602-618, 1992: il-Passjoni ta' Kristu
KKK 612, 2606, 2741: it-talb ta' Ġesù
KKK 467, 540, 1137: Kristu l-Qassis il-Kbir
KKK 2825: L-ubbidjenza tagħna u ta' Kristu

L-Għid il-Kbir

KKK 638-655, 989, 1001-1002: il-Qawmien ta' Kristu u l-qawmien tagħna

KKK 647, 1167-1170, 1243, 1287: l-Għid, Jum il-Mulej
KKK 1212: is-Sagramenti tal-Inizjazzjoni
KKK 1214-1222, 1226-1228, 1234-1245, 1254: il-Magħmudija
KKK 1286-1289: il-Griżma

KKK 1322-1323: L-Ewkaristija

It-Tieni Ħadd tal-Għid

KKK 448, 641-646: id-dehriet ta' Kristu Rxuxtat
KKK 1084-1089: il-preżenza li tqaddes ta' Kristu rxoxt fil-liturġija

KKK 2177-2178, 1342: l-Ewkaristija tal-Ħadd
KKK 654-655, 1988: it-twelid ġdid tagħna fil-Qawmien ta' Kristu
KKK 976-983, 1441-1442: "Nemmen fil-maħfra tad-dnubiet"
KKK 949-953, 1329, 1342, 2624, 2790: komunjoni fi ħwejjeġ spiritwali

It-Tielet Ħadd tal-Għid

KKK 1346-1347: the l-Ewkaristija u l-esperjenza tad-dixxipli ta' Emmaws
KKK 642-644, 857, 995-996: l-appostli u d-dixxipli bħala xhieda tal-Qawmien
KKK 102, 601, 426-429, 2763: Kristu l-muftieħ għall-ispjegazzjoni tal-Iskrittura
KKK 457, 604-605, 608, 615-616, 1476, 1992: Ġesù, il-Ħaruf offrut għal dnubietna

Ir-Raba' Ħadd tal-Għid

KKK 754, 764, 2665: Kristu r-Ragħaj u l-Bieb

KKK 553, 857, 861, 881, 896, 1558, 1561, 1568, 1574: il-Papa u l-isqfijiet bħala rgħajja
KKK 874, 1120, 1465, 1536, 1548-1551, 1564, 2179, 2686: saċerdoti bħala rgħajja
KKK 14, 189, 1064, 1226, 1236, 1253-1255, 1427-1429: konverżjoni, fidi u magħmudija
KKK 618, 2447: Kristu bħala l-bniedem li jilqa' t-tbatija

Il-Ħames Ħadd tal-Għid

KKK 2746-2751: It-talba ta' Kristu fl-Aħħar Ċena
KKK 661, 1025-1026, 2795: Kristu jiftħilna t-triq għas-sema

KKK 151, 1698, 2614, 2466: nemmnu f'Ġesù

KKK 1569-1571: l-ordni tad-djakni
KKK 782, 803, 1141, 1174, 1269, 1322: "ġens maħtur, saċerdozju regali'

Is-Sitt Ħadd tal-Għid

KKK 2746-2751: it-Talba ta' Kristu fl-Aħħar Ċena
KKK 243, 388, 692, 729, 1433, 1848: l-Ispirtu s-Santu bħala Avukat/Konsolatur
KKK 1083, 2670-2672: is-sejħa tal-Ispirtu s-Santu

Is-Solennità tat-Tlugħ fis-Sema

KKK 659-672, 697, 792, 965, 2795: it-Tlugħ fis-sema

Is-Seba' Ħadd tal-Għid: talb u ħajja spiritwali

KKK 2746-2751: It-talba ta' Ġesù fl-Aħħar Ċena
KKK 312, 434, 648, 664: il-Missier jigglorifika lil Ġesù
KKK 2614, 2741: Ġesù jitlob għalina
KKK 726, 2617-2619, 2673-2679: nitolbu ma' Marija

Is-Solennità tal-Pentekoste

KKK 696, 726, 731-732, 737-741, 830, 1076, 1287, 2623: Pentekoste

KKK 599, 597,674, 715: xhieda apostolika f'Pentekoste

KKK 1152, 1226, 1302, 1556: the il-misteru ta' Pentekoste jkompli fil-Knisja
KKK 767, 775, 798, 796, 813, 1097, 1108-1109:  il-Knisja, Komunjoni tal-Ispirtu

Is-Solennità tat-Trinità Qaddisa

KKK 202, 232-260, 684, 732: il-misteru tat-Trinità
KKK 249, 813, 950, 1077-1109, 2845: it-Trinità fil-Knisja u fil-Liturġija tagħha
KKK 2655, 2664-2672: it-Trinità u t-talb
KKK 2205: il-familja bħala xbieha tat-Trinità

Is-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Ġesù

KKK 790, 1003, 1322-1419: l-Ewkaristija Mqaddsa
KKK 805, 950, 2181-2182, 2637, 2845: l-Ewkaristija u x-xirka tal-fidili

KKK 1212, 1275, 1436, 2837: l-Ewkaristija bħala ikel spiritwali

Is-Solennità tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù

KKK 210-211, 604: il-ħniena t'Alla
KKK 430, 478, 545, 589, 1365, 1439, 1825, 1846: l-imħabba ta' Kristu lejn kulħadd

KKK 2669: il-Qalb

KKK 766, 1225: il-Knisja mwielda mill-ġenb ta' Kristu
KKK 1432, 2100: l-imħabba ta' Krsiu ssuqna

It-Tieni Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 604-609: Ġesù l-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja

KKK 689-690: il-missjoni tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu

It-Tielet Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 551, 765: is-sejħa tat-Tnax
KKK 541-543: is-Saltna t'Alla ssejjaħ Lhud u Ġentili

KKK 813-822: l-għaqda tal-Knisja

Ir-Raba' Ħadd fi żmien ta' matul is-Sena

KKK 459, 520-521: Ġesù mudell tal-beatitudni għad-dixxipli
KKK 1716-1724: is-sejħa għall-hena
KKK 64, 716: il-fdal umli ta' Iżrael jgħix it-tama

Il-Ħames Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 782: Poplu t'Alla melħ tal-art u dawl tad-dinja
KKK 2044-2046: ħajja morali u xhieda missjunarja
KKK 2443-2449: dawl fuq opri tal-ħniena, imħabba għall-foqra

KKK 1243: l-imgħammdin ġodda dawl għad-dinja
KKK 272: Kristu msallab l-għerf ta' Alla

Is-Sitt Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 577-582: Ġesù u l-Liġi
KKK 1961-1964 il-Liġi l-Qadima
KKK 2064-2068: id-Dekalogu fit-Tradizzjoni tal-Knisja

Is-Seba' Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 1933, 2303: l-imħabba tal-proxxmu inkompatibbli mal-mibegħda lejn l-għedewwa
KKK 2262-2267: ma nweġġgħux lill-oħrajn jekk mhux għal raġuni ta' difiża
KKK 2842-2845: talb u maħfra tal-għedewwa
KKK 2012-2016: the il-perfezzjoni tal-Missier issejħilna għall-qdusija
KKK 1265: insiru tempji tal-Ispirtu s-Santu bil-magħmudija
KKK 2684: il-qaddisin tempji tal-Ispirtu s-Santu

It-Tmien Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 302-314: providenza divina u r-rwol tagħha fl-istorja
KKK 2113-2115: l-idolatrija hija għadu tal-valuri; fiduċja fil-providenza vs. Diviniazzjoni

KKK 2632: talb ta' petizzjoni għall-wasla tas-Saltna
KKK 2830: fiduċja fil-Providenza ma tikkonsistix f'għażż

Id-Disa' Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 2822-2827: 'Tkun magħmula r-rieda tiegħek'
KKK 2611: it-talb huwa d-dispożizzjoni tal-qalb għar-rieda t'Alla
KKK 1987-1995: ġustifikazzjoni

L-Għaxar Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 545, 589: Ġesù jsejjaħ u jaħfer il-midinbin
KKK 2099-2100: is-sagrifiċċju li jogħġob lil Alla

KKK 144-146, 2572: Abraham mudell ta' fidi

Il-Ħdax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 551, 761-766: il-Knisja prefigura fil-Poplu tar-Rabta l-Qadima
KKK 783-786: il-poplu profetika, saċerdotali u regali ta' Alla

KKK 849-865: il-missjoni appostolika tal-Knisja

It-Tnax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 852: l-Ispirtu ta' Kristu jsostni l-komunità Nisranija
KKK 905: nevanġelizzaw bl-eżempju tal-hajja tagħna
KKK 1808, 1816: xhieda kuraġġjuża tal-fidi tirbaħ fuq il-biża' u l-mewt

KKK 2471-2474: agħti xhieda għall-verità

KKK 359, 402-411, 615: Adam, id-dnub oriġinali, Kristu Adam il-ġdid

It-Tlettax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 2232-2233: to li timxi wara Kristu hija l-ewwel vokazzjoni tal-bniedem
KKK 537, 628, 790, 1213, 1226-1228, 1694: il-magħmudija, immutu għalina nfusna, ngħixu għal Kristu
KKK 1987: il-grazzja tiġġustifika bil-fidi u l-magħmudija

L-Erbatax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 514-521: għarfien tal-misteri ta' Alla, xirka fil-misteri tiegħu
KKK 238-242: il-Missier huwa rivelat mill-Iben
KKK 989-990: il-qawmien tal-ġisem

Il-Ħmistax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 546: Kristu jgħallem permezz tal-parabboli
KKK 1703-1709: kapaċità li nikkorrispondu mar-rieda t'Alla
KKK 2006-2011: Alla jsieħb il-bniedem fil-ħidma tal-grazzja

KKK 1046-1047: il-ħolqien parti mill-univers
KKK 2707: il-valur tal-meditazzjoni

Is-Sittax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 543-550: is-Saltna t'Alla
KKK 309-314: it-tjieba t'Alla u l-iskandlu tal-ħażin
KKK 825, 827: żerriegħa tal-Vanġelu f'kull wieħed u waħda minna u fil-Vanġelu

KKK 1425-1429: il-ħtieġa ta' konverżjoni kontinwa
KKK 2630: talb ta' petizzjoni lill-Ispirtu s-Santu

Is-Sbatax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 407: ma ninjorawx id-dnub fis-sitwazzjoni umana
KKK 1777-1785: deċiżjoni morali f'għaqda mar-rieda t'Alla
KKK 1786-1789: infittxu r-rieda t'Alla
KKK 1038-1041: firda tat-tajbin u l-ħżiena fil-Ġudizzju
KKK 1037: Alla ma jippredestina lil ħadd għall-infern

It-Tmintax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 2828-2837: agħtina l-ħobżna ta' kuljum
KKK 1335: miraklu tal-ħobż jipprefigura l-Ewkaristija
KKK 1391-1401: il-frott tat-Tqqarbin

Id-Dsatax-il Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 164: il-fidi tgħaddi mill-prova
KKK 272-274: il-fidi biss tista' ssegwi t-triq misterjuża tal-providenza
KKK 671-672: fi żminijiet diffiċli, afda li kollox huwa mqiegħed suġġett għal Kristu
KKK 56-64, 121-122, 218-219: l-istorja tal-pattijiet; l-imħabba t'Alla għal Iżrael
KKK 839-840: ir-relazzjoni tal-Kelma mal-poplu Lhudi

L-Għoxrin Ħadd fi żmien ta' matul is-sena

KKK 543-544: Saltna l-ewwel għal Iżrael imbagħad għal dawk li jemmnu

KKK 674: Iżrael jistenna lil Kristu; l-aċċettazzjoni finali tal-Messija
KKK 2610: qawwa tal-invokazzjoni b'fidi sinċiera
KKK 831, 849: il-kattoliċita' tal-Knisja

